**Qorti tal-Appell Kriminali**

**Onor. Imħallef Consuelo Scerri Herrera, LL.D., Ph.D.**

**Appell Nru: 190 / 2023**

**Il-Pulizja**

**vs**

**Trevor Borg**

**<u>Illum 31 t' Ottubru, 2023</u>**

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotti kontra l-appellanti, Trevor Borg detenur tal-karta tal-identita Maltija 508983(M), akkuzat quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli nhar id-29 ta' Settembru 2014 u matul ix-xhur ta' qabel din id-data, f'dawn il-gżejjer li:

1. Assoċja ruħu ma xi persuna jew persuni oħra f'dawn il-gżejjer jew barra minn dawn il-gżejjer sabiex ibiegħ jew jittraffika f'dawn il-gżejjer mediċina (*cannabis grass*), bi ksur tad-dispożizzjonijiet tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi, Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta, jew ippromwova, ikkostitwixxa, organizza jew iffinanzja tali assoċjazzjoni;

2. Assoċja ruħu ma xi persuna jew persuni oħra f'dawn il-gżejjer jew barra minn dawn il-gżejjer sabiex ibiegħ jew jittraffika f'dawn il-gżejjer mediċina (kokajina), bi ksur tad-dispożizzjonijiet tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi, Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta, jew ippromwova, ikkostitwixxa, organizza jew iffinanzja tali assoċjazzjoni;

3. Assoċja ruħu ma xi persuna jew persuni oħra f'dawn il-gżejjer jew barra minn dawn il-gżejjer sabiex ibiegħ jew jittraffika f'dawn il-gżejjer mediċina (eroina), bi ksur tad-dispożizzjonijiet tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi, Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta, jew ippromwova, ikkostitwixxa, organizza jew iffinanzja tali assoċjazzjoni;

4. Ittenta jagħmel reat kontra din l-Ordinanza, jew ħajjar jew ġiegħel persuna oħra tagħmel dak ir-reat ai termini tal-Artikolu 22(5) tal-Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta;

5. U aktar talli naqas milli jħares xi waħda mill-kundizzjonijiet imposti fuqu mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) f'diversi digrieti tagħha li bihom taw il-ħelsien mill-arrest taħt garanzija;

6. U aktar talli sar reċidiv wara sentenzi mogħtija lilu mill-Qorti, liema deċiżjonijiet saru definittivi;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali ta' nhar it-28 t'April, 2023, fejn sabet lill-imputat Trevor Borg mhux ħati tal-imputazzjonijiet miġjuba kontra tiegħu u lliberatu minnhom.

Rat ir-rikors tal-appell tal-Avukat Generali, prezentat fir-registru ta' din l-Onorabbli Qorti nhar it-28 t' April 2023, fejn talab lil din l-Onorabbli Qorti sabiex joghgobha tħassar u tirrevoka s-sentenza appellata u minflok issib lill-appellat ħati ta' kull akkuża u tinfliġġi l-piena stabbilita skont il-liġi.

Rat l-aggravji tal-appellant Trevor Borg li huma cari u manifesti u jikkonsistu fis-segwenti, u cioe:

***1. L-inammissibilita' tal-istqarrija tal-appellant***

Illi l-ewwel aggravju tal-esponent huwa ċar u manifest, u jirrigwarda l-konsiderazzjoni tal- Qorti tal-Maġistrati rigward l-istqarrija tal-appellat mogħtija nhar

it-30 ta' Settembru 2014,[1] liema stqarrija ġiet meqjusa nieqsa minn valur probatorju u, konsegwentement, skartata mill-Qorti *stante* li l-appellat ma ġiex mogħti il-jedd għall-assistenza legali waqt l-interrogatorju.

Illi, b'kull dovut rispett, l-esponent ma jaqbilx mar-raġunament u l-konklużjoni tal-Qorti tal-Maġistrati u dana minħabba r-raġunijiet segwenti:

***L-istqarrija tal-appellat ittieħdet skont il-liġi viġenti ta' dak iż-żmien.***

Illi fir-rigward ta' stqarrijiet u dikjarazzjonijiet miksuba waqt l-interrogazzjoni mill-Pulizija ta' persuni suspettati iżda li għadhom ma ġewx mixlija l-Qorti, ġialadarba dawn l-istqarrijiet u dikjarazzjonijiet jikkostitwixxu prova fil-proċess penali, allura dawn għandhom jittieħdu skont il-liġi. Bl-istess mod, huma dawk l-istqarrijiet jew dikjarazzjonijiet miksuba bi vjolazzjoni ta' dritt li għandhom jiġu skartati, u dana minħabba li jkunu nieqsa minn kwalunkwe valur probatorju.

Illi l-esponent jirrileva li l-istqarrija in kwistjoni ttieħdet skont il-liġi viġenti ta' dak iż-żmien u dana kif ser jiġi spjegat fis-segwenti paragrafi.

Illi mill-atti proċesswali jemerġi li l-appellat irrilaxxa l-istqarrija nhar it-30 ta' Settembru 2014 waqt li kien fil-kustodja tal-Pulizija, senjatament, waqt l-interrogatorju tiegħu.

Illi nhar il-10 ta' Frar 2010, daħal fis-seħħ id-dritt għall-assistenza legali permezz tal-Avviż Legali '35/2010', liema dritt kien jikkonsisti f'kollokwu dirett jew bit-telefon bejn is-suspettat u l-avukat tiegħu għal massimu ta' siegħa qabel ma jibda dak l-interrogatorju.

Illi qabel irrilaxxa l-istqarrija tiegħu, kif traskritt a fol. 7 tal-atti proċesswali, l-imsemmi appellat ingħata d-drittijiet, *inter alia*, id-dritt tal-assistenza legali u dana hekk kif

[1] Vide fol. 7 u 8 tal-atti proċesswali.

kienet tirrikjedi l-liġi ta' dak iż-żmien. Jirriżulta, però, li l-appellat irrinunzja għad-dritt li jikkonsulta privatament mal-avukat jew prokuratur legali tal-fidjuċja tiegħu:

> Q: Tikkonferma li qabel ma bdejt tihgi [*recte*: tiġi] interrogat inti ġejt mogħti d-dritt li tikkonsulta ma avukat tal-għażla tiegħek u inti rrifjutajt?
>
> A: Iva
>
> Q: Fhimta t-twissija li għadni kif qrajtlek?
>
> A: Iva

Illi fix-xhieda ta' nhar il-15 t'Ottubru 2014, l-Uffiċjal Investigattiv, l-iSpettur Gabriel Micallef, xehed is-segwenti: *"Qed nesebixxi stqarrija meħuda fit-tletin (30) ta' Settembru ġewwa l-uffiċju tiegħu rilaxxata minn Trevor Borg [...] li rrilaxxja wara li jikkonsulta ma Avukat tal-għażla tiegħu"*.

Illi l-esponent jirrileva li mkien ma jirriżulta li l-appellat ġie b'xi mod imġiegħel jirrilaxxa l-istqarrija li huwa ta. L-appellat għażel li jwieġeb volontarjament, mingħajr theddid, influwenza, jew wegħdi jew promessi ta' vantaġġi, u dana wara li ngħata d-debita twissija skont il-liġi, cioe`, li ma kienx obbligat li jitkellem sakemm ma jkunx jixtieq li jitkellem, iżda li dak li kien ser jgħid seta' jinġieb bħala prova kontrih. Marbut ma dan, minn imkien ma jirriżulta li l-appellat kien persuni vulnerabbli.

Illi, għaldaqstant, għandu jsegwi li l-istqarrija in kwistjoni ġiet irrilaxxata skont il-liġi viġenti ta' dak iż-żmien.

Illi, sussegwentement, bit-traspożizzjoni fil-liġi nostrana ta' dak postulat fid-Direttiva '2013/48/UE' tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 t'Ottubru 2013 dwar id-dritt tal-aċċess għal avukat fi proċeduri kriminali, id-dritt tal-preżenza tal-avukat waqt l-interrogatorju ġie statutorjament sanċit permezz tal-Att bin-numru: 'LI tal-2016',

introdott nhar it-28 ta' Novembru 2016, fejn sar tibdil għall-Artikoli 355AT u 355AU tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Illi, konsegwentement, inħolqot sitwazzjoni ġdida a rigward stqarrijiet li ġew rilaxxati mid-data li daħlu fis-seħħ dawk l-emendi 'l quddiem, liema sitwazzjoni ħolqot żvilupp ġurisprudenzjali sħiħ (l-esponent ser jidħol f'dan l-iżvilupp aktar 'il quddiem f'dan l-umli appell).

***L-inammissibbiltà ta' prova fil-proċess penali***

Illi kif diversi drabi affermat mill-Qrati nostrana fir-rigward tal-prinċipju regolatur dwar l-ammissibbiltà ta' prova fil-proċess penali, prova ma titqiesx li hija inammissibbli sakemm ma jkunx hemm xi dispożizzjoni espressa tal-liġi li tippreludi l-ammissjoni ta' dik il-prova.

Illi l-esponent jagħmel referenza għas-sentenza **'Il-Pulizija vs Moumen Troure'** deċiża nhar is-27 t'Ottubru 2016, fejn il-Qorti tal-Appell Kriminali qalet is-segwenti:

> *"Issa meta il-Qorti tqis illi prova hija inammissibbli u għalhekk tiskartaha, dik il-prova trid tkun tali illi tippresupponi xi dispożizzjoni tal-liġi li teskludieha milli tinġieb 'il quddiem fil-proċess. Illi allura il-Qorti trid timxi b'ċirkospezzjoni kbira sabiex tqis jekk il-prova li l-akkużat qed ifittex li jxejjen tmurx kontra l-ispirtu tal-liġi li tirregola l-valur probatorju u l-ammissibbiltà tagħha."*

Illi f'dan ir-rigward, il-Professur **Sir Anthony Mamo** jgħid illi *"all evidence that is logically probative being admissible, unless excluded, such evidence does not have to seek justification, but is admissible irrespective of the issues raised by the defence"*.[2]

[2] Prof. Sir Anthony Mamo, '**Notes on Criminal Law**', it-Tieni Volum, paġna 89.

Illi fis-sottomissjonijiet tal-appellat, kemm fin-nota datata is-6 ta' Mejju 2021[3] u kif ukoll fit-trattazzjoni orali ta' nhar il-24 ta' Mejju 2022,[4] ma tqajjmet l-ebda eċċezzjoni in kwantu l-validità tal-istqarrija in kwistjoni.

Illi fis-sentenza odjerna, il-Qorti ma nvokat ebda regola tal-liġi penali li teskludi l-produċibilità tal-istess stqarrija iżda, minflok, għamlet referenza għal diversi sentenzi mogħtija mill-Qrati Maltin in kwantu l-vertenza in diżamina (fuq dawn is-sentenzi, l-esponent ser iressaq l-argumenti tiegħu aktar 'il quddiem f'dan l-umli appell).

Illi l-esponent, għalhekk, isosstni li l-istqarrija in kwistjoni ġiet irrilaxxata skont il-liġi viġenti ta' dak iż-żmien u *kwindi* ma tistax titqies li m'għandiex valur probatorju fit-termini tal-Artikolu 658 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.[5]

Illi, għaldaqstant, in vista tas-suespost, l-esponent jissottometti illi l-Qorti tal-Maġistrati ma kellhiex tiskarta l-kontenut tal-istqarrija meħuda lill-appellat u dana minħabba li l-imsemmija stqarrija għandha titqies bħala valida peress li din ġiet irrilaxxata skont il-liġi viġenti ta' dak iż-żmien.

*Żviluppi ġurisprudenzjali fir-rigward ta' stqarrijiet*

Illi hekk kif ben risaput u kif diġa ntqal f'dan l-umli appell, kien hemm evoluzzjoni fil-ġurisprudenza, kemm dik lokali u kemm ewropeja, dwar il-jedd ta' persuna suspettata bil-kummissjoni ta' reat li tkun assistita minn avukat.

Illi l-ġurisprudenza tal-Qorti Ewropeja għad-Drittijiet tal-Bniedem ("QEDB") ħadet xejra differenti mal-mogħdija taż-żmien dwar jekk hemmx leżjoni tad-dritt għas-smigħ xieraq meta l-istqarrija ma tkunx ittieħdet fil-preżenza t'avukat. Madanakollu, id-direzzjoni li qed tiġi mogħtija mill-QEDB hija univoka – f'każ li jkun hemm

[3] Vide fol. 49 et seq. tal-atti proċesswali.
[4] Vide fol. 522 et seq. tal-atti proċesswali.
[5] L-**Artikolu 658** tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta jistipula s-segwenti: *"Kull ħaġa li imputat jew akkużat jistqarr, kemm bil-miktub, b'mezzi awdjoviżwali, jew b'mezzi oħra, tista' tittieħed bi prova kontra jew favur min, skont kif ikun il-każ, ikun stqarrha, kemm-il darba jinsab li din il-konfessjoni ġiet magħmula minnu volontarjament u ma ġietx imġiegħla jew meħuda b'theddid jew b'biża', jew b'wegħdiet jew bi twebbil ta' vantaġġi"*.

restrizzjoni għall-assistenza legali waqt l-interrogatorju, <u>dan ma jfissirx li jkun hemm ksur għad-dritt għal smigħ xieraq b'mod awtomatiku</u>, iżda f'dawk il-każijiet ikunu jridu jiġu applikati żewġ testijiet: (1) it-test tal-eżistenza tal-*compelling reasons*, u f'każ li tali *compelling reasons* ma jirriżultawx; (2) it-test tal-*overall fairness* tal-proċeduri.

Illi, fi kliem ieħor, kull każ irid jitqies għalih billi jiġi mistħarreġ f'kull każ individwalment peress li l-fatt illi l-persuna akkużata ma kellhiex assistenza legali waqt it-teħid tal-istqarrija ma jippreżupponix awtomatikament l-eżistenza ta' leżjoni tad-dritt għas-smigħ xieraq; bil-ġudizzju l-aktar riċenti huwa '**<u>Philippe Beuze vs Belgium</u>**', liema kawża ġiet deċiża nhar id-9 ta' Novembru 2018.

Illi dawn il-kriterji baqgħu jiġu segwiti fid-deċiżjonijiet li segwew in materja, fosthom fil-kawża fl-ismijiet '**<u>Farrugia vs Malta</u>**', mogħtija nhar il-4 ta' Ġunju 2019, fejn il-QEDB irriteniet illi l-Qorti għandha dejjem tistħarreġ iċ-ċirkostanzi partikolari tal-każ, tenut kont ta' numru ta' kriterji, mhux eżawrjenti, hekk kif elenkati fid-deċiżjoni indikata fil-paragrafu preċedenti:

> 104. When examining the proceedings as a whole in order to assess the impact of procedural failings at the pre-trial stage on the overall fairness of the criminal proceedings, the following non-exhaustive list of factors, drawn from the Court's case-law, should, where appropriate, be taken into account:
>
> (a) whether the applicant was particularly vulnerable, for example by reason of age or mental capacity;
>
> (b) the legal framework governing the pre-trial proceedings and the admissibility of evidence at trial, and whether it was complied with – where an exclusionary rule applied, it is particularly unlikely that the proceedings as a whole would be considered unfair;

(c) whether the applicant had the opportunity to challenge the authenticity of the evidence and oppose its use;

(d) the quality of the evidence and whether the circumstances in which it was obtained cast doubt on its reliability or accuracy, taking into account the degree and nature of a any compulsion;

(e) where evidence was obtained unlawfully, the unlawfulness in question and, where it stems from a violation of another Convention Article, the nature of the violation found;

(f) in the case of a statement, the nature of the statement and whether it was promptly retracted or modified;

(g) the use to which the evidence was put, and in particular whether the evidence formed an integral or significant part of the probative evidence upon which the conviction was based, and the strength of the other evidence in the case;

(h) whether the assessment of guilt was performed by professional judges or lay magistrates, or by lay jurors, and the content of any directions or guidance given to the latter;

(i) the weight of the public interest in the investigation and punishment of the particular offence in issue, and;

(j) other relevant procedural safeguards afforded by domestic law and practice.

Illi, bid-dovut rispett, l-esponent umilment jissottometti li huwa proprju dak li kellha tagħmel il-Qorti tal-Maġistrati, u cioe`, illi mogħnija bil-provi ġia kumpilati, abbażi tat-test imfassal fil-każ ta' ***Beuze*** u mħaddan fil-każ ta' **Farrugia**, tistħarreġ jekk il-kriterji stabbiliti supra elenkati ġewx imħaddna jew le, u allura jekk minħabba l-fatt

illi l-appellat ma ngħatax il-jedd li jkollu avukat preżenti miegħu waqt it-teħid tal-istqarrija setax ikkawża leżjoni tad-dritt għas-smigħ xieraq.

Illi fis-sentenza tagħha, il-Qorti tal-Maġistrati ċitat is-segwenti sentenzi:

- **Christopher Bartolo vs l-Avukat Ġenerali** (5/10/2018);
- **Morgan Onourah vs l-Avukat tal-Istat** (27/01/2021);
- **Clive Dimech vs l-Avukat tal-Istat** (27/01/2021);
- **Ir-Repubblika ta' Malta vs Kevin Gatt et** (27/10/2021);
- **Christopher Bartolo vs l-Avukat tal-Istat** (26/04/2022);
- **Ir-Repubblika ta' Malta vs Andrew Mangion** (4/07/2022);
- **Il-Pulizija vs Claire Farrugia** (20/11/2018);
- **Il-Pulizija vs Emad Masoud** (16/5/2019);
- **Il-Pulizija vs Aldo Pistella** (16/4/2018);
- **Ir-Repubblika ta' Malta vs Rosario Militello** (18/11/2021);

Illi l-imsemmija Qorti, mingħajr ma daħlet fil-fattispecie ta' dawn il-każijiet u kif dawn jikkomparaw ma' dawk tal-każ odjern, u mingħajr m'ikkunsidrat il-kriterji, mhux eżawrjenti, li ħarġu mill-każ ta' ***Beuze*** u riflessi fil-każ ta' **Farrugia** *vis-à-vis* il-każ odjern, tenniet is-segwenti:

> Fil-każ odjern, għalkemm fl-istqarrija rilaxxjata minnu l-imputat m'għamilx dikjarazzjonijiet inkriminanti fis-sens ristrett tal-kelma u dan stante illi huwa saħansitra nnega illi mumenti qabel l-arrest tiegħu, huwa għadda xi flus lil Bartolo, biss huwa evidenti illi kemm-il darba l-Qorti tqis illi din l-istqarrija għandha valur probatorju u teħodha in konsiderazzjoni mal-bqija tal-provi proċesswali, allura din tista' tkun ta' preġudizzju għalih, tal-inqas għaliex tinċidi fuq il-kredibiltà tiegħu. Fiċ-ċirkostanzi, għalhekk, il-Qorti qed tiskarta l-kontenut tal-istess stqarrija meħudha lill-imputat mingħajr il-jedd għall-assistenza legali bħala nieqsa minn valur probatorju. Naturalment, dan jgħodd ukoll għal dak li xehed l-Uffiċjal Prosekutur in

konnessjoni mad-dikjarazzjonijiet tal-imputat fl-istqarrija rilaxxata minnu.

***It-test tal- 'overall fairness' tal-proċeduri kriminali***

Illi l-esponent umilment ifakkar li, naturalment, deċiżjoni mogħtija f'ċerti ċirkostanzi mhux neċċessarjament hija deċiżjoni ġusta f'ċirkostanzi diversi. Id-dritt tas-smigħ xieraq irid jiġi meqjus fil-kuntest tat-totalità tal-proċeduri kollha u mhux fir-rigward ta' mument speċifiku. L-esponent jemmen illi jekk wieħed iqis il-fattispecie tal-każ odjern u japplikhom mal-kriterji tal-*overall fairness of the proceedings,* wieħed għandu jsib illi f'dan il-każ ma seħħitx leżjoni tad-dritt għas-smigħ xieraq.[6]

Illi mill-atti proċesswali jemerġi s-segwenti:

- Illi kif ġie sottomess aktar 'il fuq, qabel l-interrogatorju, l-appellat ingħata l-opportunità li jitkellem m'avukat tal-għażla tiegħu, *de visu* jew b'mod telefoniku, iżda dana rrifjuta. Konsegwentement, l-appellat ċaħħad lilu nnifsu mill-opportunità li ngħatatlu sabiex ikollu parir t'avukat sabiex jipprepara ruħu għall-interrogazzjoni u sabiex jingħata tagħrif dwar il-vantaġġi u żvantaġġi li jitkellem, jew li jagħżel s-silenzju waqt l-interrogazzjoni. Dan qed jingħad fid-dawl tal-fatt illi l-appellat kien jaf li waqt l-interrogazzjoni ma kienx ser ikollu l-assitenza t'avukat preżenti. Dan apparti wkoll li l-appellat kien infurmat b'mod ċar bil-jedd li jibqa' sieket u ma jweġibx, u bil-konsegwenza li dak li se jgħid seta' jinġab bħala prova. Madankollu, l-appellat xorta waħda għażel li jwieġeb liberalment għad-domandi li sarulu;

- Illi fid-data li ġiet irrilaxxata l-istqarrija, l-appellat kellu 30 sena. Minn imkien ma jirriżulta li l-appellat kien persuna vulnerabbli meta rrilaxxa l-imsemmija stqarrija. *In oltre*, ma tirriżulta l-ebda prova fis-sens li ċ-ċirkostanzi li fihom sarulu il-mistoqsijiet

---

[6] Illi mingħajr preġudizzju, u fil-mertu bħala punt ta' dritt taħt l-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropeja, wieħed isib il-jedd għal smigħ xieraq u mhux il-jedd għall-għajnuna t'avukat qabel ma, jew waqt illi, tittieħed stqarrija – b'dana illi jekk in-nuqqas ta' konsultazzjoni m'avukat fil-mument tat-teħid tal-istqarrija ma jġib l-ebda preġudizzju serju għall-akkużati fl-eżitu tal-proċeduri kriminali, allura dawn tal-aħħar ma jkollhom l-ebda raġuni biex jinvokaw ksur tal-jedd ta' smigħ xieraq abbażi ta' dan in-nuqqas.

kienu intimidanti għalih jew li ma kienx qed jifhem l-import taċ-ċirkostanzi li kien jinsab fihom.

- Illi l-appellat kien ġa xellef difru mal-ġustizzja qabel ma rrilaxxa l-istqarrija in kwistjoni u, għaldaqstant, ma kienx novizz għal proċeduri kriminali.[7] In fatti, mill-atti proċesswali joħroġ ben ċar illi l-appellat kien jaf x'inhi *control delivery*.[8]

- Illi l-appellat għażel li jiffirma l-istqarrija tiegħu u ddikjara li l-imsemmija stqarrija ġiet irrilaxxata minn jeddu, mingħajr ebda wegħdi ta' favuri jew vantaġġi, u mingħajr ebda biża jew theddid.

- Illi l-istqarrija rilaxxata mill-appellat, mhux talli hija l-unika prova li timmilita kontra l-istess appellat iżda, għall-kuntrarju, il-kontenut tal-istqarrija mhux inkriminanti *vis-à-vis* l-imputazzjonijiet odjerni. L-appellat sostna li ltaqa' ma' Bartolo mhux għal xi raġuni partikolari, iżda għax ħaseb li Bartolo ried ikellmu fuq każ il-Qorti li għandhom flimkien. L-appellat stqarr ukoll li huwa ma kienx laħaq kellem lil Bartolo u nnega li għadda xi flus lill-istess Bartolo. Ċertament, dawn id-dikjarazzjonijiet mhux talli ma jissodisfaw l-ebda mill-elementi tar-reat tal-assoċjazzjoni tad-droga iżda jimmilitaw kontra l-istess elementi.

- Illi matul il-mori tal-proċeduri, l-appellat kien assistit minn avukati tal-fiduċja tiegħu, u dana minn meta nħarġu l-akkużi fil-konfront tiegħu;

- Illi l-proċeduri nżammu u qed jiġu ddeterminati minn Qrati indipendenti u mparzjali;

- Illi s-smigħ tal-proċeduri sar fil-preżenza tal-appellat;

- Illi l-partijiet ġew trattati b'mod ugwali;

---

[7] Vide fol. 8 tal-atti proċesswali.

[8] Nhar il-15 t'Ottubru 2014, **PC 467 Graham Baldachino** xehed illi *"Brian Bartolo lil Trevor qallu Inti [...], għamiltli control delivery. Qabeż Trevor qallu: Jien ma nagħmilx dawn l-affarijiet"*. Fl-istess seduta, **PS 923 Pierre Guido Saliba** xehed illi *"Dak il-ħin, is-sur Bartolo beda jgħidlu, beda joffendieh biex ngħidlek eżatt, beda joffendieh u jgħidlu: Iffrejmjajtni, għamiltli control delivery u s-sur Borg beda jgħidlu: Jiena ma nagħmilx dawn l-affarijiet, ma nagħmilx dawn l-affarijiet"*.

- Illi l-appellat ġie mogħti ż-żmien u l-faċilitajiet xierqa għall-preparazzjoni tal-każ tiegħu;[9]

- Illi kwalunkwe evidenza li nġabret f'dawn il-proċeduri, inkluż l-istqarrija in kwistjoni, inġabret skont il-liġi viġenti ta' dak iż-żmien;

- Illi dawn il-proċeduri jittrattaw reati ta' droga u, għaldaqstant, l-element tal-interess pubbliku ċertament li huwa preżenti;

- Illi l-appellat ipparteċipa bis-sħieħ fil-kumpilazzjoni. Fil-fatt, l-appellat xehed quddiem il-Qorti tal-Maġistrati nhar il-14 t'Ottubru 2020,[10] ressaq żewġ xhieda,[11] u ressaq is-sottomissjonijiet tiegħu quddiem il-Qorti tal-Maġistrati kemm permezz ta' nota datata nhar is-6 ta' Mejju 2021[12] u kif ukoll permezz ta' trattazzjoni orali nhar il-24 ta' Mejju 2022.[13]

Illi, għaldaqstant, fl-umli fehma tal-esponent, meta wieħed jieħu in konsiderazzjoni dawn il-fatturi kollha fl-intier tagħhom, wieħed għandu jasal għall-konklużjoni li waslet għaliha is-sentenza ta' **Farrugia**, u cioe`, illi *"despite the lack of procedural safeguards relevant to the instant case, the overall fairness of the criminal proceedings was not irretrievably prejudiced by the restriction on access to a lawyer"*.

Illi, finalment, l-esponent jagħmel referenza għas-sentenza fl-ismijiet **'Charles Steven Muscat vs Avukat Ġenerali'** mogħtija nhar it-8 t'Ottubru 2012, fejn l-Onorabbli Qorti Kostituzzjonali qalet is-segwenti:

> *"Din il-qorti ttenni illi l-jedd li jagħtu l-Kostituzjoni u l-Konvenzjoni huwa dak għal smigħ xieraq: ma hemm ebda jedd li kull min hu akkużat b'reat kriminali jiġi liberat minn dik l-akkuża, jew li l-akkużat jingħata l-mezzi biex, ħati jew mhux, jinħeles mill-akkuża, jew li, minħabba xi*

[9] Vide, per eżempju, fol. 452 tal-atti proċesswali.
[10] Vide fol. 474 *et seq.* tal-atti proċesswali.
[11] Ossia **Maria Dolores Fenech** li xehdet nhar il-24 ta' Novembru 2020 u **Maria Mifsud** li xehdet nhar it-23 ta' Frar 2021.
[12] Vide fol. 49 *et seq.* tal-atti proċesswali.
[13] Vide fol. 522a *et seq.* tal-atti proċesswali.

*irregolarità, tkun xi tkun, min fuq il-fatti għandu jinstab ħati għandu jitħalla jaħrab il-konsegwenzi ta' għemilu. Il-jedd għal smigħ xieraq jingħata kemm biex, wara proċess fi żmien raġonevoli u bil-garanziji xierqa, min ma huwiex ħati ma jeħilx bi ħtija, u biex jingħata l-mezzi kollha meħtieġa għalhekk, u kemm biex min huwa tassew ħati ma jaħrabx il-konsegwenzi tal-ħtija tiegħu. Il-jedd għal smigħ xieraq ma jingħatax biex min hu tassew ħati jasal biex, b'xi mod jew b'ieħor, ma jweġibx tal-ħtija tiegħu. Jekk il-jedd għal smigħ xieraq, kif interpretat u applikat, iwassal għal hekk, mela hemm xi ħaġa ħażina ħafna fis-sistema tal-ħarsien tad-drittijiet."*

Illi għaldaqstant, fid-dawl ta' fuq premess, l-esponent umilment jissottometti li l-istqarrija in kwistjoni għandha titqies bħala prova ammissibbli bil-valur probatorju kollha tagħha u, għaldaqstant, kellha u għandha tiġi kkunsidrata u mgħarrbla flimkien mal-provi kollha l-oħra hekk kif prodotti fil-każ odjern.

2. ***L-inammissibbilita' tal-istqarrija guramentata u x-xhieda ta' Brian Godfrey Bartolo***

Illi t-tieni aggravju tal-esponent huwa ċar u manifest, u jirrigwarda l-konsiderazzjoni tal-Qorti tal-Maġistrati a rigward l-istqarrija ġuramentata u x-xhieda ta' Brian Godfrey Bartolo li ġew meqjusa bħala inammissibbli fil-konfront tal-appellat u, konsegwentament, skartati mill-Qorti tal-Maġistrati.

Illi fis-sentenza tagħha, il-Qorti tal-Maġistrati qieset lil Brian Godfrey Bartolo bħala xhud mhux kompetenti u dana minħabba li fl-istadju li xehed fil-proċeduri odjerni kien għadu ko-akkużat bir-reati mertu tal-każ odjern. B'kull dovut rispett, l-esponent ma jaqbilx ma' din il-konklużjoni.

***<u>X'tgħid il-liġi</u>***

Illi, qabel xejn, l-esponent jagħmel referenza għas-segwenti dispożizzjonijiet tal-liġi:

Illi l-**Artikolu 636(b)** tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta jipprovdi li *"[e]bda eċċezzjoni dwar il-kompetenza ta' xhud ma tiġi milqugħa minħabba [...] li kien imputat tal-istess reat li fuqu tkun meħtieġa x-xiehda tiegħu, meta l-Gvern ikun wegħdu jew tah l-impunità sabiex hekk ikun jista' jixhed"*.

Illi l-**Artikolu 646** tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta jgħid:

(1) Bla ħsara tad-dispożizzjonijiet li ġejjin ta' dan l-artikolu, ix-xhieda għandhom dejjem jiġu eżaminati fil-Qorti u viva voce.

(2) Ix-xiehda tax-xhieda, sew kontra kemm favur l-imputat jew akkużat, kemm-il darba tkun ittieħdet bil-ġurament matul il-kompilazzjoni, skont il-liġi, tista' tinġieb bħala prova:

Basta li x-xhud jinġieb ukoll fil-Qorti biex jiġi eżaminat viva voce kif provdut fis-subartikolu (1) ħlief jekk, meta jitqiesu ċ-ċirkostanzi tal-każ, huwa evidenti lill-Qorti li xhieda viva voce tista' tikkawża ħsara psikoloġika lix-xhud u jekk ix-xhud ikun mejjet, ikun barra minn Malta jew ma jkunx jista' jinsab u bla ħsara għad-dispożizzjonijiet tas-subartikolu (8):

(4) Il-proċessi verbali jistgħu jinġiebu bħala prova bħal ma jingħad fl-artikolu 550.

Illi l-**Artikolu 661** tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta jistipula li *"[k]onfessjoni ma tagħmilx prova ħlief kontra min jagħmilha, u mhix ta' preġudizzju għal ebda persuna oħra"*.

Illi l-**Artikolu 30** tal-Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta jipprovdi hekk:

(1) Minkejja d-dispożizzjonijiet tal-artikolu 639(3) tal-Kodiċi Kriminali meta persuna tkun xtrat jew xort'oħra kisbet jew akkwistat mediċina bi ksur tad-dispożizzjonijiet ta' din l-Ordinanza, ix-xiehda ta' dik il-persuna fi proċedimenti kontra l-

persuna li mingħandha tkun xtrat, kisbet jew akkwistat il-mediċina, m'għandhiex għalfejn tkun korroborata b'ċirkostanzi oħra.

(2) Meta l-uniku xhud kontra l-akkużat f'xi reat kontra din l-Ordinanza jew kontra l-Ordinanza dwar il-Professjoni Medika u l-Professjonijiet li għandhom x'jaqsmu magħha li jinstema' quddiem il-ġurati jkun persuna kompliċi, il-Qorti għandha tagħti direzzjoni lill-ġurija biex jiżnu x-xhieda tax-xhud b'kawtela qabel ma jserrħu fuqu u jaslu biex isibu ħati lill-akkużat.

Illi l-**Artikolu 30A** tal-Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta jiddisponi hekk:

Minkejja d-dispożizzjonijiet tal-artikolu 661 tal-Kodiċi Kriminali, meta persuna tkun involuta f'xi reat kontra din l-Ordinanza, kull dikjarazzjoni magħmula minn dik il-persuna u li tiġi konfermata bil-ġurament quddiem maġistrat, u kull xiehda mogħtija minn dik il-persuna quddiem xi qorti tista' tinġieb bi prova kontra kull persuna oħra akkużata b'reat kontra l-imsemmija Ordinanza, kemm-il darba jinsab li dik id-dikjarazzjoni jew xiehda tkun saret jew ingħatat volontarjament, u ma ġietx imġiegħla jew meħuda b'theddid jew b'biża, jew b'wegħdiet jew bi twebbil ta' vantaġġi.

***<u>Id-dottrina u ġurisprudenza</u>***

Illi l-esponent jinnota illi, sfortunatament, l-ġurisprudenza nostrana in kwantu l-ammissibbiltà tal-istqarrijiet ġuramentati skont l-Artikolu 30A tal-Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta mhix waħda konsistenti. Bla ebda dubju, hemm diversi aspetti legali differenti li huma relevanti a rigward u, konsegwentament, matul is-snin, din il-

materja kienet soġġetta għal diversi interpretazzjonijiet mill-Qrati Maltin. L-esponent ser issa jagħmel referenza għal xi sentenzi li daħlu fuq din il-vertenza:

***'Il-Pulizija vs Pierre Gravina'*** *– Appell Kriminali – 26/5/2003*

Illi, f'dan il-każ, id-difiża eċċepiet l-inammissibbiltà tal-istqarrija ġuramentata ta' Concetto Mentosa peress li ma ġiex prodott sabiex jixhed viva voce, u għalhekk l-appellant ma kellux l-opportunità li jikkontrolla lil Mentosa.

Illi l-Qorti qalet illi l-Artikolu 30A ma jipprovdix eċċezzjoni għar-regola tal-Artikolu 646(1) iżda għar-regola kontenuta fl-Artikolu 661. Għaldaqstant, ir-regola hija li min jirrilaxxa dik l-istqarrija għandu jingieb fil-Qorti biex l-imputat jew akkużat ikun jista' jikkontroezaminah dwarha. S'intendi, dan ma jfissirx li jekk ix-xhud, meta jigi eżaminat jew kontro-eżaminat, ibiddel jew jirritratta minn dak li jkun qal fid-dikjarazzjoni ġuramentata, allura dik id-dikjarazzjoni (jew il-parti mibdula jew ritrattata) ma tkunx aktar tista' tittieħed bħala prova kontra l-akkużat; il-ġudikant jista' xorta waħda, wara li jkun sema' lix-xhud, jasal għall-konklużjoni li il-verita` hija dik kontenuta fl-istqarrija ġuramentata u mhux dak li jkun iddepona fil-Qorti x-xhud. Ifisser biss li, bħala regola, min ikun għamel tali stqarrija ġuramentata għandu jinġieb il-Qorti għall-fini ta' kontroll da parti tal-akkużat jew imputat.

***'Ir-Repubblika ta' Malta vs Matthew-John Migneco'*** *– Qorti Kriminali – 8/4/2010*

Illi, f'dan il-każ, id-difiża eċċepiet l-inammissibbiltà tal-istqarrija ġuramentata ta' Joseph Rizzo u dana minħabba li meta għamilha kien ikkunsidrat bħala 'ko-akkużat', u kkontendiet illi fl-eventwalità li fis-smigħ tal-ġuri Rizzo ikun ammissibli, it-tali xiehda tkun tista' tintuża biss bħala mezz ta' kontrol.

Illi l-Qorti qalet illi l-Artikolu 30A, bħala forma ta' inkjesta dwar l-in genere, tista' tinġieb bħala prova, u mhux sempliċiment għall-finijiet ta' kontroll, basta però, li x-xhud irid jinġieb fil-Qorti biex jiġi eżaminat viva voce (ħlief jekk ikun mejjet, barra minn Malta, jew ma jkunx jista' jinstab). F'każ illi fil-kors tal-ġuri kontra l-akkużat,

Rizzo jkun għadu hekk ko-akkużat, allura ma jkunx ammissibbli bħala xhud u anqas l-istqarrija ġuramentata ma tkun hekk ammissibbli.

***'Ir-Repubblika ta' Malta vs Giovanna Pace et'*** – *Qorti Kriminali – 6/1/2012*

Illi, f'dan il-każ, id-difiża eċċepiet l-inammissibbiltà tal-istqarrijiet ġuramentata ta' Oscar Cassar u Philip Aquilina salv jekk jintużaw limititament għall-finijiet ta' kontroll. Il-Qorti għamlet referenza għall-Artikolu 30A u qalet illi stqarrija ġuramentata tista' tinġieb kontra l-akkużat filwaqt li stqarrija li mhix ġuramentata tista' tintuża biss bħala mezz ta' kontroll.

F'dan il-każ, tqajjmet ukoll l-inammissibbiltà tal-istqarrija ġuramentata ta' Giovanna Pace u Christopher Mazzitelli fejn id-difiża ssottomettiet illi dawn huma meqjusa bħala 'ko-akkużati' u li, jekk issir s-separazzjoni tal-ġudizzju, allura jsegwi li jkunu jistgħu jintużaw għall-fini ta' kontroll. Il-Qorti, filwaqt li rreferiet għall-Artikoli 636(b) u 661 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, laqat din l-eċċezzjoni.

***'Il-Pulizija vs Dumbaya Almani'*** – *Qorti tal-Appell Kriminali – 31/1/2013*

Illi, f'dan il-każ, id-difiża eċċepiet l-inammissibbiltà tal-istqarrijiet ġuramentati ta' Arias u Mussa u dana minħabba li dawn ma xehdux fil-kawża kontra l-appellant peress li kienu meqjusa 'ko-akkużati'. Il-Qorti qalet is-segwenti:

> *"Li persuna tiddikjara li hemm procedimenti kriminali pendenti kontra taghha in konnessjoni ma' kaz ma jfissirx illi dik il-persuna ma tistax tixhed. Mhiex ostakolu a priori ghax-xhieda ta' dik il-persuna, imma ghandha titla' fuq il-pedana tax-xhud, tiddikjara l-pozizzjoni taghha u tirrifjuta illi twiegeb domandi jekk bir-risposta li taghti sejjer tinkrimina lilha nnifisha. Però ma jfissirx illi ma tistax twiegeb ghal domandi li jikkoncernaw terzi u li fuqhom il-persuna tista' tixhed direttament [...]*

*F'dawn iz-zewg istanti l-Qorti ssib li l-appellant dejjem kien debitament assistit, veru b'avukati differenti, imma hadd minnhom ma intervjena biex jigbed l-attenzjoni tal-Qorti illi xtaq jaghmel kontro ezami biss ghal dak li jirrigwarda l-operat tal-appellant f'din il-vicenda. Din is-sitwazzjoni allura l-ewwel Qorti kellha kull dritt iddur fuq id-dispost tal-artikolu 30A tal-Kap 101 u tuza d-dikjarazzjonijiet guramentati quddiem Magistrat maghmula minn Arias u Mussa bhala prova kontra l-appellant illi kien akkuzat b'reati kontra din l-imsemmija Ordinanza."*

***'Ir-Repubblika ta' Malta vs Ramon Fenech'*** – Qorti Kriminali – 2/6/2016

Illi, f'dan il-każ, id-difiża eċċepiet l-inammissibbiltà tal-istqarrija ġuramentata ta' Simon Linton Sancto u x-xhieda tal-istess fil-mori tal-kumpilazzjoni u dana minħabba li fil-mument li ngħatat, dan ix-xhud kellu jitqies bħala 'ko-akkużat' peress li l-każ tiegħu kien għadu ma għaddiex in ġudikat.

Il-Qorti qalet li *ai termini* tal-Artikolu 121B tal-Kap 31, ix-xhud għandu jitqies li huwa *'a competent witness'* minkejja li fiż-żmien li xehed kien għadu jitqies bħala 'ko-akkużat' peress li l-proċeduri fil-konfront tiegħu dwar l-istess fatti kienu għadhom *sub judice*. Però, dan ix-xhud ma kienx *'a compellable witness'*, u għalhekk ma setax jiġi mġiegħel jixhed għal domandi inkriminanti.

Illi, *in oltre*, il-Qorti osservat illi minkejja dan, dan ix-xhud għażel illi jixhed viva voce fejn huwa kkonferma l-kontenut tal-istqarrija ġuramentata. F'din is-seduta, l-akkużat kellu d-dritt li jagħmel il-kontro-eżami *ai fini* ta' kontroll.

Illi l-Qorti osservat ukoll illi f'dak l-istadju, il-każ ta' Sancto għadda in ġudikat u ma kien hemm xejn x'josta lil dan ix-xhud milli jixhed fil-ġuri. Għaldaqstant, ix-xiehda ta' Sancto ġiet iddikjarata ammissibbli.

Illi, f'dan il-każ, id-difiża eċċepiet l-inammissibbiltà tal-istqarrijiet ġuramentatati ta' Marlon Apap u Brian Godrey Bartolo peress li 'dawn il-ko-akkużati' ma xehdux fil-kumpilazzjoni sabiex ma jinkriminawx irwieħhom f'proċeduri pendenti fil-konfront tagħhom fuq l-istess fatti.

Illi l-Qorti, filwaqt li għamlet referenza għall-Artikolu 30A, qieset li fi żmien li Marlon Apap u Brian Godfrey Bartolo bħala *'competent witnesses'* fil-konfront tal-akkużat u dana minkejja li fiż-żmien li taw id-depożizzjoni tagħhom kienu għadhom ko-akkużati fi proċeduri separati li ma kienux għadhom ġew konklużi.

Illi l-Qorti kompliet tgħid illi, ċertament, sakemm il-proċeduri tagħhom ikunu għadhom sub judice, dawn ix-xhieda ma jistgħux jitqiesu bħala *'compellable witnesses'*, u għalhekk ma jistgħu qatt jiġu mġiegħla jixhdu u jwieġbu għal domandi li jistgħu b'xi mod jinkriminawhom. Fil-fatt, meta x-xhieda xehdu fil-mori tal-kumpilazzjoni, huma għażlu li ma jixhdux.

Illi l-Qorti qalet illi f'dak l-istadju, kien prematur sabiex l-istqarrijiet ġuramentati meħuda skont il-liġi jiġu ddikjarati inammissibbli meta dawn ix-xhieda kienu għadhom indikati bħala xhieda tal-prosekuzzjoni sabiex jixhdu fil-ġuri tal-akkużat.

Illi, madanakollu, il-Qorti qalet ukoll illi l-Artikolu 30A mhux eċċezzjoni għall-Artikolu 646 u, għaldaqstant, jekk waqt iċ-ċelebrazzjoni tal-ġuri tal-akkużat dawn ix-xhieda ma jixhdux viva voce sabiex ma jinkriminawx lilhom infushom, allura l-Imħallef togat ikun irid necessarjament jaghti id-direzzjoni opportuna lill-ġurati fuq l-ammissibbiltà o meno tal-prova konsistenti fix-xhieda ġuramentata ta' Apap u Bartolo.

***'Ir-Repubblika ta' Malta vs Charles Paul Muscat' –*** *Appell Kriminali – 13/10/2016*

Illi l-Qorti, filwaqt li kkonfermat is-sentenza appellata, issoffermat illi (i) l-Artikolu 30A huwa eċċezzjoni għall-Artikolu 661 biss, (ii) ix-xhieda għandhom jinstemgħu viva voce (salv għal dak li jipprovdi l-Artikolu 646(2)), (iii) fejn l-unika xiehda hija tal-kompliċi,

għandu japplika l-Artikolu 639(3), u (iv) jekk ma jkunux ġew terminati definittivament il-proċeduri kontra x-xhieda huwa applikabbli *a contrario sensu* l-Artikolu 636.

***'Ir-Repubblika ta' Malta vs Ramon Fenech'*** – *Appell Kriminali – 23/02/2017*

Illi, f'dan il-każ, il-Qorti tal-Appell Kriminali (Sede Superjuri), osservat illi meta Simon Linton Sancto rrilaxxa l-istqarrija ġuramentata u kif ukoll meta xehed fil-kumpilazzjoni, kien jitqies bħala 'ko-akkużat' fit-termini tal-liġi hekk kif interpretata mill-ġurisprudenza tagħha.

Illi l-Qorti, filwaqt li rreferiet għas-sentenzi ta' Charles Paul Muscat (datata nhar it-13 t'Ottubru 2016) u dik ta' Pierre Gravina, osservat illi l-proċeduri kontra x-xhud Simon Linton Sancto għaddew in ġudikat u hu il-ħsieb tal-prosekuzzjoni li tressqu bħala xhud fil-ġuri. Konsegwentement, ix-xiehda ta' Sancto kemm dik ġuramentata u kemm dik mogħtija quddiem il-Qorti Istruttorja hija issa ammissibbli bħala prova għall-finijiet ta' kontroll jew konfront.

***'Ir-Repubblika ta' Malta vs Publius Micallef et'*** – *Appell Kriminali – 28/02/2018*

Illi, f'dan il-każ, id-difiża eċċepiet l-inammissibbiltà tal-istqarrijiet ġuramentati ta' Jason Manuel Briffa u Joseph Grech li kienu meqjusa 'ko-akkużati' mal-appellati. Briffa u Grech qatt ma nġabu mill-prosekuzzjoni sabiex jiddeponu fil-kumpilazzjoni u dana minħabba li l-proċeduri fil-konfrot ta' Briffa kienu għadhom *sub judice* u Grech kien miet fil-mori tal-kumpilazzjoni.

Illi l-Qorti qalet illi l-Artikolu 30A tal-Kap. 101 joħloq eċċezzjoni biss għar-regola stabbilita fl-Artikolu 661 tal-Kap 9. Biss, din trid bilfors tinqara bis-salvagwardji kollha kostituzzjonali u cioè, fl-ewwel lok, id-dritt għas-silenzju tax-xhud li għadu qed jiffaċċja proċeduri penali kontra tiegħu u, kif ukoll, illi dak li jingħad mix-xhud f'tali stqarrija ġuramentata għandu dejjem ikun assoġġettat għal kontroll tad-difiża, u jekk id-difiża ma tkunx eżerċitat dan id-dritt tagħha, allura l-Qorti tkun prekluża milli tistrieħ fuq tali prova. Għaldaqstant, il-Qorti skartat il-prova magħmula bl-istqarrijiet ġuramentati.

***'Ir-Repubblika ta' Malta vs Patrick Gatt'*** *– Appell Kriminali – 22/01/2019*

Illi, f'dan il-każ, il-Qorti qalet illi ma kien hemm ebda restrizzjoni legali sabiex Glendon Chappell, liema xhud irrilaxxa stqarrija u kkonfermaha taħt ġurament jidher bħala xhud fil-proċeduri kontra l-appellant *"irrespettivament jekk ikunx ammetta l-akkużi miġjuba kontra tiegħu u jekk il-proċeduri ikunux deċiżi finalment u dan ai termini tal-Artikolu 30A tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta"*.[14]

***'Ir-Repubblika ta' Malta vs Fabian Catania'*** *– Qorti Kriminali – 19/05/2022*

Illi, f'dan il-każ, id-difiża eċċepiet l-inammissibbiltà tal-istqarrija ġuramentata ta' Tomislav Hegedus peress li kien meqjus bħala 'ko-akkużat' tal-akkużat fil-proċeduri in diżamina.

Il-Qorti qalet is-segwenti:

> *"Fil-każijiet li japplika għalihom l-Artikolu 30A tal-Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta, hija l-Liġi stess li tirradika l-kompetenza biex jixhed lil persuna li wkoll tista' tkun ko-akkużata ma persuna oħra. Bis-saħħa ta' din il-Liġi speċifika tirriżulta deroga għar-regola li persuna li tkun ko-akkużata titqies li hija xhud inkompetenti fir-rigward ta' persuna ko-akkużata. B'hekk bis-saħħa tal-istess Liġi, ix-xhieda ta' ko-akkużat minkejja li tkun timplika mhux lilu biss iżda anki lil persuna oħra – kemm jekk din tkun kompliċi jew ko-awtriċi – hija ammissibbli bħala prova u ma tistax tiġi skartata minħabba fli ngħatat minn ko-akkużat. Għalhekk l-akkużat m'għandux raġun fl-argument tiegħu li dawn l-istqarrijiet magħmula ai termini tal-Artikolu 30A tal-Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta għandhom ikunu a priori ddikjarati inammissibbli."*

Illi l-Qorti qalet ukoll li, bħala regola, min ikun għamel tali stqarrija ġuramentata għandu jinġieb il-Qorti u dana *ai fini* ta' kontroll. Għaldaqstant, għalkemm xhud li

---

[14] Sottolinjar tal-esponent.

jirrilaxxa stqarrija ġuramentata li tinkrimina ko-akkużat hija ammissibbli bħala prova bis-saħħa tal-Artikolu 30A, dan ix-xhud xorta waħda jrid jixhed *viva voce* fil-proċeduri.

Illi, *in oltre,* għalkemm dan ix-xhud ikollu kull dritt li ma jinkriminax ruħu dment li l-proċeduri kontrih ikunu *sub judice* (f'dan l-istadju jkun *'a competent witness'*), hekk kif il-proċeduri kontrih jinqatgħu definittivament, allura dan għandu jieħu l-pedana tax-xhieda bħal kull xhud ordinarju ieħor (f'dan l-istadju jkun *'a compellable witness'*).

Illi l-Qorti, wara li għamlet referenza għal diversi sentenzi a rigward, elenkat is-segwenti prinċipji:

1. Bħala regola fi proċeduri meħuda għall-ksur tal-provvedimenti tal-Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta, huwa possibbli li ko-akkużat jagħmel konfessjoni li tkun ta' preġudizzju għal ko-akkużat ieħor; u tali xhieda hija ammissibbli u valida meta magħmula skont id-dettami tal-Artikolu 30A tal-imsemmi Kapitolu;

2. Dik ix-xhieda hija ammissibbli allavolja meta ssir huwa jkun għadu meqjus bħala ko-akkużat in kwantu l-proċeduri kontra tiegħu jkunu għadhom sub-judice;

3. Dan il-ko-akkużat jista' ma jkunx xehed fl-istadju tal-kumpilazzjoni tal-provi quddiem il-Qorti tal-Maġistrati bħala Qorti Istruttorja dment li l-proċeduri li jkunu ttieħdu fil-konfront tiegħu jkunu għadhom pendenti kontra tiegħu u dan sabiex ma jinkriminax ruħu.

4. B'dan ma jkunx ifisser li dan il-ko-akkużat ma jistax jinġieb biex jixhed iżjed 'il quddiem meta l-proċeduri fil-konfront tiegħu jkunu saru definittivi. U b'dan ma jfissirx li x-xhieda tiegħu mogħtija quddiem il-Maġistrat Inkwirenti tkun inammissibbli

flimkien ma' kull stqarrija hekk magħmula ai termini tal-Artikolu 30A tal-Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta.

5. L-Artikolu 30A tal-Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta ma joperax bħala deroga mir-regoli sanċiti fl-Artikoli 636(b) u 646(1) tal-Kodiċi Kriminali rispettivament.

6. Il-proviso tal-Artikolu 646(2) tal-Kodiċi Kriminali ma jsibx applikazzjoni fil-każ ta' xhud li jagħmel stqarrija ai termini tal-Artikolu 30A tal-Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta.

Illi, finalment, il-Qorti qalet illi jekk fis-smigħ tal-ġuri, Hegedus jibqa' ma jistax jagħti d-depożizzjoni tiegħu minħabba li jkun għadu meqjus 'ko-akkużat' fid-definizzjoni tal-Artikolu 636(b) tal-Kap. 9, allura l-Qorti stess irriservat illi tindirizza lill-ġurati bil-mod opportun sabiex iwieżnu l-valur probatorju tal-imsemmija xhieda.

***'Ir-Repubblika ta' Malta vs Malcolm Joseph Falzon'*** *– Qorti Kriminali – 19/5/2022*

Illi, f'dan il-każ, Joseph Zerafa, li fi żmien tal-allegat reat kien jitqies bħala 'ko-akkużat', irrilaxxa stqarrija ġuramentata fejn implika lill-akkużat u kien ukoll xehed mill-ġdid quddiem il-Qorti Istruttorja. Il-Qorti rriteniet s-segwenti:

*Iżda peress li dan huwa każ ta' allegat ksur tal-Ordinanza, japplikaw fil-konfront tal-istess każ id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 30A tal-Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta. Din hija dispożizzjoni partikolari u speċifika, sa ċertu punt eċċezzjonali, in kwantu tidderoga mir regola ġenerali kontenuta fl-Artikolu 661 tal-Kodiċi Kriminali in kwantu tirrendi bħala ammissibbli fil-Liġi stqarrija ta' ko-akkużat fil-konfront ta' ko-akkużat ieħor. Fil-każijiet fejn japplika l-Artikolu 30A tal-Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Liġi stess tirradika l-kompetenza lil persuna biex tikkonferma dikjarazzjoni bil-ġurament anke jekk tkun ko-akkużata, ko-awtriċi jew kompliċi ma persuna oħra. Bis-saħħa tal-istess Liġi, ix-xhieda ta' ko-akkużat, ko-awtriċi jew kompliċi - minkejja*

*li tkun timplika mhux lilu biss iżda anki lil persuna oħra kemm jekk din tkun kompliċi jew ko-awtriċi – hija ammissibbli bħala prova u ma tistax tiġi skartata minħabba f'li ingħatat minn ko-akkużat.*

Illi l-Qorti, wara li għamlet referenza għal diversi sentenzi a rigward, elenkat is-segwenti prinċipji:

i. Bħala regola fi proċeduri kriminali mibdija taħt il-Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta, huwa possibbli li ko-akkużat, ko-awtur jew kompliċi jagħmel konfessjoni bil-ġurament quddiem Maġistrat Inkwirenti;

ii. Din id-dikjarazzjoni ġuramentata tista' sservi ta' prova fi proċeduri kriminali in kwantu tali xhieda hija ammissibbli u valida dment li tkun magħmula skont id-dettami tal-Artikolu 30A tal-imsemmi Kapitolu;

iii. L-istess dikjarazzjoni ġuramentata tista' anke tkun ta' preġudizzju għal ko-akkużat, ko-awtur jew kompliċi ieħor peress li l-Artikolu 30A tal-Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta huwa eċċezzjoni biss għar-regola msemmija fl-artikolu 661 tal-Kodiċi Kriminali;

iv. Dik ix-xhieda hija ammissibbli allavolja meta ssir id-dikjarant ikun għadu meqjus bħala ko-akkużat, ko-awtur jew kompliċi fil-proċeduri kriminali kontra tiegħu li jkunu għadhom sub-judice;

v. Id-dikjarant irid pero imbagħad jixhed fil-proċeduri kriminali li jkunu inbdew kontra l-persuna jew persuni involuti f'xi reat kontra d-disposizzjonijiet tal-Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta;

vi. Dan id-dikjarant jista' jagħżel li ma jixhedx matul il-kors tal-kumpilazzjoni tal-provi quddiem il-Qorti tal-Maġistrati bħala

Qorti Istruttorja dment li l-proċeduri li jkunu ttieħdu fil-konfront tiegħu jkunu għadhom pendenti kontra tiegħu u dan sabiex ma jinkriminax ruħu;

vii. Iżda meta l-proċeduri kontra tiegħu jkunu ġew konklużi b'mod finali u konklussiv, bħala regola, id-dikjarant ikun irid jinġieb biex jixhed fil-proċeduri kontra l-ko-akkużat, ko-awtur jew kompliċi billi jinstemgħa viva voce fil-proċeduri kriminali;

viii. Dawn il-proċeduri kriminali jistgħu jkunu dawk istruttorji jew dawk ta' ġurisdizzjoni. Fejn ma jkunx possibbli għad-dikjarant li jixhed quddiem il-Qorti Istruttorja sabiex ma jinkriminax ruħu, huwa jkun irid pero jinġieb jixhed quddiem il-Qorti li jkollha ġurisdizzjoni tiddeċiedi l-każ;

ix. Iżda fejn għal xi raġuni, fl-istadju tal-proċeduri quddiem il-Qorti ta' ġurisdizzjoni ma jkunx possibbli li d-dikjarant jinġieb biex jixhed viva voce minħabba li jkun evidenti lil Qorti li dik ix-xhieda viva voce tista' tikkawża ħsara psikoloġika lix-xhud jew jekk ix-xhud ikun mejjet, jew ikun barra minn Malta jew ma jkunx jista' jinsab, ix-xiehda kemm favur kif ukoll kontra l-akkużat meħuda fl-istadju istruttorju tista' tinġieb bi prova u dan peress li anke f'dan il-kuntest ġie deċiż li japplikaw dawk iċ-ċirkostanzi li jissemmew fis-subartikolu (2) tal-artikolu 646 tal-Kodiċi Kriminali;

x. Fil-frattemp pero, sakemm ikun għadu ma xehedx fil-proċeduri penali kontra t-terzi – kemm fl-istadju istruttorju daqskemm f'dawk ta' ġurisdizzjoni - ma jfissirx li d-dikjarazzjoni bil-ġurament tiegħu mogħtija quddiem il-Maġistrat Inkwirenti ai termini tal-Artikolu 30A tal-Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta tkun inammissibbli bħala prova jew li fuqha ma tistax tistrieħ teżi akkużatorja;

xi. fejn l-unika xiehda hija tal-kompliċi, hu applikabbli l-artikolu 639(3) tal-Kodiċi Kriminali fis-sens li l-Qorti għandha tagħti direttiva lill-ġurati biex jiżhnu b'kawtela x-xiehda li dak ix-xhud jagħti qabel ma jserrħu fuqha u jaslu biex isibu ħati lill-akkużat;

xii. jekk ma jkunux ġew terminati definittivament il-proċeduri kontra d-dikjarant, hu applikabbli a contrario sensu l-artikolu 636 tal-Kodiċi Kriminali.[15]

***'Ir-Repubblika ta' Malta vs Tomislav Hegetus'*** – *Qorti Kriminali – 31/5/2022*

Illi, f'dan il-każ, id-difiża eċċepiet, *inter alia*, l-inammissibbiltà tal-istqarrija ġuramentata rilaxxata minn Fabian Catania li kien meqjus 'ko-akkużat' u dana minħabba li, *inter alia*, dan ma xehedx quddiem il-Qorti Istruttorja. Il-Qorti, filwaqt li għamlet referenza għat-tnax-il prinċipju hekk kif elenkati fis-sentenza ta' Malcolm Joseph Falzon, datata d-19 ta' Mejju 2022, żiedet is-segwenti:

> Għalkemm l-istqarrija ta' Fabian Catania ma tteħditx fil-preżenza tal-akkużat jew l-avukat tiegħu, dan ma jfissirx li l-akkużat ma għandux kontroll fuq dak li Catania stqarr fl-istqarrijiet tiegħu. Huwa għalhekk li l-ġurisprudenza tagħmel enfażi wkoll fuq il-ħtieġa li minbarra l-kristallizzazzjoni tal-istqarrijiet bikrija bil-proċeduri speċjali kontemplati fl-artikolu 30A tal-Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta, ko-awtur, ko-akkużat, jew kompliċi imbagħad, meta l-proċeduri kontra tiegħu jkunu ġew konklużi b'mod finali u konklussiv, bħala regola, id-dikjarant ikun irid jinġieb biex jixhed fil-proċeduri kontra l-ko-akkużat, ko-awtur jew kompliċi billi jinstemgħa viva voce fil-proċeduri kriminali li jistgħu jkunu dawk istruttorji jew dawk ta' ġurisdizzjoni; u li fejn ma jkunx possibbli għad-dikjarant li

[15] Sottolinjar tal-esponent.

jixhed quddiem il-Qorti istruttorja sabiex ma jinkriminax ruħu, huwa jkun irid pero jinġieb jixhed quddiem il-Qorti li jkollha ġurisdizzjoni tiddeċiedi l-każ; u li fejn għal xi raġuni, fl-istadju tal-proċeduri quddiem  il-Qorti ta' ġurisdizzjoni ma jkunx possibbli li d-dikjarant jinġieb biex jixhed viva voce minħabba li jkun evidenti lil Qorti li dik ix-xhieda viva voce tista' tikkawża ħsara psikoloġika lix-xhud jew jekk ix-xhud ikun mejjet, jew ikun barra minn Malta jew ma jkunx jista' jinsab, ix-xiehda kemm favur kif ukoll kontra l-akkużat meħuda fl-istadju istruttorju tista' tinġieb bi prova u dan peress li anke f'dan il-kuntest ġie deċiż li japplikaw dawk iċ-ċirkostanzi li jissemmew fis-subartikolu (2) tal-artikolu 646 tal-Kodiċi Kriminali; u li jekk ma jkunux ġew terminati definittivament il-proċeduri kontra d-dikjarant, hu applikabbli a contrario sensu l-artikolu 636 tal-Kodiċi Kriminali. Dawn huma l-prinċipji ġurisprudenzjali li in bażi tagħhom filwaqt li jippermettu l-ammissibbilita u użu ta' provi miġbura bis-saħħa ta' regoli proċedurali u evidenzjarji speċifiċi u eċċezzjonali ġustifikati biss minħabba l-ħtieġa impellenti meħtieġa fl-interess pubbliku tal-ġlieda kontra l-abbuż u traffikar ta' droga inħolqu mill-banda l-oħra jirrikjedu xorta waħda element ta' skrutinju u kontroll fuq dawn il-provi grazzi għall-proċeduri avversarji kondotti sussegwentement quddiem il-Qrati ta' Ġustizzja Kriminali. [...]

Inoltre din il-Qorti ma tqisx li l-eċċezzjoni tal-inammissibilita tal-istqarrija ġuramentata ta' Fabian Catania (suġġett għal dak mistqarr iżjed il-fuq) tista' f'dan l-istadju tiġi milqugħa. Għaldaqstant, għal dawn ir-raġunijiet din il-Qorti tqis li jkun prematur li f'dan l-istadju tali stqarrija u xhieda tiġi dikjarata inammissibbli. Kemm-il darba mbagħad fl-istadju tal-ġuri dan ix-xhud jibqa' ma jistax jagħti d-depożizzjoni tiegħu minħabba li jkun għadu ko-akkużat fid-definizzjoni tal-Artikolu 636(b) tal-Kodiċi Kriminali, din il-Qorti tirriżerva li tindirizza lill-ġurati

bil-mod opportun sabiex iwieżhnu l-valur probatorju ta' dik ix-xhieda mogħtija minn Catania.

***'The Police vs Paul Ugochukwu Offor'*** *– Criminal Appeal – 13/9/2022*

Illi f'din is-sentenza, il-Qorti tal-Appell Kriminali daħlet *in funditus* fir-rigward tal-Artikolu 30A tal-Kap 101. Filwaqt li għamlet referenza għall-ġurisprudenza a rigward, il-Qorti qalet illi xhud li jkun meqjus 'ko-akkużat' tal-akkużat in kwistjoni u li jkun irrilaxxa stqarrija ġuramentata li tinkrimina lill-akkużat, huwa meqjus bħala *'a competent witness'* fil-proċeduri tal-akkużat, avolja l-proċeduri fil-konfront tiegħu jkunu għadhom *sub judice*. Madanakollu, meta l-proċeduri ta' dan ix-xhud li rrilaxxa l-istqarrija ġuramentata jsiru *res judicata*, dana mbagħad jiġi meqjus bħala *'a compellable witness'* fil-proċeduri tal-akkużat, u dana *ai termini* tal-Artikolu 636(b) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.[16]

Illi l-Qorti osservat illi l-istqarrijiet ġuramentati ta' Jose Manuel Domingo Benito u Kingsley Wilcox huma ammissibbli, avolja jistgħu jiġu meqjusa bħala ko-akkużati tal-appellant, u dana minħabba s-segwenti:

a) These sworn declarations and statements do not constitute the sole incriminating and decisive evidence against the appellant in this case;

b) These sworn declarations were made in accordance with section 30A of Chapter 101 of the Laws of Malta;

c) These declarations and statements were found to be corraborated by unequivocal circumstantial evidence which the Court of Magistrates (Malta) made reference to in its

[16] *"It also goes to follow that where the authorities have initiated criminal proceedings against all the persons which were arrested in relation to drug deals – as with the case at hand – there may be instances where an accomplice to the accused who has made declarations in terms of Section 30A of Chapter 101, although a competent witness, cannot be compelled to testify against the accused in the proceedings taken against the accused pending such time as proceedings against him become res judicata (in accordance with the provisions of Article 636(b) of the Criminal Code interpreted a contrario senso)".*

judgment and which circumstantial evidence Defence Counsel to the appellant had every right and opportunity to attack, contest and counter-examine;

d) The proceedings against Jose Manuel Domingo Benito were decided by a judgment of the Criminal Court of the 6th January 2016. No appeal was lodged from that judgment. The proceedings against Kingsley Wilcox were decided by the Court of Criminal Appeal by a judgment delivered on the 22nd January 2020. Therefore, after that the cases of Domingo Benito and Wilcox became res iudicata, the accused had the right to summon them at the appropriate stage of the proceedings and question them about their respective sworn declarations and statements that were presented by the Prosecution as evidence in this case and to rebut, confute or contradict their statements if need be. But the accused did not avail himself of this possibility of challenging these sworn declarations and statements in due time by the means open to him according to Law.

***'Ir-Repubblika ta' Malta vs Malcolm Joseph Falzon'*** *– Appell Kriminali (Sup.) – 25/1/2023*

Illi permezz ta' din is-sentenza, il-Qorti tal-Appell, Sede Superjuri, ikkonfermat is-sentenza tal-Qorti Kriminali datata d-19 ta' Mejju 2022. Il-Qorti rriteniet is-segwenti:

> Illi l-artikolu 661 tal-Kodiċi Kriminali jitkellem dwar il-konfessjoni magħmula mill-awtur ta' reat kriminali li tista' tinġieb bħala prova fil-proċess kriminali BISS kontra dik il-persuna, u allura ma tiswiex bħala prova kontra xi persuna jew persuni oħra li jistgħu jissemmew f'dik il-konfessjoni u li allura jistgħu jkunu ġew implikati fil-kummissjoni tar-reat. Madanakollu, meta l-leġislatur fassal l-artikolu 30A tal-Kap.101,

ried jagħti għodda ġdida f'idejn l-investigatur sabiex ikun jista' jikseb prova li altrimenti hija inammissibbli fil-konfront tal-ko-akkuzat fit-termini tad-disposizzjoni tal-artikolu 661 tal-Kodiċi Kriminali. Illi li kieku din il-prova ma tiswiex, kif jikkontendi l-akkużat, sakemm il-proċeduri tal-ko-akkużat ikunu għaddew in ġudikat, kien jonqos il-bżonn illi tinħoloq din id-disposizzjoni tal-liġi espressament b'deroga għar-regola stabbilita fl-artikolu 661 tal-Kodiċi Kriminali. Illi l-artikolu 30A tal-Kap.101 fil-fatt (minbarra ix-xiehda li issir fil-qorti) jitkellem fuq dik id-dikjarazzjoni ikkonfermata bil-ġurament quddiem maġistrat, bl-implikazzjoni allura illi l-proċeduri penali fil-konfront ta' dik il-persuna ma jkunux għadhom ittieħdu jew ma jkunux magħluqa. Jiddisponi fuq kollox illi tali dikjarazzjoni jew xiehda tista' tinġieb bi prova kontra persuna oħra akkuzata bir-reat, li tista' tfisser biss illi fil-mument li ssir dik id-dikjarazzjoni jew tingħata dik ix-xiehda, il-persuna l-oħra għadha titqies bħala persuna akkużata miegħu bil-kummissjoni tar-reat. Illi din id-diċitura adoperata mill-leġislatur, għalhekk, fiha nnifisha tikkostitwixxi deroga għal prinċipji ġenerali imfassla fil-Kodiċi Kriminali li jitkellmu dwar il-figura tal-ko-akkużat u allura ukoll għal dawk indikati mill-appellant fl-aggravju tiegħu. Illi dan isir dejjem bis-salvagwardja li l-ġurisprudenza, kemm dik nazzjonali kif ukoll dik ewropeja, titkellem dwarha b'insistenza, u dan sabiex ikun imħares b'mod sħiħ il-jedd tal-akkużat għal smigħ xieraq, bid-difiża ikollha jedd sħiħ ta' kontroll fuq dak mistqarr minn dan ix-xhud li jrid jinġieb fil-qorti biex isirlu l-kontro-eżami, ħlief f'dawk iċ-ċirkostanzi kkontemplati espressament fil-liġi meta xhud ma jistax hekk jinġieb, u dan kif superjorment deċiż fis-sentenza 'Gravina'.

**<u>L-istqarrija ġuramentata u x-xhieda ta' Brian Godfrey Bartolo</u>**

Illi mill-atti proċesswali jemerġi s-segwenti:

1. Illi nhar it-30 ta' Settembru 2014, Brian Godfrey Bartolo rrilaxxa stqarrija lill-Pulizija Eżekuttiva fil-preżenza tal-Uffiċjal Investigattiv, l-iSpettur G. Micallef u PS 364 D. Borg.[17]

2. Illi, l-għada, u cioè nhar il-1 t'Ottubru 2014, Brian Godrey Bartolo kkonferma l-istess stqarrija bil-ġurament fl-intier tagħha quddiem il-Maġistrat Dr. Carol Peralta skont l-Artikolu 24(a)(12)(13) tal-Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta.[18]

3. Illi nhar it-3 ta' Marzu 2015, Brian Godfrey Bartolo tela' fuq il-pedana tax-xhieda quddiem il-Qorti tal-Maġistrati bħala Qorti Istruttorja u, għalkemm ingħata l-għażla li ma jwieġeb għall-ebda domanda li tista' b'xi mod tinkriminah stante li kien meqjus bħala 'ko-akkużat' fit-termini tal-liġi, huwa għażel illi jixhed viva voce.[19]

4. Illi mill-imsemmija xiehda ta' Brian Godrey Bartolo, jirriżulta illi fl-eżami, huwa wieġeb għal kull domanda mressqa minnu - kemm mill-Prosekuzzjoni u, kif ukoll, mill-Qorti.

5. Fix-xiehda tiegħu quddiem il-Qorti Istruttorja, Bartolo baqa' dejjem konsistenti ma dak li stqarr mal-Pulizija u li sussegwentemenet ikkonferma b'ġurament quddiem il-Maġistrat Inkwerenti. Bartolo mhux biss kien konsistenti, iżda xehed f'aktar dettal fuq il-fatti tal-każ hekk kif minnu magħrufa.

6. Illi mill-istess xiehda jirriżulta, li lil Bartolo mhux talli sarlu kontro-eżami, iżda addirittura sarlu kontro-eżami minn żewġ avukati difensuri. Għal darb'oħra, Bartolo għażel illi jwieġeb għal kull domanda.

7. Illi, fl-aħħar nett, Bartolo sarlu wkoll ri-eżami mill-Prosekuzzjoni, fejn għażel illi wieġeb għal kull domanda mressqa lilu.

---

[17] Vide fol. 26 u 27 tal-atti proċesswali.
[18] Vide fol. 25 tal-atti proċesswali.
[19] Vide fol. 102 *et seq.* tal-atti proċesswali.

***Il-liġi tad-droga***

Illi hekk kif ġie ritenut f'ċerta sentenzi appena ċċitati, matul il-medda taż-żmien, il-leġislatur ħass il-bżonn illi jirregola r-reati relatati mad-droga, partikolarment, kif dawn għandhom jiġu investigati u ppruvati skont il-liġi. In fatti, meta ġew imfassla l-Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta u sieħbu l-Kapitolu 31 tal-Liġijiet ta' Malta, il-leġislatur ħoloq mekkaniżmi ġodda, kemm lill-investigaturi u kif ukoll lill-prosekuturi.

Illi dawn ir-regoli speċjali tal-proċedura, intiżi biss għal reati ta' droga, joħolqu derogi għar-regoli ordinarji tad-dritt penali in kwantu l-investigazzjoni u l-prosekuzzjoni tar-reati kriminali, liema regoli jikkrejaw u jsaħħu l-valur probatorju ta' provi li huma applikabbli biss f'każijiet ta' droga. Provi, li altrimenti jkunu inamissibbli fil-konfront ta' dawk akkużati b'reati ta' droga.

***Derogi għar-regoli ordinarji tad-dritt penali***

Illi minn ħarsa lejn il-Kapitolu 101 tal-liġijiet ta' Malta, wieħed isib diversi dispożizzjonijiet li joffru derogi għar-regoli ordinarji tad-dritt penali. Per eżempju, hemm l-**Artikolu 24A** li jipprovdi setgħat addizzjonali t'investigazzjoni fosthom dawk *ai termini* tas-**subinċiżi (12)** u **(13)**, l-**Artikolu 26** li jipprovdi dwar l-obbligu tal-prova, l-**Artikolu 22(5)** illi jeleva l-att inkriminatorju konsistenti biss fit-tentattiv għal dak ta' reat ikkunsmat, u l-**Artikolu 30B** illi jipprovdi dwar konsenja u xiri kontrollati.

- **L-Artikolu 30**

Illi deroga oħra għar-regoli ordinarji tad-dritt penali kienet toħroġ ukoll mill-**Artikolu 30** fir-rigward ta' xiehda ta' kompliċi li jkunu xtraw jew xort'oħra kisbu jew akkwistaw droga mingħand l-imputat jew akkużat.

Illi qabel l-emendi li saru permezz tal-Att numru 'XVI tal-2006', l-**Artikolu 639(3)** tal-Kapitolu 9 kien jgħid li *"meta x-xhud waħdani kontra l-akkużat f'xi proċediment għal xi reat li ma jkunx wieħed minn dawk imsemmija fl-artikoli 112 sa 118, 120, 121, 124 sa 126, u 138,*

*ikun il-kompliċi, u x-xiehda tiegħu ma tkunx biżżejjed korroborata b'ċirkostanzi oħra. Ix-xhieda ta' dan ix-xhud waħdu ma tkunx biżżejjed biex l-akkużat jiġi misjub ħati".*

Illi f'dak iż-żmien, l-Artikolu 30 kien joffri deroga għal din ir-regola, liema deroga ġiet aċċenata fis-sentenza fl-ismijiet '**Ir-Repubblika ta' Malta vs Norman Bezzina**', datata nhar il-20 ta' Frar 2014, fejn il-Qorti tal-Appell Kriminali kkowtat is-segwenti parti mill-indirizz tal-Imħallef togat illi ppreseda l-ġuri:

> *"Hu veru li l-liġi tgħid li fil-każ ta' kompliċi xhud irid ikun korroborat. Fil-fatt l-artikolu 639 ta' l-istess Kodiċi, sub-section (3), meta xhud ikun il-kompliċi u x-xiehda tiegħu ma tkunx biżżejjed korroborata b'ċirkostanzi oħra, ix-xiehda ta' dan ix-xhud waħdu ma tkunx biżżejjed biex l-akkużat jiġi misjub ħati. Kwindi dan l-artikolu qed jagħti din il-gwida li fil-każ ta' kompliċi jekk ix-xiehda tiegħu ma tkunx korroborata minn ċirkostanzi oħra x-xiehda tiegħu waħdu mhijiex biżżejjed. Din hija r-regola ġenerali. [...]*
>
> *Pero` taħt il-Kapitolu 101 li huwa l-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi hemm artikolu ieħor, li wkoll jagħti gwida għal x'hiex kif għandek tikkunsidra xhud ta' kompliċi f'każijiet ta' drogi, mhux f'każijiet oħra. U l-artikolu 30 jgħidlek li x-xiehda ta' dik il-persuna fi proċediment kontra l-persuna li mingħandha tkun xtrat, kisbet jew akkwistat il-mediċina m'għandhiex għalfejn tkun korroborata b'ċirkostanzi oħra. Issa tgħiduli int l-ewwel għidtilna mod u issa qed tgħidilna ieħor. Veru. Pero` jiena nista' niggwidakom u ngħidilkom illi f'dan il-każ huwa dan l-artikolu, din l-Ordinanza tal-Mediċini Perikolużi li għandha tapplika. L-oħra hija parti mil-liġi ġenerali, hija parti mil-liġi kriminali. Din hija liġi speċjali u bħala liġi speċjali tirbaħ fuq dik ġenerali."*

- **L-Artikolu 29**

Illi deroga oħra interessanti toħroġ mill-**Artikolu 29**. Għalkemm fil-proċedura kriminali ordinarja wieħed ma jsibx xi dispożizzjoni tal-liġi li espressament tinkoraġġixxi lil dawk li allagatament wettqu reat sabiex jiżvelaw l-involviment tagħhom f'dak ir-reat, fil-liġi speċjali tad-droga, wieħed isib l-Artikolu 29. L-imsemmi artikolu jipprovdi inċentiv lil dawk il-persuni nvoluti f'reati tad-droga li jkunu għenu lill-Pulizija taqbad lill-persuna li tkun ipprovditilhom id-droga, u meta misjuba ħatja, il-piena titnaqqasilhom, dwar priġunerija, bi grad wieħed jew tnejn, u dwar piena pekunjarja, b'terz jew b'nofs.[20]

Illi dan il-kuntrast joħroġ ukoll biċ-ċar minn kif xhieda li għandhom interess fil-proċeduri huma meqjusa mill-ottika tal-liġi tal-proċedura kriminali ordinarja u kif dawn l-istess xhieda huma meqjusa mill-ottika tal-liġi tad-droga.

Illi fis-sentenza li minnha qed jappella l-esponent, il-Qorti qalet illi *"ir-raġuni għar-regola impostata fl-**Artikolu 636(b)** tal-Kodiċi Kriminali hija evidenti u dan għaliex ko-akkużat, li allura l-każ tiegħu jkun għadu pendenti, ikollu kull interess illi jtaffi l-ħtija jew ir-responsabbiltà tiegħu u jixħet tali ħtija u responsabbiltà fuq ħaddieħor"*.

Illi, bl-ikbar rispett, l-esponent jemmen illi l-imsemmija raġuni għar-regola impostata fl-**Artikolu 636(b)** ma ssibx postha fil-*lex specialis* in kwantu droga. Meta ġiet imfassla l-liġi tad-droga, il-leġislatur mhux biss ħoloq mekkaniżmi sabiex dikjarazzjonijiet jew konfessjonijiet minn persuni li għandhom 'interess' fil-proċeduri jitqiesu bħala prova ammissibbli fil-konfront ta' ko-akkużat anke meta l-proċeduri kriminali tagħhom ikunu għadhom sub-judice, iżda addirittura, ipprovdielhom inċentiv permezz ta' tnaqqis ta' piena jekk jgħinu il-Pulizija fl-investigazzjoni tar-reat tad-droga in kwistjoni. (L-esponent ser ikompli fuq dan il-punt aktar 'il quddiem f'dan l-umli appell).

---

[20] Fis-sentenza fl-ismijiet **'Ir-Repubblika ta' Malta vs Ismail Tirso'**, datata id-9 ta' Mejju 2013, il-Qorti qalet *"illi m'hemm xejn irregolari illi persuna investigata tkun infurmata dwar il-beneficcju li jipprovdi l-artikolu 29 tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta, purche` l-informazzjoni li tinghata tkun konsona ma' dak li jghid l-imsemmi artikolu, bhalma gara fil-kaz odjern. Kien il-legislatur stess li, permezz ta' dak l-artikolu, ried jaghti forma ta' promessa jew twebbil ta' vantagg bl-iskop li jinqabdu t-traffikanti tad-droga"*.

- **L-Artikolu 30A**

Illi deroga oħra għall-prinċipji ġenerali mfassla fil-Kodiċi Kriminali, u din id-darba rigward il-figura ta' 'ko-akkużat' temerġi mid-diċitatura tal-Artikolu 30A, u hi in fatti din id-deroga li fuqha qed jiġi msejjes dan l-aggravju. L-Artikolu 30A jipprovdi s-segwenti:

> *Minkejja d-dispożizzjonijiet tal-artikolu 661 tal-Kodiċi Kriminali, meta* ***persuna*** *tkun involuta* ***f'xi reat*** *kontra din l-Ordinanza, kull dikjarazzjoni magħmula minn dik il-persuna u li tiġi konfermata bil-ġurament quddiem maġistrat, u kull xiehda mogħtija minn dik il-persuna* ***quddiem xi qorti*** *tista' tinġieb bi prova kontra* ***kull persuna oħra*** *akkużata b'reat kontra l-imsemmija Ordinanza, kemm-il darba jinsab li dik id-dikjarazzjoni jew xiehda tkun saret jew ingħatat volontarjament, u ma ġietx imgiegħla jew meħuda b'theddid jew b'biża, jew b'wegħdiet jew bi twebbil ta' vantaġġi.*[21]

Illi minn qari akkurat ta' din id-dispożizzjoni tal-liġi, jirriżulta li dan l-artikolu għandu firxa pjuttost wiesgħa u dana sabiex ikun jista' jikseb prova li altrimenti hija inamissibbli fil-konfront ta' ko-akkużat.

Illi din id-dispożizzjoni tal-liġi ma timponix limitazzjoni dwar il-persuna li jista' jagħti dikjarazzjoni. Lanqas ma tagħmel referenza għall-istatus tal-persuna li fil-konfront tagħha tista' tingħata dik id-dikjarazzjoni. L-istess artikolu lanqas ma jistipula xi reat partikolari kontra l-Ordinanza (għall- kuntrarju tal-**Artikolu 30**). Lanqas ma jillimita l-istadju jew quddiem liema Qorti tista' tingħata din id-dikjarazzjoni.

Illi dawn il-konsiderazzjonijiet ftit li xejn iħallu dubju fuq l-ispirtu tal-liġi speċjali li tirregola r-reati tad-droga, u cioè, il-ħtieġa impellenti meħtieġa fl-interess pubbliku tal-ġlieda kontra t-traffikar tad-droga. Fl-umli fehma tal-esponent, il-crux tal-*quaestio iuris*

[21] Enfasi tal-esponent.

mertu tal-aggravju odjern huwa bbażat fuq kif inhu fformolat l-Artikolu 30A u dana qed jingħad fid-dawl tal-ispirtu ta' din il-liġi speċjali.

Illi, filwaqt li jirreferi għas-suespost, l-esponent jissottometti s-segwenti:

1. L-istqarrija ġuramentata rrilaxxata minn Brian Godfrey Bartolo quddiem il-Maġistrat Dr. Carol Peralta nhar il-1 t'Ottubru 2014 skont id-dettami tal-Artikolu 30A hija, u kellha tiġi meqjusa, bħala prova ammissibbli.

2. L-istess stqarrija ġuramentata hija, u kellha tkun, ta' preġudizzju għall-ko-akkużat, *qua appellat*, Trevor Borg, u dana peress li l-Artikolu 30A huwa eċċezzjoni biss għar-regola provduta fl-Artikolu 661 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

3. Brian Godfrey Bartolo imbagħad, hekk kif jitlob il-prinċipju ġurisprudenzjali, xehed fil-proċeduri kriminali li kienu nbdew kontra l-ko-akkużat, *qua appellat*, Trevor Borg. In fatti, nhar it-3 ta' Marzu 2015, Brian Godfrey Bartolo tela' fuq il-pedana tax-xhieha quddiem il-Qorti tal-Maġistrati bħala Qorti Istruttorja.

4. Sa dan l-istadju, Brian Godfrey Bartolo kien għadu meqjus bħala ko-akkużat fi proċeduri separati fil-konfront tiegħu li kienu għadhom sub-judice.

5. Sa dan l-istadju, Brian Godfrey Bartolo huwa, u kellu jiġi meqjus, bħala *'a competent witness'* u dana *ai termini* tal-Artikolu 30A.

6. Sa dan l-istadju, Brian Godfrey Bartolo seta' għażel illi ma jixhidx sabiex ma jinkriminax ruħu.

7. Madanakollu, għalkemm Brian Godfrey Bartolo ingħata l-għażla li ma jwieġeb għall-ebda domanda li tista' b'xi mod tinkriminah stante li kien meqjus bħala 'ko-akkużat' fit-termini tal-liġi, huwa għażel illi jwieġeb għal kull domanda mressqa mill-Qorti, mill-prosekuzzjoni, u mid-difiża.

8. Li kieku Brian Godfrey Bartolo kien għadda in ġudikat sa meta xehed fil-proċeduri kontra l-ko-akkużat *qua appellat* Trevor Borg, u b'hekk il-proċeduri fil-konfront tiegħu ikunu ġew *res judicata*, allura f'dak l-istadju Brian Godrey Bartolo jkollu jitqies bħala *'a compellent witness'* u, konsegwenement, kien ikollu jieħu l-pedana tax-xhieda bħal kull xhud ordinarju ieħor.

Illi l-esponent ma jaqbilx mal-konklużjoni tal-Qorti tal-Maġistrati *ossia* li Brian Godfrey Bartolo mhux meqjus bħala *'a competent witness'*. Bl-ikbar rispett, il-Qorti qieset lil Brian Godfrey Bartolo bħal li kieku kien 'ko-akkużat' fi proċeduri kriminali ordinarji u mhux bħala 'ko-akkużat' fi proċeduri kriminali ta' reati kontra l-Ordinanza Dwar il-Mediċini Perikolużi.

Illi l-esponent allura ma jistax ma jsaqsix x'inhu l-iskop tal-Artikolu 30A. F'dan il-każ, l-Artikolu 30A spiċċa bla effett.

Illi, għaldaqstant, fid-dawl ta' fuq premess, l-esponent umilment jissottometti li kemm l-istqarrija ġuramentata u kif ukoll ix-xhieda ta' Brian Godfrey Bartolo għandhom jitqiesu bħala provi ammissibbli bil-valur probatorju kollha tagħhom u, għalhekk, għandhom jiġu kkunsidrati u mgħarrbla flimkien mal-provi kollha l-oħra hekk kif prodotti.

***3. L-assocjazzjoni ghat-traffikar tad-droga***

Illi t-tielet aggravju tal-esponent huwa ċar u manifest, u jirrigwarda l-apprezzament tal-provi in kwantu l-ewwel, it-tieni, u t-tielet akkużi fil-konfront tal-appellat li wassal għal-liberazzjoni tal-appellat mill-akkużi kollha kif dedotti kontrih.

Illi fis-sentenza tagħha, il-Qorti tal-Maġistrati qalet is-segwenti:

> *"Fiċ-ċirkostanzi tal-każ u fil-kuntest li fih ingħad dan il-kliem minn Bartolo lill-imputat, meta allura l-istess imputat kien għadu kif għadda s-somma ta' sitt mitt ewro (€600) (dejjem kif jgħid l-imputat) lil Bartolo, u meta fil-vettura ta' Bartolo kien hemm id-droga, il-Qorti ma*

*tistax ħlief tikkonkludi illi l-ftehim bejn l-imputat u Bartolo kien proprju dwar id-droga ossia illi l-imputat kien se jakkwista ammont ta' droga mingħand Bartolo. [...] Li kieku Bartolo u l-imputat iltaqgħu sempliċiment in konnessjoni mal-garaxx kif jixhed l-imputat, allura ma kien ikun hemm l-ebda raġuni għalfejn Bartolo kellu jgħid dan il-kliem lill-imputat, liema kliem jista' jfisser biss illi Bartolo kien jaf li l-imputat kien konxju tal-fatt illi fil-vettura tal-istess Bartolo kien hemm id-droga u illi jew parti minnha, kienet destinata għall-imputat."*

Illi aktar 'il quddiem fis-sentenza, il-Qorti kompliet hekk:

*"Fid-dawl tal-provi prodotti, il-Qorti tqis illi jirriżulta pruvat illi kien hemm ftehim bejn l-imputat u Bartolo, u illi dan il-ftehim kien jirragwardja d-droga fis-sens illi l-imputat kien se jakkwista ammont ta' droga mingħand Bartolo. Madanakollu, fil-fehma tal-Qorti ma jistax jingħad illi tirriżulta l-assoċjazzjoni. Jirriżulta sempliċiment ftehim bejn l-imputat u Bartolo fis-sens hawn fuq spjegat, iżda ma teżistix prova ċara u inekwivoka li kien hemm xi intenzjoni da parti tal-imputat flimkien ma' Bartolo, li jinnegozzjaw id-droga jew illi kien hemm xi fethim bejniethom dwar il-modalità tal-pjan t'azzjoni sabiex tiġi nnegozzjata d-droga jew illi ġew ikkumbinati jew miftiehma l-mezzi li bihom l-imputat u Bartolo kellhom jimxu sabiex ibiegħu jew jittraffikaw id-droga. Il-fatt illi l-imputat kien se jakkwista d-droga mingħand Bartolo ma jwassalx neċessarjament għall-konklużjoni illi allura kien hemm ftehim fis-sens li trid il-liġi sabiex jirriżulta pruvat ir-reat tal-assoċjazzjoni jew illi l-prova mressqa 'cannot be interpreted as pointing towards the existence of a conspiracy'."*

Illi wara dawn il-kunsiderazzjonijiet, il-Qorti qieset illi l-ewwel tliet imputazzjonijiet fil-konfront tal-appellat ma jirriżultawx sal-grad rikjest mil-liġi. Illi, bl-ikbar rispett, l-esponent ma jaqbilx ma' din il-konklużjoni.

***<u>Il-provi prodotti fil-każ odjern:</u>***

- ***L-istqarrija ġuramentata ta' Brian Godfrey Bartolo.***

Illi fl-istqarrija ta' Brian Godfrey Bartolo datata nhar it-30 ta' Settembru 2014, liema stqarrija ġiet ġġuramentata quddiem il-Maġistrat Dr. Carol Peralta nhar l-1 t'Ottubru 2014, Bartolo qal illi *"il-bieraħ [fil-jum tal-arrest] kelli niltaqa' ma' Trevor Borg magħruf bħala il-Bonc, ġewwa San Pawl il-Baħar ħdejn Piscopo Cash and Carry, minħabba li konna mifthemin sabiex ngħaddilu 100 gramma ħaxixa tal-Cannabis, u kien ċempilli ġurnata qabel fejn qalli li hu kien qiegħed jinnegozja ħafna smack u talabni sample biex jippruvaha"*. Qal ukoll illi l-Herojina ġabha mingħand ħaddieħor biex jagħtiha lill-appellat. Rigward Cannabis, Bartolo qal li skont il-ftehim mal-appellat, l-appellat kien ser jixtri 100 gramma Cannabis. Meta mistoqsi rigward prezz, Bartolo wieġeb illi hu biegħ il-Cannabis lill-appellat għall-prezz ta' €650 u li l-appellat kien tah il-flus qabel marru l-pulizija.

- ***Ix-xiehda ta' Brian Godfrey Bartolo***

Illi nhar it-3 ta' Marzu 2015, Brian Godfrey Bartolo xehed illi nhar id-29 ta' Settembru 2014, l-appellat kien ċempillu u qallu *"jekk ikollok xi ħaġa bħal ħaxixa jew hekk, għidli, qalli u jiena nixtri"*. Xehed illi huwa ftiehem mal-appellat illi kellhom jiltaqgħu ħdejn *Piscopo Cash and Carry*, Buġibba, sabiex huwa jgħaddi 100g pjanta tal-Cannabis lill-appellat għall-prezz ta' €650. In eżekuzzjoni ta' dan il-pjan, Bartolo mar fl-imsemmi post u għamel sinjal lill-appellat sabiex jitla' fil-vettura iżda l-appellat baqa' fejn kien. Għalhekk, Bartolo ħareġ mill-karozza li kien fiha u, sussegwentement, l-appellat mar fejnu u tah €650 f'idejn Barolo. Kif Bartolo rċieva l-flus, il-Pulizija nterċettaw immedjatament, b'dana illi d-droga li Bartolo kellu jagħti lill-appellat baqgħet fil-*pouch* ta' Bartolo u l-flus li kien għadu kif għaddielu l-appelat kienu għadhom f'idejn Bartolo.

- ***Ix-xiehda ta' PS 924 Pierre Guido Saliba***

Illi nhar il-15 t'Ottubru 2014, PS 924 Pierre Guido Saliba xehed illi nhar id-29 ta' Settembru 2014 ra lill-appellat jgħaddi xi ħaġa lil Brian Godfrey Bartolo. Id Bartolo, li saret l-iskambju biha kien qed iżommha ponn u ġo fiha kien hemm ammont ta' flus. Kif interċettaw il-Pulizija, ix-xhud xehed illi *"dak il-ħin is-sur Bartolo beda jgħidlu, beda joffendih biex ngħidlek eżatt, beda joffendih u jgħidlu: Iffremjajtni, għamiltli control delivery u s-sur Borg beda jgħidlu: Jiena ma nagħmilx dawn l-affarijiet, ma nagħmilx dawn l-affairjiet. Qabeż is-sur Bartolo qalli: ħa ngħidlek xi ħaġa, pponta lejn is-sur Borg: Dawn il-flus li ħadtli minn idejja tahomli l-Bonc biex intih din id-droga u wrieni fejn kellu borża cannabis imdaqqsa"*.

- ***Ix-xiehda ta' PC 467 Graham Baldacchino***

Illi nhar il-15 t'Ottubru 2014, PC 467 Graham Baldacchino xehed illi kif lestiet t-tfittxija fil-karozza ta' Brian Bartolo, Bartolo dar fuq l-appellat u beda jgħid illi l-appellat għamillu *controlled delivery* u l-appellat qal li huwa ma jagħmilx dawn l-affarijiet.

- ***Ix-xiehda ta' PS 891 Oscar Baldacchino***

Illi nhar il-14 t'April 2015, PS 891 Oscar Baldacchino xehed illi x'ħin waslu l-pulizija, Brian Godfrey Bartolo kien għadu bil-flus f'idejh u kien qed iżommha bħala ponn.

- ***Ir-relazzjoni tal-ispiżjar Dr. Godwin Sammut***

Illi nhar it-28 ta' Jannar 2016, Dr. Godwin Sammut, ix-xjenzat maħtur fil-mori tal-inkjesta bħala espert forensiku, esebixxa kopja tar-relazzjoni tiegħu.

Illi fis-sentenza tagħha, il-Qorti tal-Maġistrat wettqet eżerċizzju approfondit dwar iċ-*chain of custody* in kwantu d-droga elevata fil-każ odjern u rriżultalha illi d-droga misjuba fil-vettura ta' Bartolo kienet tinsab f'*evidence bag* '138_15_06'.

Illi dan l-*evidence bag* kien jikkonsisti fi 4 boroż tal-plastik kontenenti sustanza ta' lewn kannella u biċċa plastik kontenenti trab ta' lewn abjad. Illi mir-relazzjoni jirriżulta li dan l-*evidence bag* jikkontjeni fi droga pjanta tal-Cannabis fl-ammont ta' 106g, droga Kokajina fl-ammont ta' 4.89g, u droga Herojina fl-ammont ta' 0.47g.

***L-assoċjazzjoni għat-traffikar tad-droga***

Illi l-**Artikolu 22(1)(f)** tal-Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta jipprovdi s-segwenti:

> Kull min jassoċja ruħu ma' xi persuna jew persuni oħra f'Malta jew barra minn Malta sabiex ibigħ jew jittraffika mediċina f'Malta kontra d-dispożizzjonijiet ta' din l-Ordinanza, jew li jippromovi, jikkostitwixxi, jorganizza jew jiffinanzja l-assoċjazzjoni, ikun ħati ta' reat kontra din l-Ordinanza.

Illi l-**Artikolu 22(1A)** tal-istess Kapitolu jipprovdi hekk:

> L-assoċjazzjoni ta' persuni msemmija fil-paragrafi (d) u (f) tas-subartikolu preċedenti teżisti malli jiġu kkumbinati jew miftehma l-mezzi, **ikunu li jkunu**, li bihom dawk il-persuni għandhom jimxu.[22]

Illi l-**Artikolu 22(1B)** tal-istess Kapitolu, imbagħad, jistipula hekk:

> Għall-finijiet ta' din l-Ordinanza l-kelma "jittraffika" (bil-varjazzjonijiet grammatikali u bl-espressjonijiet imnisslin minnha) b'riferenza għal traffikar f'mediċina, tinkludi l-koltivazzjoni, f'dawk iċ-ċirkostanzi li l-Qorti tkun sodisfatta li tali koltivazzjoni ma kenitx għall-użu esklussiv tal-ħati l-importazzjoni f'dawk iċċirkostanzi li l-Qorti tkun sodisfatta li dik l-importazzjoni ma kinietx għall-użu esklussiv tal-ħati, il-

[22] Enfasi tal-esponent.

manifattura, l-esportazzjoni, id-**distribuzzjoni**, il-produzzjoni, l-amministrazzjoni, il-provvista, **li wieħed joffri li jagħmel xi wieħed minn dawn l-atti**, u l-għoti ta' informazzjoni intiża biex twassal għax-xiri ta' tali mediċina bi ksur ta' din l-Ordinanza.[23]

***<u>L-apprezzament tal-provi</u>***

- ***Provi diretti***

Illi f'każ illi t-tieni aggravju jiġi akkolt, u allura l-istqarrija ġuramentata u x-xhieda ta' Brian Godfrey Bartolo jiġu issa meqjusa ammissibbli, isegwi li dawn il-provi diretti għandhom jitgħarblu minn din l-Onorabbli Qorti flimkien mal-provi l-oħrajn. L-esponent jemmen illi permezz ta' dawn il-provi, il-ftehim ta' bejn l-appellat u Brian Godfrey Bartolo jirriżulta b'mod ċar u, b'hekk, ir-reat tal-assoċjazzjoni tad-droga huwa pruvat sal-grad rikjest mil-liġi.

- ***Provi indiretti***

Illi, madanakollu, jekk f'pessima ipoteżi t-tieni aggravju ma jiġix akkolt, l-esponent xorta waħda jemmen li, mill-provi rimanenti tal-każ *de quo*, ir-reat tal-assoċjazzjoni bejn l-appellat u Brian Godfrey Bartolo huwa pruvat lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni.

Illi l-liġi hija ċara fir-rigward tal-elementi kostituttivi tar-reat tal-assoċjazzjoni kontemplat fil-Kapitolu 101. Ir-reat tal-assoċjazzjoni huwa kkunsmat mal-mument illi jseħħ l-ftehim dwar il-mod kif id-droga ser tiġi ttraffikata. Li jsegwi wara l-ftehim, ghalkemm jista' jkun importanti ferm, mhux element kostituttiv għar-reat tal-assoċjazzjoni.

[23] Enfasi tal-esponent.

Illi fil-prattika, għal raġunijiet ovji, huwa rari li r-reat tal-assoċjazzjoni jiġi ppruvat bi provi diretti sakemm ma tixhidx xi persuna li tkun involuta fil-ftehim. Fin-nuqqas ta' provi diretti dwar il-ftehim, dan ir-reat ikun jista' jiġi ppruvat biss permezz ta' provi indiretti – u cioè, mill-atti esterni li jsegwu wara l-ftehim.

Illi min ikun irid jiġġudika l-każ, imbagħad, irid janalizza dawn l-atti esterni fl-isfond taċ-ċirkostanzi kollha tal-każ u jiddeċiedi jekk dawn l-atti esterni jikkrejawx inferenzi rigward il-mezzi li kellhom jiġu adoperati sabiex ġiet ittraffikata d-droga.

***L-atti esterni:***

Illi mill-provi hekk kif prodotti fil-każ odjern (skartati l-istqarrija ġuramentata u x-xhieda ta' Brian Godfrey Bartolo), jirriżulta s-segwenti:

1. Nhar id-29 ta' Settembru 2014, l-appellat u Brian Godfrey Bartolo kienu t-tnejn fl-istess post, u cioè, fl-akkwati ta' *Piscopo Cash & Carry,* Buġibba.

2. Fl-istess ġurnata, l-appellat u Bartolo kienu t-tnejn fl-imsemmi post, fl-istess ħin, u cioè, għall-ħabta tas-siegħa neqsin kwart (12:45).

3. L-appellat xehed illi hu ftiehem biex jiltaqa' ma' Bartolo f'dak il-post, f'dak il-ħin, permezz ta' telefonata: *"Imbagħad għaddew xi tlett xhur jew erbgħa xhur ċempilli huwa jew ċempiltlu qalli x'ħa nagħmlu? Qalli. Għidtlu niltaqgħu l-Qawra? Qalli nirranġaw? Qalli allright. Iltqajna fejn Piscopo tax-xorb iltqajna hemmhekk".* [24]

4. L-appellat u Barolo ġew innutati jiltaqgħu u jagħmlu kuntatt. *"Il-kuntatt kien is-sur Borg daħħal idu, Brian ħareġ idu, iltaqgħu flimkien l-idejn, deher li għadda xi ħaġa minn idejn is-sur Borg għas-sur Bartolo għaliex imbagħad idu miftuħa kienet".*[25]

5. Jirriżulta li l-appellat għadda lil Bartolo ammont ta' flus, li skont l-appellat, kien dak ta' €600.

[24] Vide x-xhieda tal-appellat a fol 476 tal-atti proċesswali.
[25] Vide x-xhieda ta' PS 923 Pierre Guido Saliba a fol. 37 tal-atti proċesswali.

6. Fil-vettura ta' Bartolo, il-Pulizija elevaw borża mdaqqsa tal-Cannabis, żewġ *samples* oħra ta' Cannabis, *sample* ta' Herojina, u borża żgħira bil-Kokajina. B'kollox, fil-vettura kien hemm 106 gramma Cannabis, 4.89 gammi Kokajina, u 0.47 grammi Herojina.

7. Kif interċettaw il-Pulizija, Bartolo beda jgħid li l-appellat iffrejmjah u li għamillu *controlled delivery*.

8. Għal dan il-kliem li beda jgħid Bartolo, l-appellat wieġeb li huwa ma jagħmilx dawn l-affarijiet.

9. Kif interċettaw il-Pulizija, ċerta individwu li kien fuq il-post tal-akkadut bl-isem ta' Dillon Azzopardi, telaq jiġri u ġie sussegwentement arrestat minn PC 467 Graham Baldachino.

Illi l-Qorti tal-Maġistrati, u bir-raġun, ikkonkludiet illi l-ftehim bejn l-appellat u Bartolo kien proprju dwar id-droga, *ossia*, illi l-appellat kien se jakkwista ammont ta' droga mingħand Bartolo. Il-Qorti ikkonkludiet ukoll illi l-kliem li Bartolo qal lill-appellat fir-rigward ta' *controlled delivery* jista' jfisser biss li Bartolo kien jaf li l-appellat kien konxju tal-fatt illi fil-vettura ta' Bartolo kien hemm id-droga u li din, jew parti minnha, kienet destinata għall-appellat.

Illi li ma jabilx miegħu l-esponent huwa, u dana qed jingħad bl-ikbar rispett, kif il-Qorti tal-Maġistrati ddeċidiet illi mill-provi prodotti ma teżistix prova ċara u inekwivoka li kien hemm xi ftehim jew illi ġew ikkumbinati jew miftiehma l-mezzi li bihom l-imputat u Bartolo kellhom jimxu sabiex ibiegħu jew jittraffikaw id-droga.

Illi kif ser jiġi spjegat fit-trattazzjoni orali ta' dan l-umli appell, l-esponent jemmen li jekk wieħed janalizza u jgħarbel il-provi indiretti fl-isfond taċ-ċirkostanzi kollha tal-każ, l-assoċjazzjoni għat-traffikar tad-droga tirriżulta sal-grad rikjest mil-liġi.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellati.

Rat l-atti kollha tal-kaz.

Semghet il-partijiiet jaghmlu s-sottomisjonijiet taghhom fir-rigward tar-rikors odjern.

**Ikkunsidrat:**

**L-ewwel aggravju** hekk kif sollevat mill-Avukat Generali jirrigwardja l-inammissibilta' u l-konsegwenti sfilz tal-istqarrija tal-appellat, kif ukoll l-inammissibilita' ta' kwalsiasi referenza ghal din l-istqarrija u dan ghaliex l-appellat ma kienx inghata d-dritt illi jkun assistit minn avukat waqt l-interrogazzjoni.

Illi l-akkuzat Trevor Borg irrilaxxa stqarrija datata t-30 ta' Settembru, 2014 u li tinsab a fol 7 et sequitur, kif ukoll a fol. 32 et seq. tal-atti ta' quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti Istruttorja. Fil-bidu ta' din l-istqarrija tirrizulta is-segwenti twissija:

> *"Qed tigi mwissi mill-Ispettur Gabriel Micallef fil-prezenza ta' PS 364 D. Borg li m'intix obbligat li titkellem sakemm ma tkunx tixtieq li titkellem, imma dak li tghid jista' jingieb bi prova."*

Fl-ahhar ta' din l-istess stqarrija nsibu l-kliem:

> *"Din l-istqarrija hija l-verita' kollha, ghamiltha jiena minn jeddi, minghajr ebda weghdi ta' favuri jew vantaggi u minghajr ebda biza jew theddid, u wara li giet moqrija lili naghzel niffirma"*

L-Ispettur Gabriel Micallef a fol. 29 tal-process jghid li l-appellat irilaxxa stqarrija wara li rrifjuta li jikkonsulta ma' Avukat tal-ghazla tieghu u dan qabel l-interrogazzjoni.

Illi jirrizulta li meta l-appellat Trevor Borg irrilaxxa l-istqarrija tieghu, skont il-ligi *in vigore* ta' dak iz-zmien huwa kellu d-dritt li jikkonsulta ma' Avukat jew Prokuratur

Legali qabel it-tehid tal-istqarrija izda ma kellux dritt li jkollu Avukat prezenti **waqt** ir-rilaxx tal-istqarrija.

Din il-Qorti sejra issa tghaddi sabiex taghmel referenza ghal uhud mis-sentenzi li indirizzaw kwistjonijiet rigwardanti l-ammissibilita' o meno ta' stqarrijiet rilaxxati mill-akkuzat.

Sentenza li għamlet impatt sinifikanti fuq il-gurisprudenza ta' Malta hija dik tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem fl-ismijiet **Borg v. Malta**.[26] F'dik is-sentenza l-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem, fost numru ta' konsiderazzjonijiet, ikkunsidrat li:

> *'56. Early access to a lawyer is one of the procedural safeguards to which the Court will have particular regard when examining whether a procedure has extinguished the very essence of the privilege against self-incrimination. These principles are particularly called for in the case of serious charges, for it is in the face of the heaviest penalties that respect for the right to a fair trial is to be ensured to the highest possible degree by democratic societies (see Salduz v. Turkey [GC], no. 36391/02, § 54, ECHR 2008).*
>
> *57. The Court reiterates that in order for the right to a fair trial to remain sufficiently "practical and effective" Article 6 § 1 requires that, as a rule, access to a lawyer should be provided as from the first interrogation of a suspect by the police, unless it is demonstrated in the light of the particular circumstances of each case that there are compelling reasons to restrict this right. Even where compelling reasons may exceptionally justify denial of access to a lawyer, such restriction – whatever its justification – must not unduly prejudice the rights of the accused under Article 6. The rights of the defence will in principle be irretrievably prejudiced when incriminating statements made during police interrogation without access to a lawyer are used for a conviction (see Salduz, cited above, § 55).*

[26] Deciza fit-12 ta' Jannar, 2016 u reza finali fit-12 ta' April 2016 (Applikazzjoni numru: 37537/13)

***58. Denying the applicant access to a lawyer because this was provided for on a systematic basis by the relevant legal provisions already falls short of the requirements of Article 6 (ibid., § 56).***

*(ii) Application to the present case*

*59. The Court observes that the post-Salduz case-law referred to by the Government (paragraph 53 in fine) does not concern situations where the lack of legal assistance at the pre-trial stage stemmed either from a lack of legal provisions allowing for such assistance or from an explicit ban in domestic law*

*60. The Court notes that it has found a number of violations of the provisions at issue, in different jurisdictions, arising from the fact that an applicant did not have legal assistance while in police custody because it was not possible under the law then in force (see, for example, Salduz, cited above, § 56; Navone and Others v. Monaco, nos. 62880/11, 62892/11 and 62899/11, §§ 81-85, 24 October 2013; Brusco v. France, no. 1466/07, § 54, 14 October 2010; and Stojkovic v. France and Belgium, no. 25303/08, §§ 51-57, 27 October 2011). A systemic restriction of this kind, based on the relevant statutory provisions, was sufficient in itself for the Court to find a violation of Article 6 (see, for example, Dayanan v. Turkey, no. 7377/03 §§ 31-33, 13 October 2009; Yeşilkaya v. Turkey, no. 59780/00, 8 December 2009; and Fazli Kaya v. Turkey, no. 24820/05, 17 September 2013).*

*61. In respect of the present case, the Court observes that no reliance can be placed on the assertion that the applicant had been reminded of his right to remain silent (see Salduz, cited above, § 59); indeed, it is not disputed that the applicant did not waive the right to be assisted by a lawyer at that stage of the proceedings, a right which was not available in domestic law. In this connection, the Court notes that the*

*Government have not contested that there existed a general ban in the domestic system on all accused persons seeking the assistance of a lawyer at the pre-trial stage (in the Maltese context, the stage before arraignment).*

*62. It follows that, also in the present case, the applicant was denied the right to legal assistance at the pre-trial stage as a result of a systemic restriction applicable to all accused persons. This already falls short of the requirements of Article 6 namely that the right to assistance of a lawyer at the initial stages of police interrogation may only be subject to restrictions if there are compelling reasons (see Salduz, cited above, §§ 52, 55 and 56).*

*63. There has accordingly been a violation of Article 6 § 3 (c) taken in conjunction with Article 6 § 1 of the Convention.' (Emfazi u sottolinear miżjud minn din il-Qorti.)*

Fis-sentenza fl-ismijiet **<u>'Christopher Bartolo (KI 390981M) vs Avukat Generali Kummissarju tal-Pulizija'</u>**,[27] il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili (Sede Kostituzzjonali) kienet ikkunsidrat li:

*'Fin-nota ta' sottomissjonijiet tagħhom, l-intimati jargumentaw illi l-ilment tar-rikorrent fil-meritu huwa nfondat peress illi huwa kien ingħata d-dritt li jikkonsulta ma' avukat qabel l-interrogazzjoni, u filfatt kien ezerċita dan id-dritt, u illi s-sentenza citati minnu fir-rikors promotur ma huma ta' l-ebda sostenn għal l-ilment tar-rikorrent peress illi dawn jipprospettaw sitwazzjoni fejn l-interrogat ma tħalliex ikellem avukat qabel ma ttehdulu l-istqarrija.*

*l-Qorti rat pero illi l-ilment tar-rikorrent fir-rikors promotur tiegħu m'huwiex illi ma tħalliex jikkonsulta ma' avukat qabel ma ttehdietlu l-istqarrija (ħlief fir-rigward tat-tieni waħda), izda proprju illi l-assistent*

[27] Deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili (Sede Kostituzzjonali) nhar it-23 ta' Novembru, 2017 (Rikors Numru: 92/2016 JPG)

*legali tieghu ma kienx prezenti* ***waqt*** *it- tehid tal-istqarrija, kif jidher per ezempju minn paragrafu 8 u 13 tar-rikors promotur.*

***M'huwiex ikkontestat illi r-rikorrent ma giex interrogat fil-presenza tal-avukat tieghu, anke ghaliex wara kollox, f'dak iz-zmien il-ligi stess ma kienitx tippermetti dan***.

*Fis-sentenza fl-ismijiet* ***Panovits v. Cyprus*** *deciza mill-Qorti ta' Strasbourg fl-11 ta' Dicembru 2008 intqal illi: "...the Court observes that the concept of fairness enshrined in Article 6 requires that the accused be given the benefit of the assistance of a lawyer already at the initial stages of police interrogation.* ***The lack of legal assistance <u>during an applicant's interrogation</u> would constitute a restriction of his defence rights in the absence of compelling reasons that do not prejudice the overall fairness of the proceedings."***

*Fuq l-istess linja ta' hsieb, fis-sentenza fl-ismijiet* ***<u>Dayanan v. Turkey</u>*** *deciza mill- Qorti ta' Strasbourg fit-13 ta' Ottubru 2009 u citata fir-rikors promour tar-rikorrent intqal is-segwenti:*

*"In accordance with the generally recognised international norms, which the Court accepts, and which form the framework for its case-law, an accused person is entitled,* ***<u>as soon as he or she is taken into custody, to be assisted by a lawyer, and not only while being questioned</u>*** *(for the relevant international legal materials see Salduz, cited above, §§ 37-44). Indeed, the fairness of proceedings requires that an accused be able to obtain the whole range of services specifically associated with legal assistance. In this regard, counsel has to be able to secure without restriction the fundamental aspects of that person's defence: discussion of the case, organisation of the defence, collection of evidence favourable to the accused, preparation for questioning, support of an accused in distress and checking of the conditions of detention.'*

*Il-fatt illi l-gurisprudenza tal-Qorti ta' Strasbourg evolviet sussegwentement ghas- sentenza ta'* ***Salduz*** *b'mod illi l-interpretazzjoni tad-dritt ghal smiegh mill-Qorti bdiet tikkonsidra li huwa necessarju li l-arrestat jithalla jkollu l-assistenza ta' avukat waqt l-interogattorju hija kkonfermata bl-aktar mod car fis-sentenza fl-ismijiet* ***Brusco v. France*** *deciza fl-14 ta' Ottubru 2010, fejn il-Qorti ta' Strasbourg ibbazat il-konklużjoni tagħha mhux biss fuq l-fatt illi Brusco ma thalliex ikellem avukat qabel ma gie interrogat izda anke ghaliex ma kellux access ghal avukat waqt l-ewwel interogazzjoni tieghu u l-interogazzjonijiet l-ohra kollha ta' wara dik, u dan a kuntrarju ta' dak li jezigi l-Artikolu 6:*

*"L'avocat n'a donc été en mesure ni de l'informer sur son droit à garder le silence et de ne pas s'auto-incriminer avant son premier interrogatoire ni de l'assister lors de cette déposition et lors de celles qui suivirent, comme l'exige l'article 6 de la Convention."*

*Konferma terga aktar cara ta' dan, tinsab fis-sentenza fl-ismijiet* ***Navone and others v. Monaco*** *deciza mill-Qorti ta' Strasbourg fl-24 ta' Ottubru 2013, fejn il- Qorti ikkonkludiet illi l-ligi ta' Monaco, li kienet tippermetti biss konsultazzjoni ma' avukat qabel l-interrogatorju, u ma kienitx tippermetti illi l-avukat ikun prezenti waqt l-interogazzjoni,*[28] *kienet leziva tad-dritt ta' smiegh xieraq:*

*"Or, en l'espèce, nul ne conteste qu'à l'époque des faits, le droit monégasque ne permettait pas aux personnes gardées à vue de bénéficier d'une assistance d'un avocat pendant les interrogatoires: une telle assistance était donc automatiquement exclue en raison des dispositions légales pertinentes. La Cour relève en effet que le droit interne ne prévoyait qu'une consultation avec un avocat au début de la*

[28] Bħas-sistema Maltija f'dak iż-żmien. (Din ir-referenza tinsab fin-nota ta' qiegħ il-paġna enumerata tnejn (2) fis-sentenza fl-ismijiet **'Christopher Bartolo (KI 390981M) vs Avukat Generali Kummissarju tal-Pulizija'** deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Cvili (Sede Kostituzzjonali) nhar it-23 ta' Novembru, 2017 (Rikors Numru: 92/2016 JPG).

*garde à vue ou de la prolongation de celleci, pendant une heure maximum, l'avocat étant en tout état de cause exclu des interrogatoires dans tous les cas.*

*(…)*

*Par conséquent, la Cour ne peut que constater que les requérants ont été automatiquement privés de l'assistance d'un conseil au sens de l'article 6 lors de leur garde à vue, la loi en vigueur à l'époque pertinente faisant obstacle à leur présence durant les interrogatories."*

Il-Qorti rat ukoll illi anke l-Qrati ordinarji Maltin diga bdew jesprimu d-dubbji taghhom rigward jekk, il-ligi, kif kienet dak iz-zmien, kienetx tiggarantixxi adegwatament d-dritt ta' smiegh xieraq konsiderat illi ma kienetx tippermetti illi suspettat jkollu assistenza legali waqt l-interrogatorju, u dan kif jidher fis-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali deċiza fis-6 ta' Ottubru 2016 **fl-ismijiet Il-Pulizija (Spettur Jesmond J. Borġ) vs Jason Cortis** fejn intqal illi:

***"...jista' jkun hemm lok ghal-dibattitu dwar kemm il-provvedimenti tal-Kap 9 jirrispekkjaw d-dritt ghall-assistenza legali moghti lill- arrestat tenut kont ukoll illi dan id-dritt, kif ezistenti llum taht il-ligi taghna, huwa ristrett ghal siegha qabel l-interoggatorju u b'hekk jeskludi l-jedd tal-presenza tal-avukat waqt l-istess interrogatorju****. F'dak l-istadju l-arrestat huwa soggett ghal mistoqsijiet diretti u suggestivi bir-risposti taghhom, anke jekk jghazel li ma jwegibx, bit-traskrizzjoni tieghu tkun eventwalment esebita fil-proceduri kontrih fejn ikun meqjus innocenti sakemm pruvat mod iehor."*

*Huwa car ghalhekk illi skont il-gurisprudenza kostanti tal-Qorti ta' Strasbourg, hekk kif zviluppat u evolviet sussegwentement ghas-sentenza ta' Salduz, il- garanzija u protezzjoni ta' smiegh xieraq tirikjedi illi l****-arrestat jinghata l-possibilita li jkollu mieghu avukat tal-fiducja tieghu waqt, u mhux biss qabel, l-***

***interogazzjoni.*** *Ghalhekk jidher illi l-argument tal-intimati illi dan l-ilment tar-rikorrent huwa nfondat ghaliex kienet inghata l-possibilita li jkellem avukat qabel l-ewwel interrogatorju huwa nsostenibbli ghaliex mill-gurisprudenza appena citata, jidher car illi l-arrestat ghandu jinghata l-possibilita' li jkollu avukat prezenti waqt l-interogazzjoni.*

*M'huwiex kontestat, illi fiz-zmien in kwistjoni kien hemm* ***restrizzjoni sistematika*** *li kienet timpedixxi lill-arrestat milli jkollu avukat tal-fiduċja tieghu prezenti waqt l-interrogazzjoni. M'huwiex ikkontestat ukoll illi r-rikorrent ma thalliex ikollu avukat prezenti waqt l-ewwel interogazzjoni, u illi ma inghatax access ghall-avukat tieghu qabel jew waqt it-tieni interogazzjoni. Dan il-fatt wahdu, skont il-gurisprudenza tal-Qorti ta' Strasbourg, huwa bizzejjed biex tinstab lezjoni tad-dritt ta' smiegh xieraq.*

*Il-Qorti pero ma tistghax ma tirrilevax illi dan huwa kaz gravi u partikolari, fejn ir- rikorrent huwa afflitt minn marda serja u terminali, tant li fi zmien tal- interogazzjoni kien ikollu jaghmel sitt sieghat dialysis, fi granet alternattivi u filfatt kien gie arrestat hekk kif kien ghadu hareg minn sitt sieghat dialysis. Il-Qorti tinsab mhassba mmens illi l-pulizija ma zammew ebda record tal-kondizzjoni ta' sahha tar-rikorrent, b'mod illi ma jistghux jikkonfermaw jekk kienux taw cans lir-rikorrent jiekol u jixrob bejn sitt sieghat dialysis u l-interogazzjoni tieghu jew le, skont kif qed jallega r-rikorrent. Il-Qorti tfakkar illi sakemm ir-rikorrent kien fil- kustodja tal-pulizija, il-pulizija kienet responsabbli ghal sahhtu u ghalhekk kellha tara li jkollha informazzjoni sufficjenti dwar il-kondizzjoni medika tar-rikorrent sabiex tigi salvagwardjata sahhtu u li r-rikorrent ma jithalliex bil-guh u bil-ghatx wara sitt sieghat dialysis.*

*Il-Qorti hija tal-fehma illi mill-provi prodotti rrizulta l-kondizzjoni medika tar- rikorrent, li kienet tikkawzalu ugiegh kbir, ansjeta u depressjoni, dana kollu jirrendi r-rikorrent persuna vulnerabbli,*

*specjalment ikkonsidrat illi l-ewwel interogazzjoni segwit sitt sieghat dialysis. Barra minn hekk, skont it-testimonjanza mhux kontradetta tal-psikologu Nicholas Briffa, a fol 128 – 129, ir-rikorrent huwa persuna suxxettibbli, u reza vulnerabbli minhabba l-kondizzjoni medika u d- depressjoni li minnha kien jbaghti. Di piu' l-fatt illi r-rikorrent ma kellu l-ebda esperjenza ta' interrogatorju, tirrendih aktar vulnerabbli.*

*Il-Qorti rat ukoll illi l-intimati ma ressqu l-ebda prova li kien hemm xi ragunijiet impellanti - "compelling reasons" - sabiex ir-rikorrent ma jithalliex ikollu avukat prezenti waqt l-interogazzjonijiet tieghu. Ghalhekk, ikkonsidrat li dak iz-zmien kien hemm restrizzjoni sistematika ghad-dritt ta' assistenza legali waqt l-interrogazzjoni, l-effetti ta' liema kienu aggravati f'dan il-kaz minhabba l-vulnerabbilita tar- rikorrent, u galadarba l-intimati ma ressqu l-ebda prova li kien hemm ragunijet serji u mpellenti li jistghu jiggustifikaw ir-restrizzjoni tad-dritt ta' assistenza legali sofferta mir-rikorrent, il-Qorti tikkonkludi illi l-ilment tar-rikorrent illi d-dritt tieghu ghal smiegh xieraq gie lez, huwa fondat.*

*Ghalhekk, il-Qorti tiddikjara illi r-rikorrent sofra lezjoni tad-dritt tieghu ghal smiegh xieraq minhabba restrizzjoni mhux gustifikata ghad-dritt tieghu ta' access ghal avukat.*'

Din is-sentenza ġiet appellata l-Avukat Generali u l-Kummissarju tal-Pulizija. Il-Qorti Kostituzzjonali fid-decizjoni taghha,[29] fost numru ta' kunsiderazzjonijiet qieset li:

*36. Mill-premess jirrizulta manifest li l-istqarrijiet rilaxxjati mir-rikorrent ser ikollhom kif fil-fatt gja` kellhom quddiem il-Qorti Kriminali impatt fil- proceduri kriminali, mhux in kwantu ghall-ammissjonijiet, izda in kwantu l-kontenut taghhom kien ittiehed in konsiderazzjoni fil-quantum tal-piena imposta fuqu mill-Qorti*

[29] Sentenza fl-ismijiet 'Christopher Bartolo v. (1) Avukat Generali; u (2) Kummissarju tal-Pulizija' deċiża mill-Qorti Kostituzzjonali fil-5 ta' Ottubru, 2018 (Rikors numru 92/16 JPG).

*Kriminali, u issa huwa car li anke l-Qorti tal-Appell Kriminali ser tiehu konsiderazzjoni tal-kontenut tal-istqarrijiet f'dan ir-rigward. Ghalhekk, ghalkemm il-proceduri kriminali ghadhom pendenti u ghalhekk ma jistax f'dan l-istadju jigi determinat jekk kienx hemm lezjoni ta' smigh xieraq f'dawk il-proceduri, jekk l-istqarrijiet jithallew fil-process tal- proceduri kriminali, dawn wisq probabbilment ser isir uzu minnhom mill- Qorti tal-Appell Kriminali bi pregudizzju jew vantagg ghall-akkuzat fil- kwantifikazzjoni tal-piena, kemm dik karcerarja kif ukoll ghal dak li tirrigwarda l-multa li tista' tigi imposta.*

*37. Fid-dawl tal-premess it-tehid tal-istqarrijiet zgur li ser ikollhom impatt fuq l-ezitu tal-process kriminali u, la darba dan isir, x'aktarx ser isir ksur tad- dritt tal-rikorrent ghal smigh xieraq tenut kont tal-fatt li dawn gew rilaxxjati mir-rikorrent fl-assenza ta' avukat li jassistih. Ghalhekk huwa xieraq li, filwaqt li f'dan l-istadju ma jistax jinghad jekk kienx hemm lezjoni ta' dan id- dritt fundamentali tar-rikorrent peress li l-proceduri kriminali ghadhom pendenti, dawn ma jithallewx jibqghu fl-inkartament tal-process kriminali'*

Ghar-ragunijiet sucitati il-Qorti Kostituzzjonali ddecidiet sabiex ma jsehhx ksur tad-drittijiet tar-rikorrent ma jsirx aktar uzu miz-zewg stqarrijiet rilaxxati mir-rikorrent fil-proceduri kriminali.

Fis-sentenza fl-ismijiet **'Il-Pulizija (Spettur Malcolm Bondin) kontra Aldo Pistella'**[30] fost numru ta' kunsiderazzjonijiet, gie kkunsidrat li:

*'Riferibbilment ghall-kaz in ezami, jirrizulta illi Aldo Pistella nghata dritt li jkellem lill-avukat ta` ghazla tieghu qabel irrilaxxja l-istqarrija lill-Ispettur Malcolm Bondin. L-ispettur koncernat ikkonferma li hekk kien il-kaz, kemm meta xehed fil-kors ta` dan il-procediment, kif ukoll*

[30] Deċiża mill-Qorti Civili Prim' Awla (Ġurisdizzjoni Kostituzzjonali) nhar is-27 ta' Ġunju, 2017 (Referenza Kostituzzjonali Numru: 104/16 JZM).

*meta xehed fil-kawza kriminali. In partikolari, fis-seduta tal-kawza kriminali tal-20 ta` Ottubru 2014 stqarr illi:-*

*"Minn hemm hekk komplejna bl-investigazzjonijiet mas-sur Aldo Pistella fejn jien tajtu d-drittijiet tieghu u fejn tajtu d-dritt tal-parir legali fejn xtaq li jkellem avukat u fil-fatt kien tkellem ma` l-avukat tieghu Dr Sarah Sultana personalment, kien tkellem l-ghada filghodu fejn kienet giet tkellmu gewwa l-kwartieri tal-Pulizija. Wara li ha lparir legali kont komplejt bl-investigazzjonijiet mieghu...." (ara fol 19 u 20 tal-process kriminali).*

Mill-istqarrija rriżulta wkoll illi Pistella kkonferma li fehem it-twissija mogħtija lilu mill-pulizija u li kien kellem lil avukat tiegħu qabel ma rrilaxxja l- istqarrija. Insibu a fol 29:

"M: *Fhimtha t-twissija li ghadni kif tajtek?*
T: *Iva.*
M: *Tikkonferma li kellimt lil avukat tieghek Dr Sara Sultana u gejt moghti dokument bid-drittijiet kollha tieghek bil-lingwa taljana?*
T*: Iva.*

*Madanakollu rrizulta wkoll illi Pistella ma kienx assistit mill-avukat ta` ghazla tieghu waqt it-tehid tal-istqarrija. Gara hekk ghaliex fiz-zmien meta Pistella kien qed jigi nvestigat, ma kienx hemm dritt li min kien qed jigi nvestigat jitlob li jkun assistit minn konsulent legali waqt it-tehid ta` l- istqarrija.*

*Din hija propju l-kwistjoni mertu tar-referenza kostituzzjonali odjerna, ossija jekk il-kaz ta` persuna li ma jkollhiex assistenza legali fl-istadju meta tkun giet arrestata u interrogata jikkostitwix ksur tal-jedd ghal smigh xieraq kif tutelat bl-Art 6 tal-Konvenzjoni.*

*Il-Qorti hadet nota tal-fatt li Aldo Pistella ddikjara li talab l-assistenza ta` avukat izda dak l-avukat ma kienx prezenti waqt l-interrogatorju.*

*Irrizulta wkoll mix-xiehda tal-Ispettur Bondin fil-proceduri kriminali illi waqt li kien qed jaghti l-istqarrija, Pistella kkopera izda kellu problema bejn li ried jikxef il-persuni involuti u bejn li ma riedx; ghalhekk kien rega` nsista li jkellem lill-konsulent legali izda din it-talba kienet michuda.*

*L-ispettur xehed hekk a fol 25 :-*

*"Is-sinjur ikkopera maghna bis-shih. Il-problema li kellu s-sinjur qisu bejn jixtieq jikkopera mal-pulizija u jghid verament min huma nvoluti n-nies u minn ghand min kien qed jixtri u jassistina f`dawk l- affarijiet u bejn qed jibza` minn dawn l-affarijiet. Ghax f`hin minnhom xtaq li jghinna u f`hin minnhom rega` talab biex jitkellem filfatt ma` l-avukat, ghidtlu li ma jistax."*

*Ghal din il-Qorti, il-fatt li persuna ma kinitx assistita minn avukat waqt l- interrogazzjoni jwassal ghal sitwazzjoni fejn l-uzu ta` l-istqarrija mehuda minghajr l-assistenza legali tammonta ghal lezjoni tad-dritt ghal smigh xieraq tal-imputat skont l-Art 6 tal-Konvenzjoni.*

***Din il-Qorti tqis li gall-kaz odjern ghandha tapplika l-gurisprudenza l-aktar ricenti tal-ECHR u tal-qrati taghna fejn inghad kjarament li d-dritt ta` l-applikant jigi rrimedjabbilment ippregudikat meta hu jirrilaxxa stqarrijiet waqt linterrogazzjoni meta ma kienx assistit minn avukat u in segwitu dawk l-istqarrijiet jintuzaw kontra tieghu. '***

L-istess Qorti[31] qieset li:

*'Fil-fehma ta` din il-Qorti, il-fatt li persuna ma kinitx assistita minn avukat waqt l-interrogazzjoni u waqt l-istess interrogazzjoni talbet li*

[31] Fis-sentenza fl-ismijiet 'Il-Pulizija (Spettur Malcolm Bondin) kontra Aldo Pistella' deċiża mill-Qorti Ċivili Prim'Awla (Ġurisdizzjoni Kostituzzjonali) fis-27 ta' Ġunju 2017 (Referenza Kostituzzjonali Numru. 104/16 JZM)

*terga` tkellem lill-avukat u tali talba giet michuda, iwassal ghal sitwazzjoni fejn id- dritt ta` dik il-persuna, fil-kaz tal-lum Aldo Pistella, kien irrimedjabbilment ippregudikat stante illi huwa rrilaxxja stqarrijiet waqt l-interrogazzjoni meta ma kienx assistit minn avukat u in segwitu dawk l-istqarrijiet jintuzaw kontra tieghu.*

*Issa rrizulta wkoll illi l-kawza kriminali ghadha pendenti.*

***Ghalkemm il-qorti ta` gurisdizzjoni kriminali eventwalment taghti decizjoni fil-mertu wara li jkun inghalaq il-gbir tal-provi, tenut kont tal- konsiderazzjonijiet kollha premessi, m`ghandux ikun illi l-kawza kriminali titkompla bl-istqarrija ta` Aldo Pistella lill-Ispettur Malcolm Bondin tkun taghmel prova ladarba rrizulta li waqt it-tehid tal- istqarrija ma kienx prezenti l-avukat ta` Aldo Pistella.***

***Del resto l-Avukat Generali u l-Kummissarju tal-Pulizija t-tnejn sostnew illi l-kaz tal-pulizija kontra Aldo Pistella mhuwiex fondat biss fuq l-istqarrija ta` l-akkuzat izda fuq provi ohra wkoll.***

***Ghalkemm jibqa` l-principju li procediment gudizzjarju ghandu jitqies fit-totalita` tieghu sabiex jigi determinat kienx hemm ksur tal- jedd ghal smigh xieraq, tibqa` l-konsiderazzjoni li m`ghandu jsir ebda uzu mill-istqarrija ta` Aldo Pistella fil-process kriminali sabiex meta jintemm il-process kriminali, ma jkunx mittiefes b`irregolaritajiet.'***

Il-Qorti Kostituzzjonali[32] kkonfermat is-sentenza tal-Ewwel Qorti, fejn fost kunsiderazzjonijiet oħra dwar l-appell ipprezentat mill-Avukat Generali u l-Kummissarju tal-Pulizija ikkunsidrat li:

[32] Fil-kawża fl-ismijiet 'Il-Pulizija (Spettur Malcolm Bondin) v. Aldo Pistella' deċiża fl-14 ta' Diċembru, 2018 (Rikors numru: 104/2016/1 JZM).

*'14. Għalkemm, bħall-ewwel qorti, taqbel mal-appellanti illi f'dan l-istadju għadu ma seħħ l-ebda ksur tal-jedd għal smigħ xieraq, madankollu, kif osservat fil-każ ta' Malcolm Said,*[33] *il-qorti xorta hija tal-fehma li ma jkunx għaqli li l-proċess kriminali jitħalla jitkompla bilproduzzjoni tal-istqarrija tal-akkużat Pistella ladarba din, għallinqas f'parti minnha, ittieħdet mingħajr ma Pistella kellu l-għajnuna ta' avukat. Għalhekk, għalkemm għadu ma seħħ ebda ksur tal-jedd għal smigħ xieraq, fiċ-ċirkostanzi huwa għaqli illi, kif qalet l-ewwel qorti, ma jsir ebda użu mill-istqarrija fil- proċess kriminali sabiex, meta l-proċess kriminali jintemm, ma jkunx tniġġes b'irregolarità – dik li jkun sar użu minn stqarrija li ttieħdet mingħajr ma linterrogat kellu l-għajnuna ta' avukat – li tista' twassal għal konsegwenzi bħal tħassir talproċess kollu.*

*15. Il-fatt li, kif josservaw l-appellanti, hemm xiehda oħra fil-proċess barra l-istqarrija li tista' ssaħħaħ il-każtal-prosekuzjoni ma huwiex argument kontra din il-konkluzjoni. Ifisser biss li l-każ tal-prosekuzzjoni ma jiddgħajjifx bit-tneħħija tal-istqarrija waqt li jista' jingieb fixxejn jekk l-istqarrija titħalla fil-proċess u dan possibilment iwassal għal sejbien, eventwalment, ta' ksur tal-jedd għal smigħ xieraq.'*

Il-Qorti tagħmel referenza ukoll għas-sentenza fl-ismijiet **<u>'Ir-Repubblika ta' Malta v. Martino Aiello'</u>**[34] fejn ġie kkunsidrat li:

*'Illi t-tezi tar-rikorrenti hi semplici u lineari. Meta giet rilaxxata l-istqarrija dik il-persuna ma kellhiex id-dritt tal-prezenza ta' l-avukat. Il-konkluzjoni allura hi li tali stqarrija ghandha tkun inammissibli.*

[33] 24 ta' Ġunju 2016. (Din ir-referenza tinsab fin-nota ta' qiegħ il-paġna enumerata tnejn (2) fis-sentenza fl-ismijiet 'Il-Pulizija (Spettur Malcolm Bondin) v. Aldo Pistella' deċiża fl-14 ta' Diċembru, 2018 (Rikors numru: 104/2016/1 JZM).

[34] Sentenza preliminari mogħtija mill-Qorti Kriminali nhar id-9 ta' Mejju, 2017 (Att ta' Akkuża numru 13/2015).

*Illi t-tezi tal-Avukat Generali hi daqstant lineari. Ir-rikorrenti gie moghti d-dritt li jikkonsulta avukat ta' fiducja tieghu. Hu rrifjuta tali dritt, ma kkonsulta lil hadd u liberament u volontarjament irrilaxxa l-istqarrija hawn fuq imsemmija.*

*Illi din il-Qorti josserva li s-sentenza Borg v. Malta (hawn fuq citata) ma kinitx biss jitkellem fuq id-dritt li wiehed ikollu l-jedd li jikkonsulta ma avukat qabel tigi rilaxxat stqarrija. Dik is-sentenza tghid illi f'kull stadju ta' l-investigazzjoni l-persuna susspettata jew akkuzata jrid ikollha d-dritt ta' l-avukat. Kien ghalhekk li gie promulgat l-Att numru LI ta' l-2016.*

*Illi fil-fehma ta' din il-Qorti l-istess principji li gew applikati fis-sentenzi hawn fuq imsemmija ghandhom japplikaw f'dan il-kaz ukoll. <u>Dan ifisser li anki jekk r-rikorrenti rrifjuta d-dritt li jikkonsulta avukat ma jfissirx li hu kien ser jirrifjuta l-prezenza ta' avukat fl-istess kamra ta' l-interrogatorju,</u> tenut kont tal-fatt li l-artikolu fuq citat isemmi li l-avukat prezenti ghall-interrogatorju "...jippartecipa b'mod effettiv fl-interrogazzjoni...". Kif wiehed jista' japprezza din hi sitwazzjoni kompletament differenti. Logikament, ma tistax tipenalizza persuna li ghamel ghazla fuq parametri kompletament differenti minn dawk li huma in vigore llum.*

*Ghaldaqstant, ghal dawn ir-ragunijiet din il-Qorti tilqa l-eccezzjoni tar-rikorrenti. Tiddikjara l-istqarrija tad-19 ta' Ottubru, 2014 rilaxxat mir-rikorrenti bhala nammissibbli. Tali stqarrija ma tistax tigi prodotta waqt il-guri jew kopja taghha moghtija lill-gurati.'*

Dik is-sentenza kienet giet appellata u l-Qorti tal-Appell Kriminali[35] ma kienitx ikkonfermat is-sentenza tal-Qorti Kriminali iżda kienet ikkunsidrat:

[35] Deciza fit-9 ta' April, 2018 (Att ta' Akkuza Numru 13/2015).

*'19. Illi gjaldarba l-kwistjoni imqanqla la hija wahda frivola u lanqas vessatorja, din il-Qorti, wara li rat l-artikolu 46(3) tal-Kostituzzjoni u l-artikolu 4(3) tal- Kapitolu 319 tal-Ligijiet ta' Malta, qed tibghat lil-Prim'Awla tal-Qorti Civili, l- kwistjoni dwar jekk bl-uzu fil-guri kontra l-akkuzat appellat Martino Aiello tal- istqarrija rilaxxjata minnu lill-pulizija fid-19 ta' Ottubru 2014 jigix lez id-dritt tal-istess Martino Aiello ghal smigh xieraq sancit bl-artikolu 39(1)(3) tal-Kostituzzjoni u l-artikolu 6(1)(3) tal-Konvenzjoni għall-Protezzjoni tad- Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fondamentali.*

*20. Tiddiferixxi dan l-appell sine die sakemm tigi deciza definittivament il-kwistjoni fuq riferita.'*

Sussegwentement, il-Prim'Awla tal-Qorti Civili (Sede Kostituzzjonali)[36] iddeciediet ir-referenza Kostituzzjonali billi iddikjarat li fic-ċirkostanzi tal-kaz mhux ser ikun jirrizulta ebda lezjoni tad-dritt fundamentali tal-akkuzat Martino Aiello ghal smiegh xieraq kif sancit bl-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u l-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea ghall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fundamentali jekk isir uzu fil-guri kontra tieghu mill-istqarrija li huwa rrilaxxja lil pulizija fid- 19 ta' Ottubru, 2014. Il-Qorti f'dik is-sentenza fost kunsiderazzjonijiet oħra, qieset li:

*'Qabel xejn, din il-Qorti tgħid illi ma jirriżultax li kien hemm raġunijiet tajbin li jżommu lill-akkużat milli jkollu avukat preżenti waqt l-interrogazzjoni u waqt li kien qiegħed jagħti listqarrija. L-uniku raġuni li Martino Aiello ma setax ikun mgħejjun minn avukat kienet li, dak iż-żmien, il-liġi ma kienitx tippermetti li l-akkużat ikun hekk mgħejjun f'dak l-istadju imma seta' jikkonsulta ma' avukat biss qabel l-interrogazzjoni, xi ħaġa li mhux kontestat li Martino Aiello rrifjuta li jagħmel.*

[36]Fl-ismijiet 'Ir-Repubblika ta' Malta vs Martino Aiello' fis-17 ta' Ottubru, 2019 (Referenza Kostituzzjonali Numru: 38/2018 AF).

*Madanakollu, il-posizzjoni ġurisprudenzjali kurrenti turi li m'għadux il-każ li l-fatt waħdu li l-liġi ma kienitx tippermetti l-assistenza ta' avukat qabel jew waqt l-interrogazzjoni, awtomatikament iwassal sabiex jinstab li kien hemm ksur tad-dritt għal smigħ xieraq, kif qiegħed jippretendi l-akkużat, imma din il-Qorti għandha tqis diversi fatturi qabel tasal għall-konklużjoni tagħha.*

*Kif diġà ntqal, dan il-każ huwa kemmxejn differenti mill-każ ta' Aldo Pistella in kwantu li Martino Aiello kien fil-fatt irrinunzja għad-dritt tiegħu li jikkonsulta ma' avukat qabel ma ġie interrogat mill-Pulizija u assolutament ma ġiex muri li huwa xtaq li jkollu avukat preżenti waqt l-interogazzjoni jew waqt li kien qiegħed jirrilaxxja l-istqarrija.*

*Proprju dwar ir-rinunzja, fil-każ ta'* ***Paskal vs Ukraine****, tal-15 ta' Settembru 2011, il-Qorti Ewropea qalet hekk:*

*"Neither the letter nor the spirit of Article 6 of the Convention prevents a person from waiving of his own free will, either expressly or tacitly, the entitlement to the guarantees of a fair trial, as long as a waiver of the right is given in an unequivocal manner and was attended by the minimum safeguards commensurate to its importance."*

*L-akkużat naqas milli juri wkoll li huwa għandu jitqies bħala persuna vulnerabbli. Fil-fatt, meta xehed quddiem din il-Qorti, tista' tgħid li ma semma xejn dwar iċ-ċirkostanzi tal-arrest tiegħu flimkien ma' martu mal wasla tagħhom hawn Malta. Martino Aiello la kien minorenni u lanqas kien ibati minn xi forma oħra ta' vulnerabilità fiż-żmien in kwistjoni. Lanqas jirriżulta xi prova fis-sens li ċ-ċirkostanzi li fihom ittieħdet l-istqarrija kienu għalih intimidanti. L-istqarrija ngħatat volontarjament, mingħajr theddid, wegħdi jew promessi ta' vantaġġi u wara li ngħata d-debita twissija skont il-liġi, u ċioè li ma kienx obbligat jitkellem sakemm ma kienx hekk jixtieq, iżda li dak li kien ser jgħid seta' jinġieb bħala prova kontrih. Lanqas ma ġie muri li l-akkużat ma kienx qiegħed jifhem l-import taċ-ċirkostanzi li kien jinsab fihom. Il-Qorti*

*tinnota wkoll illi Martino Aiello ma qajjem l-ebda lment dwar listqarrija li kien irrilaxxja qabel ma ġie deċiż il-każ ta' Borg vs Malta imma huwa talab lill-Qorti Kriminali sabiex ikun jista' jressaq eċċezzjoni dwar l-inammissibilità tal-istqarrija biss*minħabba dak *deċiż mill-Qorti Ewropea fl-imsemmija każ. Imma kif rajna, din ilġurisprudenza m'għadhiex applikabbli inkondizzjonatament safejn l-akkużat qiegħed jippretendi li l-istqarrija tiegħu mhijiex ammissibbli bħala prova abbażi tal-fatt waħdu li dak iż-żmien ma setax ikun assistit minn avukat waqt l-interrogazzjoni u waqt li kien qiegħed jirrilaxxja l-istqarrija. Anzi, għandhom jittieħdu in konsiderazzjoni diversi fatturi li flimkien jagħmlu ċ-ċirkostanzi tal-każ.*

*Martino Aiello fl-ebda stadju ma kkontesta l-awtentiċità tal-prova li ġabet il-Prosekuzzjoni kontrih, liema prova mhijiex limitata għall-istqarrija in kwistjoni. Lanqas ma oppona għall-preżentata ta' dik l-evidenza. L-assjem tal-provi ser ikun evalwat minn Imħallef u għalhekk, minn persuna b'għarfien għoli tal-proċedura legali u l-liġi Maltija.*

*Finalment, il-Qorti tqis illi huwa indubbjament fl-interess pubbliku li jiġi investigat u imressaq sabiex jiġi ġudikat mill-Qrati ta' ġurisdizzjoni kriminali l-akkużat li nqabad in flagrante jittraffika d-droga f'Malta.*

*Għaldaqstant, il-Qorti ssib li l-akkużat Martino Aiello ma rnexxilux juri li tassew ser iġarrab ksur tad-dritt tiegħu għal smigħ xieraq bl-użu fil-ġuri kontra tiegħu tal-istqarrija li rrilaxxja fid-19 ta' Ottubru 2014.'*

Dik is-sentenza ġiet appellata u l-Qorti Kostituzzjonali fis-sentenza fl-ismijiet **<u>'Ir-Repubblika ta' Malta v. Martino Aiello'</u>**[37] caħdet l-appell u fost kunsiderazzjonijiet oħra qieset li:

[37] Deċiża mill-Qorti Kostituzzjonali fis-27 ta' Marzu, 2020 (Rikors numru: 38/18 AF).

*'24. L-istqarrija ma ttieħditx bi ksur ta' xi dispozizzjoni ta' liġi u kien ċertament fl-interess pubbliku li każ dwar traffikar ta' drogi f'Malta, ikun investigat u jittieħdu proċeduri kriminali dwaru.*

*25. M'hemm l-ebda indizju li l-appellant ġie mġiegħel jagħmel dik l-istqarrija. Fl-ebda stadju m'allega xi theddid jew wegħda biex għamilha.*

*26. Fir-rigward ta' paragrafu (g) m'hemmx dubju li l-prosekuzzjoni trid li dik l- istqarrija tintuża bħala prova importanti tal-ġuri li għad irid isir, u dan b'riferenza għal dak li ġara f'Mejju u Ġunju, 2014 peress li fl-istqarrija Aiello ammetta li kien hemm darbtejn oħra f'dawk ix-xhur meta kien diġa` importa droga f'Malta. Fatt li saret riferenza espressa għalih fl-att tal-akkuża. Għalkemm il-ġuri għadu ma sarx, hu evidenti li dik l-ammissjoni f-listqarrija għandha importanza fil-proċess kriminali tant li saret riferenza għaliha fl-att ta-lakkuża.*

*27. Inoltre, dwar dan il-każ għad irid isir il-ġuri. Għalhekk huma l-ġurati li ser jiddeċiedu jekk l-appellant huwiex ħati tal-akkużi li hemm kontrih. Madankollu, ser ikun l-imħallef li fl-indirizz li jrid jagħmel lill-ġurati ser jigbor ix-xiehda tax- xhieda u l-provi li jkunu marbutin magħhom, kif ukoll ifisser ix-xorta u l-elementi tar-reati rilevanti għall-każ. Hu l-imħallef li jagħmel ".... kull osservazzjoni oħra li tiswa biex triegi u turi lill-ġuri kif għandu jaqdi sewwa d-dmirijiet tiegħu" (Artikolu 465 tal-Kap. 9).*

*28. Li hu żgur hu li f'dan il-każ l-appellant ingħata l-opportunita' li jitkellem ma' avukat, bit-telefon jew wiċċ imb'wiċċ, iżda irrifjuta. B'dak il-mod l-appellant ċaħħad lilu nnifsu mill-opportunita' li jkollu parir ta' avukat sabiex jipprepara ruħu għall-interrogazzjoni u sabiex jingħata tagħrif dwar il-vantaġġi u żvantaġġi li jitkellem jew jagħżel is-silenzju waqt linterrogazzjoni. Dan meta kien jaf li waqt l-interrogazzjoni ma kienx ser ikollu l-assitenza ta' avukat preżenti. Dan*

*apparti li kien infurmat b'mod ċar bil-jedd li jibqa' sieket u ma jweġibx iżda xorta agħżel li jwieġeb liberament. Madankollu xorta agħżel li jwieġeb għad-domandi li sarulu.*'

Il-Qorti tal-Appell Kriminali (Sede Superjuri), f'sentenza li ngħatat riċentament, fl-ismijiet **'Ir-Repubblika ta' Malta vs Martino Aiello'**[38] il-Qorti qieset:

'*12. Illi d-difiża madanakollu xorta waħda għadha qed tinsisti fuq l-eċċezzjoni minnha ventilata dwar l-inammissibilita' ta'l-istqarrija tal-akkużat billi tisħaq illi din il-Qorti ta' kompetenza penali trid tħares lejn il-kwistjoni taħt ottika differenti minn dik tal-Qorti Kostituzzjonali, ukoll għaliex fl-istadju taċ-ċelebrazzjoni tal-ġuri ma għandux jiġi rimess għal ġudizzju tal-ġurija popolari jekk il-kriterji mfassla fid-deċiżjoni Beuze vs il-Belġju deċiża mill-Qorti Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem ma ġewx osservati. Jisħaq illi għalkemm l-appellat inqabad f'okkażjoni waħda in flagrante jdaħħal id-droga ġewwa Malta, madanakollu fl-istqarrija rilaxxata minnu lil pulizija huwa jammetti għal żewġ okkażjonijiet oħra ta'importazzjoni liema fatt allura joħroġ biss minn din l-istqarrija u minn ebda prova oħra. Fil-fehma tad-difiża hija din il-Qorti f'dan l-istadju tal-proċeduri li għandha tara jekk il-kriterji imfassal fid-deċiżjoni Beuze jirriżultaw u jekk humiex ser iwasslu sabiex jivvizjaw listqarrija rilaxxata mill-appellat.*

*13. Illi l-Qorti ma tistax taqbel ma din il-linja difenzjonali u dan għaliex kif diversi drabi affermat mill-qrati fir-rigward tal-prinċipju regolatur dwar l-ammissibilita' ta' prova fil-proċess penali, hija prassi adottata mill-ġurisprudenza illi prova ma titqiesx li hija inammissibbli sakemm ma jkunx hemm xi dispożizzjoni espressa tal-liġi li tipprekludi l-ammissjoni ta' dik il-prova. Illi għalkemm l-appellat jistieden lil din il-Qorti tqies l- ilment minnu ventilat mill-ottika tal-proċess ġudizzjarju penali u mhux minn dak ta' natura kostituzzjonali,*

[38] Deciza fis-27 ta' Jannar, 2021 (Att ta' Akkuza numru: 13/2015).

*madanakollu imbagħad ma jinvoka ebda regola tal-liġi penali li teskludi l-produċibilita' tal-istess stqarrija, iżda jisħaq unikament illi l-istqarrija hija nieqsa mill-valur probatorju tagħha għaliex meta interrogat huwa ma kellux avukat preżenti miegħu sabiex jassistieh u allura qiegħed issejjes din il-lanjanza fuq lezjoni potenzjali tal-jedd tiegħu għal smigħ xieraq, kwistjoni li issa ġiet determinat finalment mill-Qorti Kostituzzjonali li sabet li ma kien hemm ebda lezjoni f'dan is-sens. (...)'*

Fl-istess sentenza, fost kunsiderazzjonijiet oħra ġie meqjus li:

*'16. Magħmula dawn il-konsiderazzjonijiet u billi d-difiża qed issejjes l-eċċezzjoni tagħha dwar l-inammissibilita' ta' l-istqarrija ta' l-akkużat mhux fuq xi regola penali tal- evidenza li teskludi dik il-prova, peress li l-istess stqarrija kienet konformi mal-liġi penali viġenti dak iż- żmien, iżda fuq l-allegata lezjoni potenzjali tal-jedd tiegħu għal smigħ xieraq taħt l-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea jekk isir użu minn dik l-istqarrija fil-ġuri, u peress ukoll illi mill-pronunzjament tal-Qorti Kostituzzjonali tali lezjoni ma tirriżultax, f'dan l-istadju tal-proċeduri l-imsemmija prova m'għandhiex tiġi skartata billi mhuwiex nieqes il-valur probatorju tagħha ġaladarba ma hemm ebda regola li qed teskludi l-ammissjoni ta'l-istess.'*

*Sentenza ta' ċertu importanza hija dik mogħtija mill-Grand Chamber tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem fis-sentenza* ***'Bueze vs Belgium'***[39] *fejn għamlet emfazi fuq il-fatt li l-proċeduri iridu jiġu evalwati fl-intier tagħhom sabiex jiġi determinat jekk kien hemm vjolazzjoni tad-dritt għal smiegħ xieraq. F'dik is-sentenza ġie meqjus li:*

*'150. When examining the proceedings as a whole in order to assess the impact of procedural failings at the pre-trial stage on the overall*

[39] Deċiża mill-Grand Chamber tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem fid-9 ta' Novembru, 2018 (Applikazzjoni numru: 71409/10)

*fairness of the criminal proceedings, the following non-exhaustive list of factors, drawn from the Court's case-law, should, where appropriate, be taken into account (see Ibrahim and Others, cited above, § 274, and Simeonovi, cited above, § 120):*

*(a) whether the applicant was particularly vulnerable, for example by reason of age or mental capacity;*

*(b) the legal framework governing the pre-trial proceedings and the admissibility of evidence at trial, and whether it was complied with – where an exclusionary rule applied, it is particularly unlikely that the proceedings as a whole would be considered unfair;*

*(c) whether the applicant had the opportunity to challenge the authenticity of the evidence and oppose its use;*

*(d) the quality of the evidence and whether the circumstances in which it was obtained cast doubt on its reliability or accuracy, taking into account the degree and nature of any compulsion;*

*(e) where evidence was obtained unlawfully, the unlawfulness in question and, where it stems from a violation of another Convention Article, the nature of the violation found;*

*(f) in the case of a statement, the nature of the statement and whether it was promptly retracted or modified;*

*(g) the use to which the evidence was put, and in particular whether the evidence formed an integral or significant part of the probative evidence upon which the conviction was based, and the strength of the other evidence in the case;*

*(h) whether the assessment of guilt was performed by professional judges or lay magistrates, or by lay jurors, and the content of any directions or guidance given to the latter;*

*(i) the weight of the public interest in the investigation and punishment of the particular offence in issue; and*

*(j) other relevant procedural safeguards afforded by domestic law and practice.'*

Fl-istess sentenza gie kkunsidrat li:

*'193. In conclusion, re-emphasising the very strict scrutiny that must be applied where there are no compelling reasons to justify the restriction on the right of access to a lawyer, the Court finds that the criminal proceedings brought against the applicant, when considered as a whole, did not cure the procedural defects occurring at the pre-trial stage, among which the following can be regarded as particularly significant:*

*(a) The restrictions on the applicant's right of access to a lawyer were particularly extensive. He was questioned while in police custody without having been able to consult with a lawyer beforehand or to secure the presence of a lawyer, and in the course of the subsequent judicial investigation no lawyer attended his interviews or other investigative acts.*

*(b) In those circumstances, and without having received sufficiently clear prior information as to his right to remain silent, the applicant gave detailed statements while in police custody. He subsequently presented different versions of the facts and made statements which, even though they were not self-incriminating stricto sensu, substantially affected his position as regards, in particular, the charge of the attempted murder of C.L.*

*(c) All of the statements in question were admitted in evidence by the Assize Court without conducting an appropriate examination of the*

*circumstances in which the statements had been given, or of the impact of the absence of a lawyer.*

*(d) While the Court of Cassation examined the admissibility of the prosecution case, also seeking to ascertain whether the right to a fair trial had been respected, it focused on the absence of a lawyer during the period in police custody without assessing the consequences for the applicant's defence rights of the lawyer's absence during his police interviews, examinations by the investigating judge and other acts performed in the course of the subsequent judicial investigation.*

*(e) The statements given by the applicant played an important role in the indictment and, as regards the count of the attempted murder of C.L., constituted an integral part of the evidence on which the applicant's conviction was based.*

*(f) In the trial before the Assize Court, the jurors did not receive any directions or guidance as to how the applicant's statements and their evidential value should be assessed.*

*194. The Court finds it important to emphasise, as it has done in other cases under Article 6 § 1 of the Convention in which an assessment of the overall fairness of the proceedings was at issue, that it is not for the Court to act as a court of fourth instance (see Schatschaschwili, cited above, § 124). In carrying out such an assessment, as required by Article 6 § 1, it must nevertheless carefully look at how the domestic proceedings were conducted, and very strict scrutiny is called for where the restriction on the right of access to a lawyer is not based on any compelling reasons. In the present case, it is the combination of the various abovementioned factors, and not each one taken separately, which rendered the proceedings unfair as a whole.*

*(iv) General conclusion*

*195. Accordingly, there has been a violation of Article 6 §§ 1 and 3 (c) of the Convention.'*

Ghalhekk skond din is-sentenza, ir-restrizzjoni għal access ghal Avukat waqt l-interrogatorju ma jfissirx awtomatikament li kien hemm lezjoni tad-dritt ghal smiegh xieraq izda l-Qorti trid tqis ukoll l-'*overall fairness*' tal-proceduri sabiex tiddetermina jekk kienx hemm lezjoni o meno. F'dan ir-rigward, il-Qorti tal-Appell Kriminali fis-sentenza fl-ismijiet **'Il-Pulizija vs Maximilian Ciantar'**[40] wara li għamlet referenza ghas-sentenza fl-ismijiet **'Philippe Bueze vs Belgium'**[41] qieset:

*'Illi ghalkemm illum kif inghad il-ligi regghet giet emendata u dan sabiex jigi fis-sehh fil-ligi domestika d-dritt komunitarju fir-rigward u sabiex ukoll ir-restrizzjoni sistematika dwar id-dritt ghall-avukat jigi regolat, madanakollu fiz-zmien meta giet rilaxxjata l-istqarrija tal-appellant kien hemm dritt, ghalkemm wiehed iktar ristrett, tal-persuna suspettata biex tikkonferixxi mal-avukat tal-fiducja taghha fil-hin precedenti l-interrogatorju mill-pulizija. Illi allura din il-Qorti fid-dawl tal- pronunzjament surriferit tal-Qorti Ewropeja tad-Drittijiet tal-Bniedem ma tistax a priori tiskarta stqarrija ta' persuna li tkun inghatat l-jedd tikkonsulta ma' avukat qabel ma tigi interrogata, izda fejn l-avukat taghha ma kienx prezenti filwaqt tal-interogazzjoni, u dan ghaliex allegatament jista' jkun hemm lezjoni tad-dritt taghha ghal smigh xieraq, billi kif mistqarr f'dan il-pronunzjament kull kaz irid jitqies ghalih u cioe' allura billi jigi mistharreg f'kull kaz individwalment jekk bil-fatt illi l-persuna akkuzata ma kellhiex l-avukat prezenti waqt it-tehid tal-istqarrija dan setax impinga fuq issmigh xieraq iktar 'il quddiem tul il-proceduri penali istitwiti kontra taghha.*

*Din il-Qorti ma ghandhiex funzjonijiet kostituzzjonali u allura ma ghandhiex il-poter tistharreg jekk ikunx sehh lezjoni tad-dritt ta' smigh*

[40] Deċiża mill-Qorti tal-Appell Kriminali fis-27 ta' Frar, 2019 (Appell Numru: 514/2017).
[41] Deċiża mill-Grand Chamber tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem fid-9 ta' Novembru, 2018 (Numru: 71409/10).

*xieraq jew jekk potenzjalment dan jistax isehh u dan f'kaz fejn xi forma ta' assistenza legali tkun giet moghtija. Ma tistax il-Qorti ta' kompetenza penali tiddeciedi a priori illi bil-fatt wahdu illi fiz-zmien li l-persuna akkuzata tkun giet interrogata ma kellhiex il-jedd ikollha l-avukat prezenti maghha dan awtomatikament kien vjolattiv tal-jedd taghha ghal smigh xieraq meta l-Qorti Ewropeja issa qed tidderigi il-qrati domestici jindagaw jekk il- proceduri fl-intier taghhom kenux gusti filkonfront tal-akkuzat bit-test allura li irid jigi segwiet fuq zewg binarji u cioe':*

i. *the existence of compelling reasons for the right to be witheld*

ii. *the overall fairness of the proceedings.*

*Jinghad biss f'dan il-kaz illi l-appellant kien abbilment assistit tul dawn il-proceduri kriminali istitwiti kontra tieghu. Fl-ebda mument tul il-proceduri ma jqanqal il- kwistjoni dwar il-valur probatorju tal-istqarrija minnu rilaxxjata biex b'hekk il-Qorti ghandha quddiemha prova li qatt ma giet ikkontestata. Illi maghdud dan madanakollu l-Qorti tosserva li l-appellant kien ikkonsulta mal-avukat tal-fiducja tieghu qabel ma gie interrogat. F'dak iz-zmien huwa kellu sitta u ghoxrin sena u diga` kellu irregistrati kontra tieghu hdax-il kundanna biex b'hekk ma jistax jitqies li kien bniedem vulnerabbli. L-appellant qatt ma jikkontendi illi hu jew l-avukat tieghu ma gewx mgharrfa mill-pulizija dwar in-natura tal-akkuzi migjuba fil-konfront tieghu jew tal-provi li l-pulizija kellhom f'idejhom. Fuq kollox dak mistqarr mill-appellant fl-istqarrija minnu rilaxxjata huwa biss korroborazzjoni ta' dak li jikkontendu l-vittmi billi dawn kienu x-xhieda ewlenija f'dan il-kaz meta jistqarru li gharfu lill-appellant bhala wiehed mill-hallelin.*

*Illi finalment ghalkemm il-ligi f'dak iz-zmien ma kenitx tippermetti lill-avukat li jkun prezenti waqt it-tehid tal-istqarrija, madanakollu ghandu jinghad illi l-ligi kif inhi illum ma tantx toffri dik l-assistenza effettiva bil-fatt illi l-avukat ikun prezenti mal- persuna suspettata*

*waqt li din tkun qed tigi interrogata bil-proviso ghall-artikolu 355AUA (8)(c) talKodici Kriminali jiddisponi hekk:*

***"Id-dritt tal-avukat li jippartecipa b'mod effettiv ma għandux jinftiehem bħala dritt tal-avukat li jostakola l-interrogazzjoni jew li jissuġġerixxi tweġibiet jew reazzjonijiet oħra għall-interrogazzjoni u kull mistoqsija jew rimarka oħra mill-avukat għandha, ħlief f'ċirkostanzi eċċezzjonali, issir wara li l-Pulizija Eżekuttiva jew awtorità oħra investigattiva jew awtorità ġudizzjarja jkunu ddikjaraw li ma għandhomx aktar mistoqsijiet."***

*Fil-fatt minn qari tad-Direttiva tal-Unjoni Ewropeja dwar id-Dritt tal-assistenza legali, ghalkemm din giet tramandata kwazi kelma b'kelma fil-ligi taghna, madanakollu dana lproviso ma jirriaffigura imkien fl-artikolu 3 tad-Direttiva, li gie trasportat fl-artikolu 355AUA tal-Kodici Kriminali.*

*Maghmula dawn il-konsiderazzjonijiet ghalhekk din il-Qorti ma issib l-ebda mottiv li jista' igieghlha titbieghed mill-fehma milhuqa mill-Ewwel Qorti li strahet fuq ix- xiehda tal-vittmi f'dan il-kaz abbinata mal-istqarrija rilaxxjata mill-appellant u dan sabiex sejset is-sejbien ta' htija fil-konfront tieghu.'*

Din il-Qorti sejra taghmel referenza għal *joint concurring opinion* tal-Imħalfin Yudkivska, Vučinić, Turković u Hüseynov għas-sentenza fl-ismijiet **'Beuze v. Belgium'**[42] fejn fost affarijiet ohra ikkunsidraw li:

'22. *In sum, we believe that it is vital to make a distinction between the systematic defects and the particular defects which are found in individual cases as a result of targeted and context-specific restrictions (e.g. in terrorism cases) or as a result of mistakes and shortcomings in*

[42] Deċiża mill-Grand Chamber tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem fid-9 ta' Novembru, 2018 (Applikazzjoni numru: 71409/10).

*individual cases. <u>It is not correct for the Court to consider the overall fairness of an individual applicant's case when a systematic ban exists, affecting every other individual in the applicant's position and in the absence of any assessment by the relevant national authorities.</u>*

*23. The formulation of the exception is extremely clear: any derogation must be justified by compelling reasons pertaining to an urgent need to avert danger for the life or physical integrity of one or more people. In addition, any derogation must comply with the principle of proportionality, which implies that the competent authority must always choose the alternative that least restricts the right of access to a lawyer and must limit the duration of the restriction as much as possible. In accordance with the Court's case-law, no derogation may be based exclusively on the type or seriousness of the offence and any decision to derogate requires a case-by-case assessment by the competent authority. Finally, derogations may only be authorised by a reasoned decision of a judicial authority.*

*24. The Court must apply a strict approach to a blanket prohibition on the right to legal assistance; otherwise, we will end up in conflict with the overall direction of both the case-law of the Court and EU law.'*

Fis-sentenza fl-ismijiet **<u>'Paul Anthony Caruana v. Avukat Ġenerali, Kummissarju tal-Pulizija, Reġistratur tal-Qrati u Tribunali Kriminali'</u>**[43] il-Qorti Kostituzzjonali għamlet referenza għas-sentenza sucitata fl-ismijiet ' **<u>Beuze vs Belgium'</u>** u kkunsidrat li:

*'18. Din hija interpretazzjoni li hija eqreb mal-posizzjoni li kienet ħadet din il-Qorti qabel is-sentenza ta' Borg milli mal-interpretazzjoni mogħtija mir-Raba' Sezzjoni f'Borg u effettivament tfisser li kellha raġuni il-Qorti Kostituzzjonali ta' Malta fil-posizzjoni li kienet ħadet fil-każ ta' Muscat u fis-sentenzi li segwew, qabel ma kienet kostretta tbiddel dik l-interpretazzjoni fid-dawl ta' Borg.*

[43] Deċiża mill-Qorti Kostituzzjonali fil-31 ta' Mejju, 2019 (Rikors kostituzzjonali numru: 64/2014 JRM).

*19. Uħud mill-imħallfin membri tal-Qorti li tat is-sentenza ta' Beuze, f'opinjoni għalihom, ikkritikaw is-sentenza fejn qalet illi, f'kull każ, trid tqis il-proċess fit-totalità tiegħu u mhux biss in-nuqqas ta' għajnuna ta' avukat, għax dehrilhom illi, izjed milli preciżazzjoni tal-interpretazzjoni ta' Salduz fid-dawl ta' Ibrahim, is-sentenza ta' Beuze hija kapovolgiment ta' dik il-ġurisprudenza. Hu x'inhu, hijiex preciżazzjoni, elaborazzjoni, evoluzzjoni jew kapovolgiment, din hija sa issa l-aħħar kelma, u tagħti raġun lill-Qorti Kostituzzjonali ta' Malta fil-ġuris- prudenza li segwiet is-sentenza ta' Muscat.*

*20. Fid-dawl ta' dawn il-konsiderazzjoniiet, l-aggravju tal-attur – sa fejn igħid illi "l-fatt waħdu illi persuna li tkun instabet ħatja ma tkunx tħalliet tikkonsulta ma' avukat tal-fiduċja tagħha fil-mument tal-investigazzjoni u l-għotja ta' stqarrija lill-pulizija, minħabba restrizzjoni sistematika fil- liġi maltija, awtomatikament ikun ifisser illi saret vjolazzjoni tad-dritt fundamentali tas-smigħ xieraq ta' dik l-istess persuna taħt l-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea" – huwa ħażin u huwa miċħud.'*

F'dik il-kawza, l-akkuzat kien irilaxxja l-istqarrija tieghu fis- 7 ta' April 2006 u għalhekk fi zmien meta suspettati ma kellhomx dritt li jikkonsultaw mal-avukat taghhom, la qabel ir-rilaxx tal-istqarrija u wisq aktar waqt l-interrogazzjoni. Fl-istess sentenza, il-Qorti qieset li kien hemm raguni tajba ghala l-attur ma thalliex ikellem avukat qabel jew waqt l-ewwel interrogazzjoni u dan sabiex issir *controlled delivery* lil terza persuna li kienet tipprovdi lill-attur bid-droga. Il-Qorti kkunsidrat ukoll illi ma saret ebda allegazzjoni li l-istqarrija saret fic-cirkostanzi msemmija fl-artikolu 658 tal-Kodici Kriminali għalkemm issa jgħid li kien xurban u fis-sakra meta għamel l-istqarrija. In oltre' kkunsidrat li l-istqarrija ma kinitx ir-raguni li wasslet għal kundanna tal-attur iżda li l-attur ammetta l-ħtija. Din l-ammissjoni saret fil-preżenza tal-Avukat wara konsulta miegħu u quddiem Magistrat li wissieh bil-konsegwenzi tal-ammissjoni u tah l-opportunita' li jieħodha lura. Il-Qorti kkonfermat li ma kien hemm ebda ksur tal-jedd tal-attur għal smiegħ xieraq.

Din il-Qorti taghmel referenza ukoll ghas-sentenza fl-ismijiet **'Stephen Pirotta v. L-Avukat Ġenerali u l-Kummissarju tal-Pulizija'**[44] li fost affarijiet oħra kienet tirrigwarda l-fatt li l-akkuzat ma nghatax il-jedd li jkellem avukat qabel ma ttiehditlu l-istqarrija. Il-Qorti wara li qieset ġurisprudenza tal-Qorti Ewropeja fis-Sezzjonijiet Magħquda (Grand Chamber), ikkunsidrat li:

> '14. *Effettivament, dan ifisser illi – kontra dak li qalet l-ewwel qorti fis-silta miġjuba fuq – il-fatt waħdu li ma tkunx tħalliet tingħata l-għajnuna ta' avukat waqt l-interrogazzjoni, ukoll jekk ma kienx hemm raġunijiet impellenti għal dan in-nuqqas, u dik l-istqarrija ntużat fil-proċess, ma huwiex bizżejjed biex, ipso facto, jinsab ksur tal-jedd għal smigħ xieraq: trid tqis il-proċess fit-totalità tiegħu ("having regard to the development of the proceedings as a whole").*'

Il-Qorti qieset li l-attur ma garrab ebda ksur tal-jedd tieghu taht l-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni jew l-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea. Ikkunsidrat li:

> '23. *Fil-każ tal-lum ma jista' jkun hemm ebda dell ta' dubju li l-attur kien ħati tal-imputazzjonijiet imressqa kontra tiegħu, kif wara kollox għarfet l- ewwel qorti stess. L-ewwel qorti għarfet ukoll illi l-qrati ta' ġurisdizzjoni kriminali waslu għall-konklużjoni tal-ħtija tal-attur bis-saħħa ta' xiehda oħra barra l-istqarrija tiegħu. Meqjus il-proċess kriminali fl-intier tiegħu, ma jistax jingħad illi l-attur ma ngħatax smigħ xieraq: kellu għarfien tal- provi kollha mressqa kontrih u ma ntweriex li nżamm mistur xi tagħrif li kellha l-pulizija; kellu għajnuna ta' avukat waqt il-proċess quddiem il- qorti; kellu fakoltà jressaq xhieda u jagħmel konto-eżami tax-xhieda tal-prosekuzzjoni; instab ħati bis-saħħa ta' xiehda oġġettiva li, ukoll jekk ma tqisx l-ammissjoni tiegħu, rabtitu mal-inċident u ma setgħetx tħalli dubju dwar il-ħtija tiegħu.*'

[44] Deċiża mill-Qorti Kostituzzjonali fis-27 ta' Settembru, 2019 (Rikors kostituzzjonali numru: 13/2016 JRM).

Fis-sentenza mogħtija mill-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem fl-ismijiet **'<u>Farruġia v. Malta</u>'**,[45] ġie kkunsidrat li:

*'98. Prior to the recent Beuze judgment, in a number of cases, the Court found that systematic restrictions on the right of access to a lawyer had led, ab initio, to a violation of the Convention (see, in particular, **<u>Dayanan v. Turkey</u>**, no. 7377/03, § 33, 13 October 2009 and **<u>Boz v. Turkey,</u>** no. 2039/04, § 35, 9 February 2010). That same approach was followed by the Court in relation to the Maltese context in Borg (no.37537/13, 12 January 2016).*

*99. Subsequently, being confronted with a certain divergence in the approach to be followed in cases dealing with the right of access to a lawyer, the Court had occasion to further examine the matter in **<u>Ibrahim and Others</u>**, **<u>Simeonovi</u>** and more recently in **<u>Beuze</u>**, all cited above, where the Court departed from the principle set out in the preceding paragraph. In Beuze, the most recent authority on the matter, the Grand Chamber gave prominence to the examination of the overall fairness approach and confirmed the applicability of a two-stage test, namely whether there are compelling reasons to justify the restriction as well as the examination of the overall fairness and provided further clarification as to each of those stages and the relationship between them, as explained below.*

*(i) Concept of compelling reasons*

*100. The criterion of "compelling reasons" is a stringent one: having regard to the fundamental nature and importance of early access to legal advice, in particular at the suspect's first police interview, restrictions on access to a lawyer are permitted only in exceptional circumstances, must be of a temporary nature and must be based on an individual assessment of the particular circumstances of the case. A*

[45] Deċiża mill-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem fl-4 ta' Ġunju, 2019 u reża finali fis-7 ta' Ottubru, 2019 (Applikazzjoni numru: 63041/13).

*finding of compelling reasons cannot stem from the mere existence of legislation precluding the presence of a lawyer. The fact that there is a general and mandatory restriction on the right of access to a lawyer, having a statutory basis, does not remove the need for the national authorities to ascertain, through an individual and case-specific assessment, whether there are any compelling reasons. Where a respondent Government have convincingly demonstrated the existence of an urgent need to avert serious adverse consequences for life, liberty or physical integrity in a given case, this can amount to a compelling reason to restrict access to legal advice for the purposes of Article 6 of the Convention (see Beuze, cited above, §§ 142-143).*

*(ii) The fairness of the proceedings as a whole and the relationship between the two stages of the test*

*101. Where there are no compelling reasons, the Court must apply very strict scrutiny to its fairness assessment. The absence of such reasons weighs heavily in the balance when assessing the overall fairness of the criminal proceedings and may tip the balance towards finding a violation. The onus will then be on the Government to demonstrate convincingly why, exceptionally and in the specific circumstances of the case, the overall fairness of the criminal proceedings was not irretrievably prejudiced by the restriction on access to a lawyer (see Beuze, cited above, § 145).*

*102. The Court further emphasises that where access to a lawyer was delayed, and where the suspect was not notified of the right to legal assistance, the privilege against selfincrimination or the right to remain silent, it will be even more difficult for the Government to show that the proceedings as a whole were fair (ibid., § 146).*

*103. As the Court has already observed, subject to respect for the overall fairness of the proceedings, the conditions for the application of Article 6 §§ 1 and 3 (c) during police custody and the pre-trial proceedings will*

*depend on the specific nature of those two phases and on the circumstances of the case (ibid., § 149).*

*(iii) Relevant factors for the overall fairness assessment*

*104. When examining the proceedings as a whole in order to assess the impact of procedural failings at the pre-trial stage on the overall fairness of the criminal proceedings, the following non-exhaustive list of factors, drawn from the Court's case-law, should, where appropriate, be taken into account:*

*(a) whether the applicant was particularly vulnerable, for example by reason of age or mental capacity;*

*(b) the legal framework governing the pre-trial proceedings and the admissibility of evidence at trial, and whether it was complied with – where an exclusionary rule applied, it is particularly unlikely that the proceedings as a whole would be considered unfair;*

*(c) whether the applicant had the opportunity to challenge the authenticity of the evidence and oppose its use;*

*(d) the quality of the evidence and whether the circumstances in which it was obtained cast doubt on its reliability or accuracy, taking into account the degree and nature of any compulsion;*

*(e) where evidence was obtained unlawfully, the unlawfulness in question and, where it stems from a violation of another Convention Article, the nature of the violation found;*

*(f) in the case of a statement, the nature of the statement and whether it was promptly retracted or modified;*

*(g) the use to which the evidence was put, and in particular whether the evidence formed an integral or significant part of the probative*

*evidence upon which the conviction was based, and the strength of the other evidence in the case;*

*(h) whether the assessment of guilt was performed by professional judges or lay magistrates, or by lay jurors, and the content of any directions or guidance given to the latter;*

*(i) the weight of the public interest in the investigation and punishment of the particular offence in issue; and*

*(j) other relevant procedural safeguards afforded by domestic law and practice (ibid., § 150).'*

Fl-istess sentenza gie kkunsidrat ukoll li:

*'118. However, the nature of the statements and their use is of particular relevance in the present case. The Court notes that they did not contain any confessions nor was their content self-incriminating. However, the privilege against self-incrimination is not confined to actual confessions or to remarks which are directly incriminating; for statements to be regarded as self-incriminating it is sufficient for them to have substantially affected the accused's position (see, for example,* ***Schmid-Laffer v. Switzerland****, no. 41269/08, § 37, 16 June 2015). Indeed, the statements given by the applicant, at pre-trial stage in the absence of a lawyer, were relied on by the Court of Criminal Appeal in connection with the applicant's credibility. In particular, in its judgment the Court of Criminal Appeal had noted certain inconsistencies in his statements of 1 and 2 February 2002 (see paragraph 22 above) and it had considered that he was not reliable as the applicant had replied in an evasive and hesitant way to police questions concerning his business, profitability, rent, and profits of the previous year (see paragraph 26 above). Nevertheless, the Court cannot but note that the Court of Criminal Appeal had found that A.F.'s statements had been enough to determine the applicant's guilt. In consequence its assessment of the applicant's credibility on the basis of*

*his pre-trial statements can be considered as having been made ex abundanti cautela (out of an abundance of caution). In the light of the Court of Criminal Appeal's finding concerning the sufficiency of A.F.'s statements, the Court considers that the use it made of the applicant's statements to assess his credibility cannot be considered as having substantially affected his position.*

*(iii) Conclusion*

*119. In conclusion, while very strict scrutiny must be applied where there are no compelling reasons to justify the restriction on the right of access to a lawyer, the Court, in the specific circumstances of the case, finds that having taken into account the combination of the various above-mentioned factors, despite the lack of procedural safeguards relevant to the instant case, the overall fairness of the criminal proceedings was not irretrievably prejudiced by the restriction on access to a lawyer.*
*120. There has therefore been no violation of Article 6 §§ 1 and 3 (c) of the Convention.'*

Interessanti hija l-*joint dissenting opinion* tal-**Imhallfin Serghides u Pinto de Albuquerque** fejn fost kunsiderazzjonijiet oħra ikkunsidraw li:

***'10. In any event, we are of the view that the right to a lawyer at the pre- trial stage does not hinge, in any way or form, on the state of vulnerability of the defendant. Nothing in the Convention makes the Article 6 § 3 (c) right dependent on such vulnerability. Such an abusive and restrictive interpretation of that right contradicts its essence. Every defendant, vulnerable or not, has a right, at the pre-trial stage, to a lawyer who will advise him or her on the defence strategy to be followed.***

***11. Secondly, the majority state that "The applicant did not allege, either before the domestic courts or before [the Court],***

*that the Police had exerted any pressure on him, nor that the evidence obtained had been in violation of another Convention provision".* [46]

*12. We disagree with this argument. The fact that a defendant has not been pressured by the police does not limit his or her right to a lawyer. Legal assistance in a criminal procedure is indispensable not only to counter pressure by the police or any other evidence obtained in violation of the Convention, but to define a strategy for the defence and adapt it to every incident throughout the entire proceedings. The police are expected to act lawfully, regardless of the manner in which a defendant presents his or her defence, with or without the benefit of legal assistance. The one has simply nothing to do with the other. Lawful conduct by the police is not a valuable argument on which to restrict the exercise of a Convention right by the defence. Ultimately, this argument by the majority reflects a very restrictive conception of the role of the lawyer in criminal procedure.*

*13. Thirdly, the majority state that "in the present case, the applicant was informed repeatedly in a sufficiently explicit manner of his right to remain silent and the privilege against self-incrimination".*[47]

*14. Again, we cannot accept this argument. The right to remain silent is not interchangeable with the right to a lawyer. These are two very different rights. Legal assistance at the pre-trial stage of a criminal procedure is essential to inform the defendant of the advantages and disadvantages, from the perspective of the defence strategy, of speaking out or remaining silent. In other words, the right to a lawyer is instrumental in effective*

[46] § 111 of the present judgment. (Din ir-referenza tinsab fin-nota ta' qiegħ il-paġna enumerata ħmistax (15) fil-joint dissenting opinion tas-sentenza ċitata).
[47] § 112 of the present judgment. (Din ir-referenza tinsab fin-nota ta' qiegħ il-paġna enumerata sittax (16) fil-joint dissenting opinion tas-sentenza ċitata).

***protection of the right to remain silent (and of the privilege against self-incrimination).***

***15. In short, the fact that the applicant was informed of his right to remain silent if he so desired and the fact that the applicant did not claim that any pressure was exerted on him have nothing to do with his procedural right under Article 6 § 3 (c) of the Convention to have access to a lawyer. Those facts are irrelevant for the purpose of curing the breach of this right. In our view, it is a fundamental mistake at stage two not to take seriously into account the finding of stage one, especially when the test applied should be a very strict scrutiny.[48] Otherwise, what is the point of having two stages!?'***

**Ikkunsidrat;**

B'referenza ghall-gurisprudenza indikata *supra,* din l-Onoabbli Qorti tinnota l-interprettazjoni differenti li taghat il-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem fir-rigward tad-dritt tas-smiegh xieraq. Fost id-diversi sentenzi, fejn il-Qorti evalwat jekk kienx hemm ksur tad-dritt tas-smiegh xieraq, issir referenza għas-sentenzi sucitati fl-ismijiet '**Beuze vs Belgium**'[49] moghtija mill-Grand Chamber tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem u s-sentenza tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem fl-ismijiet **'Farrugia vs. Malta'**.[50]

Fil-gurisprudenza ndikata iktar il-fuq, ma jistax ma jigix innutat li filwaqt li certu sentenzi jenfazizzaw l-inammisibilta' ta' stqarrija, meta susspetat ma kienx akkumpanjat mill-avukat tieghu fil-hin tal-interrogazzjoni, *stante* li difett bhal dan ma jistax jigi sanat, sentenzi oħrajn jtennu illi sempliċiment għax susspettat ma jkunx

[48] § 108 of the present judgment. (Din ir-referenza tinsab fin-nota ta' qiegħ il-paġna enumerata sbatax (17) fil-joint dissenting opinion tas-sentenza ċitata).
[49] Deċiża mill-Grand Chamber tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem fid-9 ta' Novembru, 2018 (Applikazzjoni numru: 71409/10).
[50] Deċiża mill-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem fl-4 ta' Ġunju, 2019 u reża finali fis-7 ta' Ottubru, 2019 (Applikazzjoni numru: 63041/13).

akkumpanjat mill-avukat tiegħu fil-ħin tal-interrogazzjoni ma għandux awtomatikament ifisser li l-istqarrija li hu jkun irilaxxa hija inammissibli u ghaldaqstant tali proceduri ghandhom jigu evalwati fit-totalita' taghhom u jittiehed kont tal-*'overall fairness'* ta' l-istess proċeduri.

**<u>Din il-Qorti tinnota li xorta wahda sal-lum ma jistax jinghad li hemm certezza legali u ċioe' '*legal certainty*' dwar din il-kwisjtoni.</u>**

Il-Qorti taghmel referenza ghas-sentenza ricenti fl-ismijiet **<u>'Ir-Repubblika ta' Malta vs Ahmed El Fadali Enan'</u>**[51] fejn gie meqjus:

> *'15. Illi l-pożizzjoni ta' dritt li tirregola it-teħid ta' stqarrijiet u dikjarazzjonijiet mis-suspettat taħt id-dritt penali nostran ra żviluppi sostanzjali fi snin reċenti. Illi fiż-żmien meta l-akkużat ġie arrestat u interrogat lura fil-bidu tas-sena 2010, huwa ma kellux il- jedd għall-ebda forma ta' assistenza legali la qabel u lanqas matul it-teħid tal-istqarrija. Illi kien seħħ bdil għal Kodiċi Kriminali permezz ta'l-Att III tal-2002 fejn il-leġislatur ħaseb sabiex "il-persuna li tkun arrestata u qed tinżamm taħt il-kustodja tal-Pulizija f'xi Għassa jew f'xi post ieħor ta' detenzjoni awtorizzata għandha, jekk hija hekk titlob, titħalla kemm jista' jkun malajr tikkonsulta privatament ma' avukat u prokuratur legali, wiċċ imb'wiċċ jew bit-telefon, għal mhux aktar minn siegħa żmien. Kemm jista' jkun malajr qabel ma tibda tiġi interrogata, l-persuna taħt kustodja għandha titgħarraf mill-Pulizija bid-drittijiet li għandha taħt dan is-subartikolu." Madanakollu dan il-bdil ma ġiex fis-seħħ ħlief snin wara u ċioe' fl-10 ta' Frar 2010 u għalhekk xahar wara li l-akkużat rrilaxxa l-istqarrija tiegħu. Imbagħad finalment b' trasposizzjoni fil-liġi tagħna ta' dak imfassal fid-Direttiva 2013/48/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta' Ottubru 2013 dwar id-dritt tal-aċċess għal avukat fi proċeduri kriminali u fi proċeduri tal-*

[51] Deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali (Sede Superjuri) fis-27 ta' Jannar 2021 (Att tal-Akkuza Numru: 7/2018).

*mandat ta' arrest Ewropew, is-suspettat ingħata il-jedd ikun assistit minn avukat filwaqt tal-interrogazzjoni tiegħu mill-pulizija.*

Madankollu, dan il-bdil sehh fl-10 ta' Frar, 2010, xahar wara li l-akkuzat irrilaxxa l-istqarrija. Minkejja l-fatt illi l-akkuzat irrilaxxja din l-istqarrija minghajr ma kellu dritt li jikkonsulta ma' avukat tal-fiducja tieghu, fost affarijiet ohra il-Qorti tal-Appell Kriminali (Sede Superjuri) pprovdiet li:

*'19. Dan magħdud, allura l-Qorti hija tal-fehma illi f'dan l-istadju bikri tal-proċeduri fejn il-proċess penali għad irid jinstema' mill-qorti kompetenti, ma jistax jingħad jekk il- kriterji indikati fil-kaz Beuze ġewx segwiti. Ukoll għaliex, kif tajjeb stqarret l-Ewwel Qorti, la dik il-Qorti u lanqas din il-Qorti ma għandhom funzjonijiet kostituzzjonali u allura ma għandhomx il-poter jistħarrġu f'dan l-istadju, jekk tkunx seħħet xi vjolazzjoni tad-drittijiet fondamentali tal-persuna akkużata jew jekk potenzjalment dan jistax iseħħ u dan fid-dawl tal-linji gwida ġodda tramandati mill-Qorti Ewropea. Dan għaliex skont l-imsemmija pronunzjamenti dan n-nuqqas ma jwassalx awtomatikament għal leżjoni tal-jedd tagħha għal smigħ xieraq, meta l-Qorti Ewropea issa qed tidderieġi il-qrati domestiċi jindagaw jekk il-proċeduri fl-intier tagħhom kienux ġusti fil-konfront tal- akkużat, bit-test allura li jrid jiġi segwiet fuq iż-żewġ binarji surriferiti.'*

Il-Qorti fis-sentenza tagħha laqghet l-appell ta' l-Avukat Generali u rrevokat fejn il-Qorti kienet iddikjarat l-istqarrija tal-akkuzat bhala inammissibbli u fejn kienet ordnat l-isfilz ta' l-istess u fejn kienet iddikjarat li kwalunkwe referenza fl-atti ghal kontenut ta' tali stqarrija jew ghal dak li l-akkuzat qal lill-pulizija waqt l-investigazzjoni bhala inammissibli u minflok iddikjarat l-istqarrija ammissibbli bhala prova.

B'kuntrast ghas-sentenza fl-ismijiet **<u>'Ir-Repubblika ta' Malta vs Ahmed El Fadali Enan'</u>**, li referenza saret ghaliha fil-paragrafi precedenti, din il-Qorti taghmel referenza ghas-sentenza fl-ismijiet **<u>'Graziella Attard v. Avukat Generali'</u>**.[52] F'din is-sentenza ta' l-

[52] Deciza mill-Qorti Kostituzzjonali fis-27 ta' Settembru, 2019 (Rikors mahluf numru: 83/2016 LSO).

ahhar**, il-kwistjoni ma kinitx titratta biss dwar stqarrija rilaxxata minghajr l-assistenza legali izda anke minghajr l-opportunita' li tikkomunika ma' Avukat tal-fiducja taghha qabel ma ttiehditilha l-istqarrija mill-pulizija**. Il-Qorti Kostituzzjonali pprovdiet illi:

> *'persuna interrogata tista' ma titħalliex tkellem avukat huma l-eċċezzjoni aktar milli r-regola, u din il- qorti għandha s-setgħa li tagħti rimedju fejn issib li disposizzjoni li tħares dritt fondamentali mhux biss "qiegħda tiġi" iżda wkoll meta "tkun x'aktarx sejra tiġi miksura", din il-qorti hija tal-fehma, kif osservat fis-sentenza mogħtija fl-24 ta' Ġunju 2016 fl-ismijiet* ***Malcolm Said v. Avukat Ġenerali****,[53] illi ma jkunx għaqli – partikolarment fid-dawl ta' inkonsistenzi fis-sentenzi tal-Qorti Ewropea li joħloq element ta' imprevedibilità, kif jixhdu l-posizzjonijiet konfliġġenti li ħadet fil-każ ta' Borg u f'dak ta' Beuze – illi l-proċess kriminali jitħalla jitkompla bil- produzzjoni tal-istqarrija mogħtija mill-attriċi lill-pulizija għaliex tqis illi, fiċ-ċirkostanzi, in-nuqqas ta' għajnuna ta' avukat ma kienx nuqqas li ma jista' jkollu ebda konsegwenza ta' preġudizzju għall-attriċi, aktar u aktar meta fl-istqarrija ammettiet sehma fir-reat.*
>
> *1. Għaldaqstant tipprovdi dwar dan l-aggravju tal-avukat Ġenerali billi tgħid illi, għalkemm ma seħħ ebda ksur tal-jedd tal-attriċi għal smigħ xieraq meta tteħditilha stqarrija, madankollu dik l-istqarrija ma għand- hiex tibqa' fl-inkartament tal-kawża kontriha.'*

Fl-istess sentenza intqal li:

> '18. *Il-Qorti tqis illi l-ordni li l-istqarrija titneħħa mill-inkartament, aktar milli rimedju għal ksur li, wara kollox, għadu ma seħħx, huwa garanzija tal- integrità tal-proċess u wkoll flinteress pubbliku, biex ma jiġrix l- proċess kontra l-attriċi jkollu jitħassar wara li jintemm, b'ħela*

[53] Rik. kost. 74/2014. (Din ir-referenza tinsab fin-nota ta' qiegh il-pagna enumerata sitta (6) fis-sentenza citata).

*ta' ħin u riżorsi, li tkun forma oħra ta' inġustizzja għax il-liġijiet għandhom iħarsu mhux biss lil min hu mixli b'reat iżda wkoll lil min jista' jkun vittma ta' reat.*

***19. Il-Qorti għalhekk terġa' ttenni li ma jkunx għaqli li jsir użu mill-istqarrija waqt il-proċess kriminali, u għal din ir-raġuni tiċħad ukoll dan l-aħħar aggravju.'***

**Ikkunsidrat ulterjorament:**

Illi kif sejra turi din il-Qorti, jirrizulta li kien hemm zmien li l-Qorti Kostituzzjonali u l-Qorti tal-Appell Kriminali (Sede Superjuri) anke **f'sentenzi moghtija fl-istess jum** waslu ghal **decizjoni differenti** rigwardanti l-ammissibilita' o meno tal-istqarrija rilaxxata fi zmien meta suspettati ma kellhomx dritt li jkunu assistiti minn Avukat waqt ir-rilaxx tal-istqarrija. Fis-sentenza fl-ismijiet **'Ir-Repubblika ta' Malta vs Rosario Militello'**,[54] il-Qorti tal-Appell Kriminali (Sede Superjuri) iddeccidiet li:

***'23. Għaldaqstant magħmula dawn il-konsiderazzjonijiet, l-aggravju sollevat mill-Avukat Ġenerali jistħoqqlu akkoljiment b'dan illi fil-kors taċ-ċelebrazzjoni tal-ġuri, wara li jinstemgħu il-provi kollha, fl-indirizz finali, l-Imħallef togat għandu jagħti dik id-direzzjoni opportuna lil ġurati dwar il-valur probatorju ta'l-istqarrija rilaxxati mill-akkużat jekk jirrizulta illi dawn ma ttieħdux skont il-liġi, jew jekk javveraw irwieħhom dawk iċ-ċirkostanzi elenkati fil-linji gwida stabbiliti fid-deċiżjoni Beuze hawn fuq iċċitata. Fuq kollox, għall-appellat dejjem jibqa' id-dritt tiegħu li jitlob reviżjoni tal-verdett u s-sentenza tal-Qorti Kriminali fl-eventwalita' li jkun hemm dikjarazzjoni ta' ħtija fil-konfront tiegħu.'***

[54] Deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali (Sede Superjuri) fis-27 ta' Jannar, 2021 (Att tal-Akkuza numru: 3/2018).

Din il-Qorti taghmel referenza ghas-sentenza fl-ismijiet **'Ir-Repubblika ta' Malta vs Hassan Ali Mohammed Abdel Raouf Josephine Wadi'**[55] fejn iz-zmien li fih gew rilaxxati l-istqarrijiet tal-imputati, ghalkemm dawn kellhom id-dritt limitat li jikkonsultaw mal-avukat tal-fiducja taghhom qabel l-interrogazzjoni, id-dritt li l-avukat taghhom ikun prezenti waqt l-interrogazzjoni, ma kienx ghadu provdut fil-Kodici Kriminali. Il-Qorti f'dan il-kaz ghamlet referenza għas-sentenza fl-ismijiet **Doyle v. Ireland**[56] u fejn il-Qorti Ewropeja tad-Drittijiet tal-Bniedem irriteniet is-segwenti:

> ***'The applicant was allowed to be represented by a lawyer but his lawyer was not permitted in the police interview as a result of the relevant police practice applied at the time. The Court found no violation of Article 6 §§ 1 and 3 (c) of the Convention. It considered that, notwithstanding the impugned restriction on the applicant's right of access to a lawyer during the police questioning, the overall fairness of the proceedings had not been irretrievably prejudiced. In particular, it laid emphasis on the following facts: the applicant had been able to consult his lawyer; he was not particularly vulnerable; he had been able to challenge the admissibility of evidence and to oppose its use; the circumstances of the case had been extensively considered by the domestic courts; the applicant's conviction had been supported by significant independent evidence; the trial judge had given proper instructions to the jury; sound public- interest considerations had justified prosecuting the applicant; and there had been important procedural safeguards, namely all police interviews had been recorded on video and made available to the judges and the jury and, while not physically present, the applicant's lawyer had the possibility, which he used, to interrupt the interview to further consult with his client.***

[55] Deciza mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali (Sede Superjuri) fis-27 ta' Jannar, 2021 (Att tal-Akkuza numru: 1/2019)
[56] Deciza mill-QEDB fit-23 ta' Mejju, 2019 u reza finali fit-23 t' Awwissu, 2019 (Applikazzjoni numru: 51979/17).

*429. In addition, the Court has indicated that account must be taken, on a case-by case basis, in assessing the overall fairness of proceedings, of the whole range of services specifically associated with legal assistance: discussion of the case, organisation of the defence, collection of exculpatory evidence, preparation for 48 questioning, support for an accused in distress, and verification of the conditions of detention (Ibid., § 136)."*

Fis-sentenza fl-ismijiet **'Ir-Repubblika ta' Malta vs Hassan Ali Mohammed Abdel Raouf Josephine Wadi** il-Qorti wasslet għall-istess decizjoni tas-sentenza fl-ismijiet **Ir-Repubblika ta' Malta vs Rosario Militello**.

**Din il-Qorti tenfasizza li nonostante l-fatt li l-legislatur ma ghamilx regola li teskludi l-ammissjoni ta' stqarrija rilaxxata fi zmien fejn suspettat ma kellux id-dritt li jkollu Avukat prezenti, tqis li wiehed ma jistax jistenna li l-legislatur sejjer jindika c-cirkostanzi kollha ta' meta prova ma ghandhiex valur probatorju. Izda d-decizjoni dwar jekk prova ghandhiex valur probatorju ghandha tithalla fid-diskrezzjoni tal-Qrati.**

Fis-sentenza ricenti fl-ismijiet **'The Republic of Malta vs. Lamin Samura Seguba'**[57] ikkonkludiet illi:

*'... this Court cannot a priori expunge a statement of a suspect who has been given the right to consult a lawyer before being interrogated, but where his lawyer was not present at the time, solely on the premise that this could potentially infringe his right to a fair hearing. The Court cannot create a blanket evidentiary rule of criminal law declaring a piece of evidence obtained lawfully, inadmissible in criminal proceedings on the basis that this could violate accused's right to a fair trial, all the more so, as already pointed out, where some sort of legal assistance had been given. As the European Court has guided domestic*

[57] Deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali fis-27 ta' Jannar, 2021 (Att ta' Akkuza: 11/2017).

*courts in dealing with pre-trials statements, each case must be dealt with individually thus taking into account, on a case by case basis, whether by the fact that accused person did not have a lawyer present when releasing the statement, although such person had obtained legal advice or at least had been given the right to obtain that advice, this could result at a later stage, during the criminal proceedings instituted against him, as a breach of his right to a fair hearing thus vitiating an otherwise legally obtained piece of evidence.*

Minn naha l-ohra fis-sentenza moghtija wkoll ricenti mill-Qorti Kostituzzjonali **fl-istess jum** u cioe' fl-istess data tas-sebgha u ghoxrin (27) ta' Jannar tas-sena elfejn u wiehed u ghoxrin (2021) fl-ismijiet **'Morgan Onuorah v. L-Avukat tal-Istat'**[58] *gie meqjus li:*

> '25. *Fl-aħħar aggravju r-rikorrent argumenta dwar ir-rimedji. Isostni li: "Illi jiġi rilevat illi jekk hemm ksur tad-drittijiet fundamentali tal-bniedem minħabba kemm l-operat tal-Pulizija Investigattiva u kemm mill-Avukat Generali, awtomatikament il-proċeduri sussegwenti fil-konfront tal- appellanti kienu monki u jilledu d-drittijiet fundamentali tal-bniedem peress li bdew u bbazati fuq ċirkostanzi leżivi għad-drittijiet fundamentali tal-bniedem. L-appellant jirrileva illi l-Qorti bħala Sede Kostituzzjonali għandha tiggarantixxi il-korrettezza tal-proċeduri meħuda u s-sentenza infushom fis-sens illi għandhom jiġu garantiti l-ħarsien ta' ċertu prinċipji proċedurali li huma indispensabbli għall-amministrazzjoni tajba tal- ġustizzja".*
>
> *26. Kif diġà` issemma, il-fatt waħdu li saret l-interrogazzjoni mhux fil-presenza ta' avukat ta' fiduċja tal-attur m'huwiex biżżejjed sabiex jagħti lok għall-ksur tad-dritt fundamentali ta' smigħ xieraq. Madankollu l-użu ta' dik l-istqarrija fil-proċeduri kriminali, li fiha l-attur ammetta għal uħud mir-reati li akkużat biha, taf twassal sabiex iseħħ dak il-ksur tal-jedd fundamentali. Dan iktar u iktar meta*

[58] Rikors numru: 176/2019 FDP.

*tikkunsidra l-ġurisprudenza ampja tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem li issa ilha s-snin tirrepeti l- istess insenjament.*

*27. Li s-suspettat jitkellem ma' avukat qabel l-interrogazzjoni, l-assistenza ta' avukat wara li tkun saret l-interrogazzjoni u n-natura adversarial tal-kawża kriminali sussegwenti, m'humiex garanzija adegwata li jirrimedjaw għad-difett li s-suspett ma kienx assistit minn avukat waqt l-interrogazzjoni li saret meta kien taħt arrest. Fis-sentenza riċenti Mehmet Zeki Celebi v. Turkey (App. 27583/07) il-QEDB kompliet tisħaq:*

*"57. The onus will be on the Government to demonstrate convincingly why, exceptionally and in the specific circumstances of the case, the overall fairness of the trial was not irretrievably prejudiced by the restriction on access to legal advice. <u>The Court also reiterates that it is only in very exceptional circumstances that it can conclude that a given trial has not been prejudiced by the restriction of an applicant's right of access to a lawyer (see Dimitar Mitev v. Bulgaria, no. 34779/08, 71, 8 March 2018)".</u>*

***<u>28. Irrispettivament taqbilx mar-raġunament ta' dik il-Qorti internazzjonali, jibqa' l-fatt li l-ġurisprudenza kienet ċara meta ngħatat is- sentenza ta' Salduz f'Novembru 2008 fis-sens li n-nuqqas ta' assistenza ta' avukat waqt interrogazzjoni tal-pulizija kienet difett proċedurali.</u>*** *Dan għalkemm bis-sentenza Ibrahim and Others v. the United Kingdom tat- 13 ta' Settembru 2016, il-Grand Chamber għamlet enfażi fuq l- 'overall fairness' tal-proċeduri kriminali u fis-sentenza Beuze v. Belgium tad-9 ta' Novembru 2018 l-istess qorti kompliet tiċċara kif kellu jiġi applikat dak il- prinċipju.*

***<u>29. Fl-aħħar mill-aħħar il-qrati domestiċi ma jistgħux jippermettu li f'proċeduri kriminali li għadhom pendenti jitħallew stqarrijiet li jkunu saru fl-assenza ta' avukat u li l-</u>***

***QEDB ilha tiddeskrivih bħala difett proċedurali bil-periklu manifest li dak il-fatt jikkontamina l-proċess kriminali kollu.'***

Il-Qorti Kostituzzjonali fl-istess sentenza qieset li:

***'30. Kien id-dmir tal-Gvernijiet differenti matul is-snin li jaġġornaw ruħhom mas-sentenzi tal-Qorti Ewropea u ma jistennewx sal-2016 sabiex jintroduċu disposizzjoni fil-Kodiċi Kriminali li s-suspettat għandu jedd għall-assistenza ta' avukat waqt l-interrogazzjoni li ssir meta jkun fil- kustodja tal-pulizija. Emenda li saret sabiex tittrasponi d-disposizzjoni tad-Direttiva 2013/48/UE tal-Parlament Ewropew (ara Art. 355AT tal- Kodiċi Kriminali), li fost miżuri oħra assigurat id-dritt tas-suspettat għall-assistenza ta' avukat waqt l-interrogazzjoni mill-pulizija.***

***Għal dawn il-motivi tiċħad l-appell, b'dan li tagħti direzzjoni lill-Qorti Kriminali sabiex fil-proċeduri kriminali The Republic of Malta v. Izuchukwu Morgan Onourah (att ta' akkuża numru 11/2015) ma tippermettix l-użu bħala prova tal-istqarrija li l-appellant kien ta waqt li kien fil-kustodja tal- pulizija.***
*(...)*'

Fis-sentenza fl-ismijiet **'The Police v. Alexander Hickey'**[59] ukoll moghtija fis- 27 ta' Jannar, 2021 gie kkunsidrat li:

*'15. It is a fact that the appellant was, according to law, given the opportunity to consult a lawyer prior to interrogation. He actually did consult a lawyer and therefore could prepare for his questioning beforehand with his lawyer. However, this is not enough to remedy the lack of legal assistance during police interrogation. Amongst other things there is no proof of whether the lawyer was given any*

[59] Deciza mill-Qorti Kostituzzjonali fis-27 ta' Jannar 2021 (141/2019RGM).

*information by the police with regards to the alleged crimes committed by the appellant and proof that they had against the suspect (appellant). Information that was essential to place the lawyer in a position to properly advise his client.*

*16. Therefore, since the criminal proceedings are still pending, it is premature for a court to declare that the accused's right for a fair hearing was breached as a consequence of the fact that the evidence includes two statements he made in the absence of a lawyer.*

17. ***This notwithstanding, judgments of this court have already made it amply clear that statements given by a suspect while in police custody and in the absence of a lawyer, should not be used as evidence against him due to the risk that it may lead to a breach of the accused's right to a fair hearing. Judgments that are based on clear judgments delivered by the ECtHR throughout the years, which although one might not agree with, have given a clear direction to domestic courts as to the stand it will continue to take if other similar complaints are made to that court.***

*18. In this particular case the self-incriminating statements in issue were probably the reason why the appellant filed an early guilty plea.*

*19. Since at the time of the interrogations the appellant was still seventeen years old, was a student, had a clean criminal record and never had any previous contact with the police, there is a solid argument to conclude that he was a vulnerable suspect. The appellant also referred to a report filed in the criminal proceedings by psychologist Bernard Caruana, an ex parte witness for the appellant. In the report it is stated that appellant:*

*i. Has certain symptoms of autism spectrum disorder;*

*ii. Has attention and emotional difficulties and felt that he was not accepted by others;*

*iii. Has difficulty to connect with others;*

*iv. From a young age had been making use of drugs and alcohol;*

*20. It is a fact that the psychologist's report states, "While his low score on Vulnerability indicates that he perceives himself as capable of handling himself in difficult situations". However, that is appellant's own perception.*

*21. The court concludes that there is enough evidence to conclude that at the time of the police interrogations appellant could be classified as a vulnerable person. On the other hand it is a fact that throughout the interrogations appellant's mother was present, evidently for support and assistance since he was a minor. This notwithstanding her presence was certainly not a sufficient remedy for the lack of presence of a lawyer.*

*22. It is a fact that in this particular case the appellant:*

*i. Was interrogated by the police on the 2nd April 2012 and 3rd April 2012 and charged on the 8th June 2015;*

*ii. Filed a guilty plea on the 16th November 2015 and was assisted by a lawyer, and warned by the court on the consequences of such a guilty plea and given time to consider whether he should confirm such a plea;*

*iii. Proposed to the court, in agreement with the prosecution, a punishment of three years imprisonment and €7000 fine;*

*iv. Produced evidence with regards to the issue concerning punishment and during the sitting of the 2nd December 2016 declared that he had no further evidence;*

*v. Changed counsel, and it was only at that stage that he first complained with regards to the statements he gave to the police in the absence of a lawyer (sitting of the 6th of July 2017). At that point of the criminal proceedings appellant had already declared 56 that he had no further evidence.*

*vi. Was always assisted by a lawyer during the court hearings and at no stage of the criminal proceedings did he contest the authenticity of the statements made while in police custody;*

*23. It also seems that the interrogations were not recorded. Therefore, it is not possible for the court to know exactly what went on in the interrogation room. On the other hand, at no point did appellant allege that irregularities took place during the interrogations and that he was pressured to self-incriminate himself. Neither did he allege that he falsely self-incriminated himself.*

*24. This notwithstanding on consideration of the judgments delivered by the ECHR, the court is of the opinion that there can be no guarantee that the procedural shortcoming that occurred during the police interrogations can be remedied during the criminal proceedings per se. This especially when one considers that the appellant probably registered a guilty plea on the basis that he made two self incriminating statements while in police custody in the absence of a lawyer. In the recent judgment* ***Mehmet Zeki Celebi v Turkey*** *(no. 27582/07) decided on the 28 January 2020, the ECtHR stated:*

*"57.... The Court also reiterates that it is only in very exceptional circumstances that it can conclude that a given trial has not been prejudiced by the restriction of an applicant's right of access to a lawyer".*

*25. There is no doubt that had the appellant been assisted by a lawyer during interrogation, he might have been advised to remain silent or not to answer all self-incriminating questions.*

Il-Qorti Kostituzzjonali f'dik is-sentenza kkonkludiet li:

*'1. The answer to the first question of the Court of Magistrates (Malta) as a Court of Criminal Judicature is:*

***i. It is premature to declare that the issue of the contested two statements by the appellant in the absence of legal counsel, constitutes a breach of Article 6(1) and (3) of the Convention and Article 39 of the Constitution.***

***ii. It is likely that appellant's rights would be breached should the two statements (dated 2nd and 3rd April 2012) be used as evidence, and therefore it is recommended that the two statements are removed.***

*2. The answer to the second question of the Court of Magistrates (Malta) as a Court of Criminal Judicature is that a judgment based on applicant's guilty plea filed during the sitting of the 15th of November 2015, would likely constitute a breach of article 6(1) and (3) of the Convention and Article 39 of the Constitution.*

*3. Since the appellant made his complaint after the criminal proceedings had been adjourned for final submissions and in view of what has been decided in this judgment, both parties to the criminal proceedings are to be placed in the same position they were prior to appellant's guilty plea filed during the sitting of the 16th of November 2015.*

*4. All judicial costs are to be shared between the parties as to 1⁄4 at the charge of the appellant and 3⁄4 at the charge of the respondent. A copy*

*of this judgment is to be inserted in the file of the case The Police v. Alexander Hickey (485/2014). The Registrar is also to ensure that the court file of the criminal case is sent back to the Court of Magistrates (Malta) as a Court of Criminal Judicature.'*

Ghaldaqstant kien gie rrakomandat **<u>li ma ghandux isir uzu mill-istqarrijiet rilaxxati mill-akkuzat *nonostante* l-fatt li dawn kienu anke gew guramentati u kienet anke giet registrata ammissjoni.</u>**

Il-Prim Awla tal-Qorti Civili Sede Kostituzzjonali fis-sentenza bl-ismijiet **<u>'Clive Dimech vs Avukat Ġenerali'</u>**[60] tenniet is-segwenti:

*'Illi l-Qorti sejra tibda biex titratta t-tieni eċċezzjoni tal-intimat għaliex jekk din tintlaqa' ma jkunx hemm ħtieġa li teżamina l-eċċezzjonijiet l-oħrajn. Huwa skontat li m'hemm l-ebda jedd fundamentali taħt Art. 39 tal-Kostituzzjoni jew taħt Art. 6 tal-Konvenzjoni Ewropeja għall-assistenza t'avukat waqt l-interrogazzjoni bħala tali. Hemm jedd fundamentali għal smiegħ xieraq. Biex jiġi stabbilit ksur ta' dan il-jedd, irid jiġi eżaminat il-proċess – f'dan il-każ proċess kriminali – fit-totalita` tiegħu u mhux jiġi maqsum biex issir enfasi fuq xi episodju partikolari*[61]*. F'dan il- każ il-proċeduri għadhom fil-bidu tagħhom u għalhekk mhux possibbli f'dan l- istadju li l-Qorti tbassar kif sejjer ikun l-iter proċesswali sħiħ. Dan ma jfissirx li element proċedurali partikolari ma jistax minnu nnifsu ikun tant deċiżiv li l- korrettezza tal-proċess ma tkunx tista' tiġi ddeterminata qabel*[62]*. Imma f'dan il-każil-Qorti ma tista' ssib l-ebda ċirkostanza bħal din. Ir-rikorrent ġie avżat, skont id- disposizzjonijiet tal-liġi kif kienet dak iż-żmien, bid-dritt li jikkonsulta avukat qabel l-interrogazzjoni. Huwa rrinunzja għal dan id-dritt. Huwa minnu li waqt l- interrogazzjoni ma kienx assistit*

[60] Deciza mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili (Sede Kostituzzjonali) fl-14 ta' Lulju, 2020 (Rikors numru: 175/19 GM).
[61] Ara fost l-ohrajn Il-Pulizija v Dr Melvyn Mifsud 26.04.2013 u l-gurisprudenza ccitata; Ronald Agius vs Avukat Generali 30.11.2001 Qorti Kostituzzjonali (Din ir-referenza tinsab fl-ewwel (1) nota ta' qiegh il-pagna tas-sentenza citata).
[62] Noel Arrigo v Malta 10.05.2005 QEDB (Din ir-referenza tinsab fit-tieni (2) nota ta' qiegh il-pagna tas-sentenza citata).

*minn avukat u ma ġiex infurmat li għandu dritt bħal dan. B'danakollu ġie mwissi li kellu d-dritt li ma jweġibx għad-domandi u fil-fatt ir-rikorrent ma wieġeb għall-ebda domanda li saritlu. Għalhekk ma jirriżultax – dejjem f'dan l-istadju - li r-rikorrent sofra xi nuqqas ta' smiegħ xieraq. Ma ressaq l- ebda prova li bis-silenzju tiegħu seta' nkrimina ruħu;'*

Sussegwentament, il-Qorti Kostituzzjonali fis-sentenza taghha fl-ismijiet **<u>'Clive Dimech v. Avukat Generali'</u>**[63] datata is-27 ta' Jannar, 2021 ipprovdiet illi peress li l-akkuzat ma wiegeb ghall-ebda domanda waqt l-interrogazzjoni, din ma kienitx ser tkun ta' pregudizzju ghall-istess akkuzat. Minkejja dan, din **<u>il-Qorti xorta wahda enfasizzat li jkun floku li fil-proceduri kriminali ma jsirx uzu mill-istqarrija bhala prova.</u>**[64]

L-akkuzat, Clive Dimech, ghazel li ma jwegibx ghal mistoqsijiet maghmula lilu u ghaldaqstant l-istqarrija ma kinitx wahda nkriminanti. Madankollu, il-Qorti xorta wahda pprovdiet illi din m'ghandiex tintuza bhala prova u ghal din ir-raguni din is-sentenza hi ta' sinifikat.

Fis-sentenza fl-ismijiet '**<u>Christopher Bartolo vs Avukat ta l-Istat</u>**',[65] Il-Qorti ddecidiet bl-istess mod ta' kif iddecidiet fis-sentenzi Onuorah Morgan vs Avukat Generali u Clive Dimech vs Avukat Generali indikati *supra.* Din il-Qorti rreteniet is-segwenti:

*74. Daqshekk huwa importanti li stqarrija tittieħed bil-garanziji kollha li jħarsu d-drittijiet ta' min ikun qiegħed jirrilaxxja għaliex l-ammissjoni hija wara kollox ir-regina tal-provi. Di fatti Karen Reid fil-ktieb 'A practitioner's Guide to the European Convention on Human Rights' (Tielet Edizzjoni) f'paġna 70: "While the conformity of a trial with the requirements of Article 6 must be assessed on the basis of the trial as a whole,* ***<u>a particular incident may assume such</u>***

---

[63] Deciza mill-Qorti Kostituzzjonali fis-27 ta' Jannar, 2021 (Rikors numru: 175/2019 GM).
[64] Ara fost ohrajn Christopher Bartolo v. Avukat Generali et 5-10-2018 u Il-Pulizija vs Aldo Pistella 14.12.2018.
[65] Deciza mill-Qorti Kostituzzjonali fit-22 ta' Gunju, 2021 (Rikors numru: 255/2020 TA).

***importance as to constitute a decisive factor in the general appraisal of the trial overall." Iġifieri, prova waħda ottenuta kontra l-liġi, tista' waħedha tikkontamina l-proċess kollu.***

Ghaldaqstant il-Qorti kkonkludiet bis-segwenti:

*79. Il-Qorti qed tipprova tirrinkonċilja l-fatt, fid-dawl ta' dak li ddeċidiet il-Qorti Kostituzzjonali fil-5 ta' Ottubru 2018.* ***Dik il-Qorti ordnat, li biex ma jseħħx ksur tad-drittijiet tar-rikorrent ma jsirx aktar użu fil-proċeduri kriminali miż-żewġ stqarrijiet rilaxxjati mir-rikorrent. Fid-dawl ta' din l-ordni, din il-Qorti ma tistax tifhem b'liema tiġbid tal-immaginazzjoni tista' tasal għall-konklużjoni li l-konferma bil-ġurament ta' dawk l-istqarrijiet quddiem il-Maġistrat ma għandhomx ukoll ikunu mwarrbin. Kważi kwazi dan għandu xebħ mal-każ fejn dokument oriġinali jitwarrab iżda mhux il-kopja tiegħu. Il-konferma bil-ġurament hija unikament imsejsa fuq l-istqarrijiet u kwalunkwe ammissjoni kienet ukoll b'konsegwenza tal-istess.***

***80. Għalhekk anke f'dan ir-rigward, din il-Qorti ssib li ġew leżi l-artikolu 39(1) u 6(1) tal-Kostituzzjoni u l-Konvenzjoni rispettivament.***

Min-naha l-ohra, fis-sentenza iktar ricenti fl-ismijiet '**Briegel Micallef vs Avukat Generali'**[66] gie ritenut il-kuntrajrju ghall-ahhar erba' sentenzi sucitati fejn il-Qorti Kostituzzjonali taghat direzzjoni lil Qorti Kriminali sabiex ma tqisx bhala prova stqarrijiet li jkunu ġew rilaxxati minghajr id-dritt tal-assistenza legali u dan minhabba l-periklu li jkun hemm difett procedurali jekk jinstab illi dawn jilledu id-dritt tal-persuna akkuzata ghal smiegh xieraq. Il-Qorti Kostituzzjonali qalet hekk f'dan ir-rigward:

[66] Deciza mill-Qorti Kostituzzjonali nhar it-10 ta' Gunju, 2021.

*'13. <u>Hu minnu li din l-istess Qorti f'sentenzi oħrajn qalet li jkun floku li stqarrija li jkun ta imputat titneħħa mill-proċess tal-proċeduri Kriminali sabiex jiġi żgurat li ma jkunx hemm periklu li eventwalment isiru proċeduri Kostituzzjonali li jistgħu jwasslu biex jiġi annullat proċess sħiħ. Madankollu, filwaqt li hemm ukoll sentenzi fejn din il-Qorti għamlet sempliċement rakkomandazzjoni, wieħed irid jiftakar li kull każ għandu ċ-ċirkostanzi partikolari tiegħu. F'dan il-każ partikolari diġa' hemm sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali u li fiha sar apprezzament tal-provi kollha li tressqu quddiem dik il-Qorti fil-kors tal-proċess kollu. Ċirkostanza li ma kinitx teżisti f'każijiet oħra li ddeċidiet dwarhom din il-Qorti. Ovvjament dak l-apprezzament ser jiġi mistħarreġ mill-Qorti tal-Appell Kriminali.'</u>*

Ikkunsidrat ulterjorament;

Illi bis-sahha tat-trasposizzjoni tad-'Direttiva 2013/48/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta' Ottubru 2013 dwar id-dritt ta' access ghas-servizzi ta' avukat fi proccedimenti kriminali u fi procedimenti ta' mandat ta' arrest Ewropew, u dwar id-dritt li tigi infurmata parti terza dwar ic-cahda tal-libertà u d-dritt ghal komunikazzjoni ma' partijiet terzi u mal-awtoritajiet konsulari, matul ic-caħda tal-libertà' fil-Ligi ta' Malta, li sehhet wara li l-appellat irrilaxxa l-istqarrijiet tieghu, kien hemm tibdil sostanzjali f'dak li d-dritt ta' access ghal Avukat fi proceduri Kriminali jinkludi. L-artikolu 3 ta' din id-Direttiva jipprovdi:

***'Id-dritt ta' aċċess għas-servizzi ta' avukat fi proċedimenti kriminali***

*1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-persuni suspettati u akkużati jkollhom id-dritt ta' aċċess għas-servizzi ta' avukat f'ħin u*

*b'mod li l-persuni konċernati jkunu jistgħu jeżerċitaw d- drittijiet tagħhom ta' difiża b'mod prattiku u b'mod effettiv.*

*2. Il-persuni suspettati jew akkużati għandu jkollhom aċċess għas-servizzi ta' avukat mingħajr dewmien żejjed. Fi kwalunkwe każ, il-persuni suspettati jew akkużati għandu jkollhom id-dritt ta' aċċess għas-servizzi ta' avukat mill-mument l-aktar qrib minn dawn li ġejjin:*

*a. qabel ma jiġu interrogati mill-pulizija jew minn awtorità oħra tal-infurzar tal-liġi jew ġudizzjarja;*

*b. mat-twettiq minn awtorità ta' investigazzjoni jew awtorità kompetenti oħra ta' att investigattivi jew att ieħor ta' ġbir ta' provi skont il-punt (c) tal-paragrafu 3;*

*c. mingħajr dewmien żejjed wara ċ-ċaħda tal-libertà;*

*d. fejn ġew imħarrka biex jidhru quddiem qorti li għandha ġurisdizzjoni f'materji kriminali, fi żmien debitu qabel ma jidhru quddiem dik il-qorti.*

*3. Id-dritt ta' aċċess għas-servizzi ta' avukat għandu jimplika dan li ġej:*

*a. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li persuna suspettata jew akkużata jkollha d-dritt li tiltaqa' fil-privat u tikkomunika mal-avukat li jirrappreżentaha, inkluż qabel interrogazzjoni mill-pulizija jew minn awtorità oħra tal-infurzar tal-liġi jew awtorità ġudizzjarja;*

*b.* ***L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-persuna suspettata jew akkużata jkollha d-dritt li l-avukat tagħha jkun preżenti u jipparteċipa b'mod effettiv meta hija tiġi interrogata. Tali parteċipazzjoni għandha tkun konformi mal-proċeduri taħt il-liġi nazzjonali, dment li tali proċeduri ma jippreġudikawx l-***

***eżerċizzju effettiv u l-essenza tad-dritt konċernat. Fejn avukat jipparteċipa matul interrogazzjoni, il-fatt li saret tali parteċipazzjoni għandu jiġi rreġistrat bl-użu tal-proċedura ta' reġistrar f'konformità mal-liġi tal-Istat Membru konċernat;***

*c. għandhom, minn tal-inqas, ikollhom id-dritt li l-avukat tagħhom jattendi għall-avvenimenti investigattivi jew l-attita' ġbir ta' provi li ġejjin, fejn dawk l-atti huma previsti fil-liġi nazzjonali u jekk il-persuna suspettata jew akkużata hija meħtieġa jew permessa li tattendi l-att konċernat:*

*i. ringieli ta' persuni għall-identifikazzjoni;*
*ii. konfrontazzjonijiet;*
*iii. rikostruzzjonijiet sperimentali tax-xena tar-reat kriminali.*

4. *L-Istati Membri għandhom jimpenjaw ruħhom li jagħmlu l-informazzjoni ġenerali disponibbli biex jagħmluha faċli għall- persuni suspettati jew akkużati li jsibu avukat. Minkejja d-dispożizzjonijiet tal-liġi nazzjonali dwar il-preżenza obbligatorja ta' avukat, l-Istati Membri għandhom jagħmlu l- arranġamenti meħtieġa biex jiżguraw li l-persuni suspettati jew akkużati li jinċaħdu mil-libertà tagħhom ikunu f'pożizzjoni li jeżerċitaw b'mod effettiv id-dritt tagħhom ta' aċċess għas- servizzi ta' avukat, sakemm ma jkunux irrinunzjaw dak id- dritt f'konformità mal-Artikolu 9.*

5. *Huwa f'ċirkostanzi eċċezzjonali u biss fl-istadju ta' qabel il- kawża li l-Istati Membri jistgħu jidderogaw temporanjament mill-applikazzjoni tal-punt (c) tal-paragrafu 2 fejn iddistanza ġeografikament 'il bogħod ta' persuna suspettata jew akkużata tagħmilha impossibbli li jiġi żgurat id-dritt ta' aċċess għas- servizzi ta' avukat mingħajr dewmien żejjed wara li persuna tkun inċaħdet mil-libertà tagħha.*

6. *F'ċirkostanzi eċċezzjonali u biss fl-istadju ta' qabel il- kawża, l-Istati Membri jistgħu jidderogaw temporanjament mill-applikazzjoni tad-*

*drittijiet previsti fil-paragrafu 3 sakemm dan ikun iġġustifikat fiċ-ċirkostanzi partikolari tal-każ, abbażi ta' waħda mir-raġunijiet konvinċenti li ġejjin:*

*a. fejn hemm ħtieġa urġenti li jkunu evitati konsegwenzi negattivi serji għall-ħajja, illibertàjew l-integritàfiżika ta' persuna;*

*b. fejn l-azzjoni immedjata mill-awtoritajiet investigattivi tkun essenzjali biex jiġu evitati li l-proċedimenti kriminali jiġu pperikolati b'mod sostanzjali.' (Emfazi u sottolinear mizjud minn din il-Qorti.)*

Prezentament, is-subartikoli (1) u (2) tal-artikolu 355AUA tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta kif mizjud b'Att LI tal-2016 jipprovdu s-segwenti:

*'(1) Il-persuna suspettata jew akkużata għandu jkollha d-dritt ta' aċċess għal avukat fil-ħin u b'tali mod li jħalliha teżerċita d-drittijiet ta' difiża tagħha b'mod prattiku u effettiv.*

*(2) Il-persuna suspettata jew akkużata għandu jkollha aċċess għal avukat mingħajr ebda dewmien. Fi kwalunkwe eventwalità, il-persuna suspettata jew akkużata għandu jkollha aċċess għal avukat mill-mument li sseħħ l-ewwel waħda minn dawn il-ġrajjiet:*

*(a) qabel ma tkun interrogata mill-Pulizija Eżekuttiva jew minn awtorità oħra għall-infurzar tal-liġi jew awtorità ġudizzjarja fir-rigward tat-twettiq ta' reat kriminali;*

*(b) mat-twettiq minn awtoritajiet investigattivi jew awtoritajiet kompetenti oħra ta' xi att ta' natura investigattiva jew att ta' kollezzjoni ta' evidenza oħra skont is-subartikolu (8)(e);*

*(c) mingħajr ebda dewmien wara li tkun ġiet imċaħħda l-libertà;*

*(d) meta tkun ġiet imħarrka sabiex tidher quddiem qorti ligħandha ġurisdizzjoni f'materji kriminali, f'qasir żmien qabel ma titressaq quddiem dik il-qorti.'*

Filwaqt li l-artikolu 355AUA(8) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta imbgħad jaqra:

***'Id-dritt ta' aċċess għal avukat għandu jfisser dan li ġej:***

*(a) il-persuna suspettata jew akkużata, jekk tkun għażlet li teżerċita d-dritt tagħha għall-assistenza legali, u l-avukat tagħha, għandhom ikunu infurmati bl-allegat reat li għalih il-persuna suspettata jew akkużata ser tkun interrogata. Dik l-informazzjoni għandha tingħata lill-persuna suspettata jew akkużata qabel ma tibda l-interrogazzjoni, liema ħin m'għandux ikun inqas minn siegħa qabel ma tibda l-interrogazzjoni;*

*(b) il-persuna suspettata jew akkużata għandu jkollha d-dritt li tiltaqa' u tikkomunika fil-privat mal-avukat li jirrappreżentaha, inkluż interrogazzjoni minn qabel mill-pulizija jew minn awtorità oħra ta' infurzar tal-liġi jew awtorità ġudizzjarja;*

*(c)* ***il-persuna suspettata jew akkużata għandu jkollha d-dritt li l-avukat tagħha jkun preżenti u jipparteċipa b'mod effettiv fl-interrogazzjoni. Dik il-parteċipazzjoni tista' tiġi regolata skont proċeduri li l-Ministru responsabbli għall-Ġustizzja jista' jistabbilixxi permezz ta' regolamenti, hekk iżda li dawk il-proċeduri ma jippreġudikawx l-eżerċizzju effettiv u l-essenza ta' dak id-dritt konċernat. Meta avukat jipparteċipa fl-interrogazzjoni, il-fatt li kien hemm dik il-parteċipazzjoni għandu jkun irreġistrat permezz tal-użu fejn, fl-opinjoni tal-intervistatur, hu possibbli ta' mezzi awdjoviżwali skont il-paragrafu***

*Iżda d-dritt tal-avukat li jipparteċipa b'mod effettiv ma għandux jinftiehem bħala dritt tal-avukat li jostakola l- interrogazzjoni jew li jissuġġerixxi tweġibiet jew reazzjonijiet oħra għall-interrogazzjoni u kull mistoqsija jew rimarka oħra mill-avukat għandha, ħlief f'ċirkostanzi eċċezzjonali, issir wara li l-Pulizija Eżekuttiva jew awtorità oħra investigattiva jew awtorità ġudizzjarja jkunu ddikjaraw li ma għandhomx aktar mistoqsijiet;*

*(d) l-interrogazzjoni, it-tweġibiet kollha li jingħataw għaliha u l-proċeduri kollha relatati mal-interrogazzjoni tal-persuna suspettata jew akkużata, għandhom fejn, fl-opinjoni tal-intervistatur, hu possibbli jkunu rrekordjati b'mezzi awdjoviżwali u f'dak il-każ għandha tingħata kopja tagħhom lill-persuna suspettata jew akkużata wara li tkun intemmet l-interrogazzjoni. Kwalunkwe recording għandu jkun ammissibbli bħala prova, sakemm il-persuna suspettata jew akkużata ma tallegax u ma tagħtix prova li r-recording mhuwiex ir-recording oriġinali u li dan ġie mbagħbas. M'hemmx għalfejn issir traskrizzjoni tar-recording meta tkun użata fi proċeduri fil-qorti tal-ġustizzja ta' ġurisdizzjoni kriminali, lanqas ma hemm bżonn tal-firma tal-persuna suspettata jew akkużata f'dikjarazzjoni bi-lmiktub li tkun saret wara l-konklużjoni tal-interrogazzjoni ġaladarba l-mistoqsijiet u t-tweġibiet kollha, jekk hemm, ikunu ġew irrekordjati fuq mezzi awdjoviżwali;*

*(e) il-persuna suspettata jew akkużata għandu jkollha d-dritt li l-avukat tagħha jattendi għall-atti investigattivi jew ġbir ta' evidenza jekk il-persuna suspettata jew akkużata jeħtiġilha jew ġiet permessa li tattendi għall-att konċernat:*

*i. ringiela ta' persuni suspettati għal finijiet ta' identifikazzjoni;*
*ii. konfrontazzjonijiet;*
*iii. rikostruzzjonijiet tax-xena tad-delitt.*

*(Emfazi u sottolinear mizjud minn din il-Qorti).*

**Din il-Qorti taghmilha cara li l-appellat inghata d-drittijiet li kienu vigenti fiz-zmien meta ttiehdet l-istqarrija fejn ghalhekk ma kellux dritt li jkollu Avukat prezenti waqt it-tehid tal-istqarrija izda kellu dritt li jikkonsulta ma' Avukat qabel ir-rilaxx tal-istqarrija u ghalhekk l-istqarrija rilaxxata mill-akkuzat mhijiex bi ksur tal-ligi li kienet in vigore dak izzmien li l-istqarrija giet rilaxxata.**

Mhuwiex il-kompitu ta' din il-Qorti biex tqis jekk giex lez id-dritt ghal smiegh xieraq izda biss jekk l-istqarrija ghandhiex tkompli tifforma parti mill-process. L-appellat ma ressaqx allegazzjonijiet ta' vulnerabilita' u lanqas ma ressaq allegazzjonijiet fosthom dwar il-mod ta' kif giet rilaxxata l-istqarrija jew allegazzjonijiet ohrajn li jsegwu fil-kawza ta' *Beuze v. Belgium* u li gew citati *supra.*

Dwar il-kuncett ta' certezza legali li huwa ta' importanza kbira ghas-Saltna ta' Dritt f'pajjiz demokratiku, il-Qorti Kostituzzjonali fis-sentenza taghha fl-ismijiet **il-Pulzija vs Alfred Camilleri**[67] tat importanza ghal dan il-kuncett u spjegat it-tifsira tieghu meta stqarret:-

> "***Filwaqt li huma minnu lil-Qrati nostrana m'humiex marbuta bil-ligi tal-precedent, huma jutilizzaw il-principju auctoritas rerum similiter judicatarum sabiex tigi kreata certezza legali u dan hafna aktar determinant fil-kamp kriminali. Huwa minnu wkoll li c-certezza tad-dritt tista tkun flessibbli fis-sens illi l-Qrati jistghu f'xi hin jaghtu interprettazjonijiet godda.*** *Izda, l-Qorti Ewropeja kellha diversi okkazzjonijeit sabiex tanalizza l-elementi li jistghu iwasslu ghal-lezjoni kif qieghed jigi sotttomess l-esponent. F'dan is-sens issir referenza ghas-sentenza fl-ismijiet* ***Beian vs Romania*** *(Applikazzjoni nru. 30658/05) decided on the 6th of December 2007 whereby this Court stated: "*
>
> *37. Admittedly, divergences in case-law are an inherent consequence of any judicial system which is based on a network of trial and appeal*

[67] Deciza mill-Qorti Kostituzzjonali fl-14 ta' Dicembru, 2018 (Rikors numru: 21/2015AF).

*courts with authority over the area of their territorial jurisdiction.* ***<u>However, the role of a supreme court is precisely to resolve such conflicts</u>*** *(see Zielinski and Pradal and Gonzalez and Others v. France [GC], nos. 24846/94 and 34165/96 to 34173/96, § 59, ECHR 1999-VII).*

*"38. In the instant case it is clear that the HCCJ was the source of the profound and lasting divergences complained of by the applicant. "*

*39. The practice which developed within the country's highest judicial authority is in itself contrary to the principle of legal certainty, a principle which is implicit in all the Articles of the Convention and constitutes one of the basic elements of the rule of law (see, mutatis mutandis, Baranowski v. Poland, no. 28358/95, § 56, ECHR 2000-III). Instead of fulfilling its task of establishing the interpretation to be followed, the HCCJ itself became a source of legal uncertainty, thereby undermining public confidence in the judicial system (see, mutatis mutandis, Sovtransavto Holding v. Ukraine, no. 48553/99, § 97, ECHR 2002-VII, and Păduraru, cited above, § 98; see also, by contrast, Pérez Arias v. Spain, no. 32978/03, § 27, 28 June 2007)." (enfasi tal-esponent).*

*"Ghar-rigward tal-principji stabbiliti mill-istess Qorti, issir referenza wkoll ghas-sentenza fl-ismijiet* ***<u>Albu u Ohrajn vs Romania</u>*** *moghtija fl-10 ta' Mejju 2012, fejn a para 34 insibu ssegwenti:*

*"(iii) The criteria that guide the Court's assessment of the conditions in which conflicting decisions of different domestic courts ruling at last instance are in breach of the fair trial requirement enshrined in Article 6 § 1 of the Convention consist in establishing whether "profound and long-standing differences" exist in the case-law of the domestic courts, whether the domestic law provides for machinery for overcoming these inconsistencies, whether that machinery has been applied and, if appropriate, to what effect (see Iordan Iordanov and Others, cited*

*above, §§ 49-50; see also Beian (no. 1), cited above, §§ 34-40; Ştefan and Ştef v. Romania, nos. 24428/03 and 26977/03, §§ 33-36, 27 January 2009; Schwarzkopf and Taussik, cited above, 2 December 2008; Tudor Tudor, cited above, § 31; and Ştefănică and Others, cited above, § 36);*

*"(iv) The Court's assessment has also always been based on the principle of legal certainty which is implicit in all the Articles of the Convention and constitutes one of the fundamental aspects of the rule of law (see, amongst other authorities, Beian (no. 1), cited above, § 39; Iordan Iordanov and Others, cited above, § 47; and Ştefănică and Others, cited above, § 31);*

*"(v) The principle of legal certainty, guarantees, inter alia, a certain stability in legal situations and contributes to public confidence in the courts. The persistence of conflicting court decisions, on the other hand, can create a state of legal uncertainty likely to reduce public confidence in the judicial system, whereas such confidence is clearly one of the essential components of a State based on the rule of law (see Paduraru v. Romania, § 98, no. 67 63252/00, ECHR 2005-XII (extracts); Vinčić and Others v. Serbia, nos. 44698/06 and others, § 56, 1 December 2009; and Ştefănică and Others, cited above, § 38);*

Illi mhux l-ewwel darba li din l-Onorabbli Qorti ghamlet referenza ghad-divergenzi assoluti fl-interprettazjonijiet moghtija mill-istess Qrati nostrana u cioé l-Qorti Kostituzzjonali u l-Qorti tal-Appelli Kriminali (sede Superjuri), li, fin-nuqqas ta' Qorti ta' Kassazjoni, il-Qorti Kostituzzjonali għandha hi d-dmir li tnehhi kull incertezza u certament mhux tkun tikkreja hi tal-istess. F'dan il-punt il-Qorti taghmel referenza ghall-sentenza tal-2022, din id-darba ta' Qorti Inferjuri, fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Liam Cauchi**[68] fejn il-Qorti tal-Magistrati (Malta) irriteniet is-segwenti:

[68] Deciza nhar it-12 t' April, 2022.

*'Fil-każ odjern huwa evidenti illi n-nuqqas li l-imputat jingħata l-jedd li **jottjeni parir legali waqt l-interrogatorju tiegħu**, ma kienx nuqqas li ma sarraf fl-ebda preġudizzju għalih, stante li huwa għamel dikjarazzjonijiet inkriminanti, li a bażi tagħhom huwa ġie akkużat b'reati serji, mertu tal-imputazzjonijiet (a) u (b) li jwasslu għall-piena ta' priġunerija tassattiva. Mhux biss, iżda l-Qorti qed tqis ukoll illi l-istqarrija tal-imputat, kemm il-darba dikjarata ammissibbli, hija l-unika prova determinanti li tista' twassal għas-sejbien ta' ħtija tiegħu dwar dawn ir-reati. Skartata din l-istqarrija, ma jibqax biżżejjed provi, li jistgħu jwasslu għal sejbien ta' ħtija fl-imputat dwar l-istess reati, fil-grad rikjest mil-liġi. **Il-Qorti għalhekk tqis illi fiċ-ċirkostanzi, ikun iżjed għaqli li timxi fuq il-passi li mxiet fuqhom il-Qorti Kostituzzjonali fis-sentenzi fuq ċitati, kif ukoll il-Qorti Kriminali fis-sentenza fuq imsemmija, u tiskarta l-kontenut tal-istqarrija meħuda lill-imputat mingħajr il-jedd li jottjeni parir legali waqt l-interrogatorju tiegħu, bħala prova inammissibbli.**'*

Il-principju ta' '*legal certainty*' huwa wieħed t' importanza kbira. Huwa fatt illi sentenzi li anke inghatghu fl-istess jum, kif din il-Qorti diga rrimarkat, hadu direzzjoni konfliggenti, tant li l-Qorti tal-Appell Kriminali (Sede Superjuri) provdiet direzzjoni differenti minn dik moghtija mill-Qorti Kostituzzjonali fl-istess jum dwar din il-kwistjoni u dan nhar is-27 ta' Jannar, 2021.

Kif meqjus fis-sentenza moghtija mill-Qorti Kriminali fl-ismijiet **'The Republic of Malta vs Lamin Samura Seguba'**[69]

*'12. The Farrugia v. Malta case essentially states that not all statements given by suspects in the pre-trial proceedings in the absence of legal assistance should be expunged from the records. The court needs to follow a number of criteria before deciding on such a request among which whether the accused was a vulnerable person, the age of the*

[69] Deciza mill-Qorti Kriminali fil-11 ta' Gunju, 2020 (Att ta' Akkuza numru: 11/2017).

*accused and whether that statement was the only evidence adduced. This Court now finds itself in a situation where it could have acceded to a request or a plea such as the present and must now decide in an opposite manner the next day even where there results "a systematic breach of pre-trial proceedings". Legal uncertainty for an accused may potentially be conducive to a breach of a fair hearing. It is the opinion of this Court that there needs to be a strong degree of certainty in such circumstances and not to hold a trial within a trial to examine whether a statement, for instance, is the only evidence produced by the prosecution;*

*13. Indeed the rules as provided in Directive 13/48 cited above should be the yardstick to which all pre-trial proceedings should be subjected without making any difference with regard to the vulnerability or otherwise of the suspects, their age and other criteria. In the case at hand, the accused was offered legal assistance consisting of a maximum one hour colloquial with a lawyer or legal procurator and subject to the right of inference if he does take up such offer. This Court is not aware of what made the accused decide to not take up that offer. Perhaps he decided that it would have been useless to talk to a lawyer for one hour over the phone or face to face and not having the lawyer by his side during the interrogation proper and this is precisely another reason why certainty of rules and rights is of utmost importance;*

***14. The Court therefore upholds the first plea raised by the accused and orders that the statement of the accused given on the 7 of December 2014 and exhibited as Doc PG3 at folio 17 et seq of the records be expunged and that no reference can be made by any witness of the prosecution to any verbal or written declaration made by the accused from the moment of his arrest;'***

Sussegwentement il-Qorti tal-Appell Kriminali (Sede Superjuri) fis-sentenza fl-ismijiet **<u>'The Republic of Malta vs. Lamin Samura Seguba'</u>**[70] qieset li:

> *'10. In its reasoning the First Court laments the lack of legal certainty which the domestic courts have had to face in decisions regarding the probative value of pre- trial statements where the suspect did not have a lawyer present during his interrogation, and this in line with current legislation which saw the transposition into Maltese law of Directive 2013/48/EU of the European Parliament and of the Council dated 22 October 2013, and this by means of Act LI of 2016. This Court concurs with the objections put forward by the First Court to the ever-evolving situation regarding the legal validity of pre-trial statements obtained without a lawyer's assistance. Indeed, both our jurisprudence and that of the European Court present differing and often contradictory dicta on the matter. And it is precisely this legal uncertainty that led the First Court to uphold accused's preliminary plea regarding the inadmissibility of his pre-trial statements as evidence in the criminal proceedings brought against him. The Court thus states in its judgment:*
>
> *12. The Farrugia v. Malta case essentially states that not all statements given by suspects in the pre-trial proceedings in the absence of legal assistance should be expunged from the records. The court needs to follow a number of criteria before deciding on such a request among which whether the accused was a vulnerable person, the age of the accused and whether that statement was the only evidence adduced. This Court now finds itself in a situation where it could have acceded to a request or a plea such as the present and must now decide in an opposite manner the next day even where there results "a systematic breach of pre-trial proceedings". Legal uncertainty for an accused may potentially be conducive to a breach of a fair hearing. It is the opinion of this Court that there needs to be a strong degree of certainty in such*

[70] Deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali fis-27 ta' Jannar, 2021 (Att ta' Akkuza: 11/2017).

*circumstances and not to hold a trial within a trial to examine whether a statement, for instance, is the only evidence produced by the prosecution.*

*13. Indeed the rules as provided in Directive 2013/48 cited above should be the yardstick to which all pre-trial proceedings should be subjected without making any difference with regard to the vulnerability or otherwise of the suspects, their age and other criteria. In the case at hand, the accused was offered legal assistance consisting of a maximum one hour colloquial with a lawyer or legal procurator and subject to the right of inference if he does take up such offer. This Court is not aware of what made the accused decide to not take up that offer. Perhaps he decided that it would have been useless to talk to a lawyer for one hour over the phone or face to face and not having the lawyer by his side during the interrogation proper and this is precisely another reason why certainty of rules and rights is of utmost importance.*

*11. This Court however cannot accept the line of reasoning of the First Court, as it is its duty to lay down rules where the law fails to do so to provide that legal certainty which every accused person has a right to. This does not necessarily amount to the removal from the records of the case of all pre-trial statements, all the more where the said statements were released according to law.*

*12. The regulatory principle as to the admissibility of evidence in criminal proceedings presupposes the existence of an express provision of law which regulates the admission of such evidence in a court of law. Evidence is consequently deemed to be inadmissible only if the law precludes its production.'*

Il-Qorti tal-Appell Kriminali (Sede Superjuri) ghalhekk laqghet l-appell tal-Avukat Generali u rrevokat fejn l-Ewwel Qorti kienet laqghet l-ewwel eccezzjoni preliminari tal-akkuzat u ghalhekk il-Qorti tal-Appell Kriminali (Sede Superjuri) cahdet l-eccezzjonijiet preliminari kollha.

Madankollu, din il-Qorti f'dan il-punt tixtieq taghmel referenza ghas-sentenza fl-ismijiet '**<u>Ir-Repubblika ta' Malta vs Kevin Gatt u Omissis</u>**'[71] fejn il-Qorti tal-Appell Kriminali (Sede Superjuri) tenniet is-segwenti:

> ***<u>'6. Illi għalhekk il-Qorti tażżarda tgħid illi lanqas hemm il-konfliġġenza lamentata u l-konsegwenti inċertezza ta' dritt, bejn id-deċiżjonijiet ta' din il-Qorti u dawk tal-Qorti Kostituzzjonali, billi dawn huma kollha konkordi fil-fehma illi sakemm il-proċess penali ma jkunx ġie finalment determinat sabiex il-kriterju tal-overall fairness ikun jista' jiġi mistħarreġ, ma jistax jingħad illi hemm xi lezjoni taħt l-artikolu 6 tal-Konvenzjoni. Huwa r-rimedju mogħti li huwa differenti u dan għaliex filwaqt li l-Qorti Kostituzzjonali qed tidderiġi lil Qorti Kriminali sabiex preventivament ma ġġibx dik l-istqarrija a konjizzjoni tal-ġurati waqt iċ-ċelebrazzjoni tal-ġuri, fil-parametri tas-setgħat lilha mogħtija fl-artikolu 46 tal-Kostituzzjoni, u dan sabiex ma jkunx hemm il-periklu li l-proċeduri jkunu mittiefsa meta xi kundanna eventwali tiġi imsejsa fuq prova li tista' tkun ivvizjata, din il-Qorti qed tagħti direzzjoni xort'oħra lil Qorti Kriminali, fil-parametri tas-setgħat lilha mogħtija bil-liġi, billi tidderigieha tapplika il-kriterji imfassal fid-deċiżjoni Beuze qabel ma tgħaddi biex tiskarta prova li hija legalment valida u ammissibbli, u dan sakemm dan l-eżercizzju dwar l-overall fairness ma jkunx jista' isir minn din il-Qorti preventivament minn eżami tal-atti kumpilatorji. Dan meta l-Qorti Ewropea issa qed tidderieġi il-qrati domestiċi jindagaw jekk il-proċeduri fl-intier tagħhom kienux ġusti fil-konfront tal-akkużat, bit-test allura li jrid jiġi segwiet fuq iż-żewġ binarji surriferiti. Dan ifisser illi bil-fatt illi din il-Qorti qed tagħti rimedju xort'oħra minn dak mogħti mill-Qorti Kostituzzjonali f'każijiet analoġi, ma jfissirx illi teżisti</u>***

[71] Deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali fis-27 ta' Ottubru, 2021 (Att ta' Akkuza: 05/2017).

> ***<u>dik l-inċertezza fil-liġi lamentata mill-appellant billi lġurisprudenza hija illum konkordi fil-fehma illi fl-istadju bikri tal-proċeduri mhux dejjem jista' jiġi determinat jekk seħħitx dik leżjoni tal-jedd tal-persuna akkużata għal smigħ xieraq.</u>***

F'din is-sentenza, il-Qorti tal-Appell Kriminali ppronunciet ruhha bis-segwenti mod rigward l-ammissibilita' o meno ta' stqarrija li ttihdet **<u>qabel l-10 ta' Frar, 2010</u>** mill-akkuzat meta dan ta' l-ahhar ma kellux jedd ghall-ebda tip ta' assistenza legali, la qabel u lanqas matul l-interrogazzjoni:

> *'Illi fil-fehma tal-Qorti, mingħajr ma tinoltra ruħha fil-mertu tal-każ, dawn it-tweġibiet jistgħu jkunu inkriminatorji billi min huwa imsejjaħ biex jiġġudika jista' jinferixxi li l-appellant allura verament kien a konoxxenza tan-negozju ta' traffikar ta' droga mertu ta' dawn il-proċeduri. <u>Illi dawn it-tweġibiet ingħataw minnu meta huwa ma kellu jedd għall-ebda difiża u għalhekk meta kien injar mill-konsegwenzi legali li din il-linja ta' tweġibiet setghet iggib fuqu</u>.* ***<u>Illi allura minn dan il-kwadru ta' fatti marbuta mal-interrogatorrju tal-appellant, meta huwa ma kellu ebda dritt li jiddefendi ruħu permezz ta' xi forma ta' assistenza legali, jemerġi mhux biss illi fl-ewwel stadji tal-investigazzjonijiet huwa ġie interrogat mingħajr ma ingħata ebda twissija, iżda imbaghad meta mogħti it-twissija vigenti skont il-liġi f'dak iż-żmien, injar mill-konsegwenzi tal-mod kif kien qiegħed iwieġeb għal mistoqsijiet li kienu qed isirulu, seta' inkrimina ruħu u dan mingħajr ma kellu dik id-difiża adegwata.</u>*** *<u>Dan jista' isarraf f'preġudizzju irrimedjabbli għall-appellant għalkemm fl-istadju taċ-ċelebrazzjoni tal-ġuri huwa ser ikun assistit minn avukat u ser ikollu l-opportunita' iressaq id-difiża tiegħu. Illi allura, għalkemm l-istqarrija tat-13 ta' Otturbu 2008 ġiet rilaxxata skont il-liġi viġenti f'dak iż-żmien, madanakollu huwa indubitat illi din il-prova li ittieħdet meta l-appellant ma kellux il-jedd li jiddefendi ruħu hija prova determinanti tant illi, bil-mod kif l-appellant wieġeb għal mistqosijiet li sarulu huwa seta' inkrimina ruħu irrevokabbilment u dan bi preġudizzju serju għar-</u>*

*retta amministrazzjoni tal-ġustizzja.* ***Dan ifisser illi għalkemm għad irid jiġi iċċelebrat il-ġuri, madanakollu huwa bil-wisq evidenti f'dan l-istadju tal-proċeduri, meta il-Qorti hija mogħnija bil-provi kkumpilati, illi l-prova li l-Prosekuzzjoni qed tfittex li tagħmel, kemm permezz tad-dikjarazzjonijiet verbali magħmula mill-appellant, kif ukoll dawk magħmula fl-istqarrija rilaxxata minnu lil pulizija, tista' tkun vvizzjata minħabba il-fatt illi l-appellant ma setax jiddefendi ruħu kif xieraq u għalhekk din il-prova għandha tiġi imwarrba.*** *F'dan il-każ, il-Qorti hija tal-fehma illi n-nuqqasijiet minnha ravviżati ma jistgħu bl-ebda mod jiġu sanati għaliex l-Imħallef togat neċessarjament irid iwissi lil ġurati fl-indirizz finali tiegħu b'dawn l-imsemmija nuqqasijiet, li x'aktarx ser jivvizjaw l-istqarrija u dikjarazzjonijiet magħmula mill-appellant miksuba mingħajr ma kellu ebda difiża, sabiex b'hekk ikun ferm riskjuż li huma jistrieħu fuqha meta jiġu biex jagħmlu il-ġudizzju aħħari tagħhom. Dan minħabba l-fatt li meta din il-Qorti twieżen il-valur probatorju ta' din l-istqarrija meta komparat mal-pregudizzju irrimedjabbli li ser ibati l-appellant f'kaz l-istess tiġi ammess, huwa indubitat illi il-preġudizzju rekat jiżboq il-valur probatorju tagħha. Il-Qorti għalhekk qed titbiegħed mill-fehma milħuqa mill-Qorti Kriminali f'dan ir-rigward, ukoll għaliex il-fattispecje ta' dan il-kaz ma għandhom xejn x'jaqsmu ma' dawk li isawwru il-każ minnha iċċitat fis-sentenza appellata u li fuqu straħet biex sejset id-deċiżjoni tagħha.*

***22. Għaldaqstant magħmula dawn il-konsiderazzjonijiet, dan l-ewwel aggravju sollevat mill-appellant jistħoqqlu akkoljiment u għalhekk tordna illi l-prova li l-Prosekuzzjoni trid tagħmel permezz tad-dikjarazzjonijiet kemm verbali kif ukoll bil-miktub magħmula mill-appellant meta huwa ġie arrestat u interrogat għandha tigi imwarrba u ma tinġiebx a konjizzjoni tal-ġurati matul iċ-ċelebrazzjoni tal-ġuri.'***

Il-Qorti ta' l-Appell Kriminali fis-sentenza '**Ir-Repubblika ta' Malta vs Ismael Habesh et'**,[72] applikat l-istess linja ta' hsieb meta gie ntavolat appell mill-Avukat Generali u dan minhabba li l-Qorti Kriminali kienet ikkunsidrat stqarrijiet li saru qabel l-10 ta' Frar 2010 bhala inammissibli ghal kuntrarju ta' stqarrijiet ohrajn li saru sussegwentament u ddikjarathom bhala ammissibli.

F'din is-sentenza gie ritenut is-segwenti:

> *'16. Dan qed jingħad għaliex, għalkemm f'dan l-istadju din il-Qorti, bħal Qorti Kriminali qabilha, ma għandhiex is-setgħa tidħol biex tqis il-provi fil-mertu, madanakollu dan l-eżercizzju qed isir għaliex l-Avukat Ġenerali jilmenta mill-fatt illi l-Qorti Kriminali ma daħħlitx biex tezamina jekk il-kriterji imfassla fid-deċiżjoni Beuze humiex sodisfatti fir-rigward tal-istqarrijiet mertu ta' dan l-appell**. Il-Qorti Kriminali kienet tal-fehma illi l-fatt waħdu illi l-appellat ma ngħata ebda forma ta' assistenza legali meta rrilaxxa l-istqarrijiet tiegħu lura fis-sena 2005 u l-2009, u dan għaliex il-liġi ma kenitx tagħtih dan id-dritt, kienet raġuni sufficjenti sabiex tqies illi dawn l-istqarrijiet kellhom jitwarrbu mill-atti proċesswali billi jkun perikoluż ferm illi il-ġudizzju aħħari isir fuq prova li inkisbet meta s-suspettat ma kellux jedd għal ebda forma ta' difiża. Illi l-Qorti fliet bir-reqqa il-kontenut tal-istqarrijiet mertu ta' dan lappell u tqis illi għalkemm huwa minnu illi l-appellat caħad kategorikament l-involviment tiegħu fl-omiċidju, madanakollu huwa jwieġeb għal mistqosijiet kollha li jsirulu meta jintalab jagħti dettalji dwar dak li għamel fil-lejla in kwistjoni, fejn anke biddel għal darba darbtejn xi dettalji mill-verżjoni tiegħu tal-fatti. Dan għamlu meta huwa ma kellu ebda forma ta' difiża, fejn allura ċertu inkonsistenzi jistgħu jdagħjfu l-kredibbilita' tiegħu, biex b'hekk bil-fatt illi huwa rrinunzja għall-jedd tiegħu ghas-silenzju**

[72] Deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar it-22 ta' Settembru, 2021 (Att t' Akkuza 14/2017).

***f'ċirkostanzi fejn ma kellu ebda forma ta' difiża, dan jista' jissarraf f'preġudizzju irrimedjabbli.'***

*'20. Illi hija l-fehma tal-Qorti allura, stabbilit li ma kienx hemm ragunijiet impellenti li wasslu sabiex id-dritt ghall-assistenza legali jigi miċħud u adottat il-kriterju tal-"overall fairness of the proceedings" imfassal fil-kaz Beuze vs il-Belgju,* ***għalkemm l-istqarrijiet mertu tal-appell inkisbu skont il-liġi viġenti f'dak iż-żmien, madanakollu dan ma jistax jeradika mill-fatt illi l-appellat irrilaxxa diversi stqarrijiet li l-Prosekuzzjoni bi ħsiebha tressaq bħala prova fil-ġuri, meta dawn ġew rilaxxati mingħajr ebda forma ta' għajnuna legali sabiex tiggwida lill-appellat. Dan iktar u iktar, jerġa' jiġi emfasiżżat, meta l-istħarriġ tal-pulizija ħa bixra differenti minn dak inizjali meta allura l-appellat ma kienx għadu ġie mgħarraf li qed jiġi indagat b'relazzjoni ma' akkużi dwar omiċidju, tant illi kif ingħad, fl-istqarrijiet li ġew wara li bdiet l-indaġini dwar l-omiċidju, l-appellat jibda' ibiddel xi dettalji minn dak mistqarr minnu inizjalment. L-istess ma jistax jingħad, kif ġustament stqarret il-Qorti Kriminali, fir-rigward tal-istqarrija li imbagħad ġiet rilaxxata fis-sena 2013 meta ftit wara l-appellat ġie mixli bl-omiċidju ta' Simon Grech. Dan għaliex fl-ewwel lok huwa kien mgħarraf dwar ir-raġuni li kien qed jiġi interrogat, ingħata il-jedd jikkonsulta ma' avukat, u mhux biss, iżda bit-trapass taż-żmien meta llura kien jaf bl-evidenza li kellhom f'idejhom il-pulizija, kellu kull opportunita' jieħu dak il-parir meħtieġ konsapevoli li kien qed jiġi indagat dwar l-omiċidju ta' Grech.***

*21. Illi d-direzzjoni li qed tiġi mogħtiija mill-Qorti Ewropeja dwar id-Drittijiet talBniedem hija univoka u ċioe' illi kull każ irid jitqies għalih billi jiġi mistħarreġ f'kull każ individwalment jekk, bil-fatt illi l-persuna akkużata ma kellhiex jedd għal ebda forma ta' assistenza legali, jew inkella, bil-fatt illi ma kellhiex l-avukat preżenti waqt it-teħid tal-istqarrija, għalkemm dik il-persuna tkun kisbet parir legali jew għall-*

*inqas ingħatat il-jedd li jkollha dak il-parir, dan setax impinġa fuq is-smigħ xieraq iktar 'il quddiem tul il-proċeduri penali istitwiti kontra tagħha.* ***F'dan il-każ, il-Qorti hija tal-fehma illi n-nuqqasijiet minnha ravviżati, bħalma ġew ravviżati ukoll mill-Qorti Kriminali qabilha, ma jistgħu bl-ebda mod jiġu sanati għaliex l-Imħallef togat neċessarjament irid iwissi lil ġurati fl-indirizz finali tiegħu b'dawn l-imsemmija nuqqasijiet, li x'aktarx ser jivvizjaw l-istqarrijiet tal-appellat miksuba mingħajr ma kellu ebda difiża, sabiex b'hekk ikun ferm riskjuż li huma jistrieħu fuqha meta jiġu biex jagħmlu il-ġudizzju aħħari tagħhom.***

***22. Illi allura għal motivi hawn fuq miġjuba, b'żieda mal-fehma milħuqa mill-Qorti Kriminali fis-sentenza appellata, jkun għaqli li f'dan l-istadju bikri tal-proċess gudizzjarju, din il-prova magħmula mill-Prosekuzzjoni permezz ta'l-istqarrijiet li ġew rilaxxati mill-appellat Ismael Habesh lura fis-snin 2005 u 2009, meta ma kellu jedd għall-ebda forma ta' assistenza legali, jiġu imwarrba u ma jinġiebux a konjizzjoni tal-ġurati matul iċ-ċelebrazzjoni tal-ġuri.'***

**Ikkunsidrat ulterjorment;**

Il-Qorti Kostituzzjonali fi pronunzjament ricenti hafna u coe' fl-ismijiet **Emmanuele Spagnol vs. L-Avukat Generali u Kummissarju tal-Pulizija**[73]stqarret is-segwenti:

*10. Il-Qorti tagħraf li kemm fil-ġurisprudenza ta' din il-Qorti u kif ukoll fil-ġurisprudenza tal-Qorti Ewropea, il-fatt waħdu li s-suspettat ma kellux il-possibilità li jkun assistit minn avukat waqt l-interrogazzjoni ma jfissirx awtomatikament li l-użu ta' dik l-istqarrija fil-proċeduri kriminali kontra tiegħu illeda, jew x'aktarx ser jilledi, id-dritt fundamentali tiegħu għal smigħ xieraq. Dan fil-fatt jaċċettah l-attur stess.*

[73] Deciz mill-Qorti Kostituzzjonali fil-31 ta' Mejju 2023.

*11. Fil-każ odjern m'hemmx dubju li l-liġi kif kienet viġenti fiż-żmien relevanti ma kinitx tippermetti li s-suspettat jiġi assistit minn avukat waqt li jkun qed jiġi interrogat mill-pulizija. Dak iż-żmien però l-liġi kienet tippermetti li ssuspettat jikkonsulta privatament ma' avukat, wiċċ imb'wiċċ jew bit-telefon, għal żmien ta' siegħa, qabel ma jiġi interrogat. Il-Qorti tosserva wkoll li l-attur kellu d-dritt li ma jirrispondix għad-domandi magħmula lilu waqt linterrogazzjoni. Inoltre, waqt il-proċeduri kriminali l-attur kellu d-dritt li jikkontesta l-ammissibilità tal-istqarrija, oltre li seta' jikkontesta l-kontenut tagħha permezz ta' kull prova li kien iħoss li kienet relevanti, u fil-fatt jirriżulta li l-proċeduri kriminali ilhom fi stadju ta' provi tad-difiża għal żmien sostanzjali. Apparti minn hekk, l-appellant kellu kull dritt li jixhed u jagħti verżjoni differenti quddiem il-Qorti, dritt li jirriżulta li għamel użu estensiv minnu, tant illi d-depożizzjoni tiegħu ġiet maqsuma fuq żewġ seduti.*

*12. Dwar il-vulnerabbilità o meno tal-attur, il-Qorti tosserva li minkejja li l-appellant xehed quddiem l-Ewwel Qorti li ma kienx jiftakar jekk qattx kien għadda minn xi proċeduri kriminali oħrajn barra dawk mertu ta' dawn il- proċeduri, mis-sistema elettronika tal-Qorti jirriżulta li l-appellant kien involut f'diversi proċeduri kriminali, inkluż proċeduri li bdew kontra tiegħu fl-1996 u li fihom kien instab ħati u ġie kkundannat għal piena ta' sentejn priġunerija sospiżi għal erba' snin flimkien ma' interdizzjoni ġenerali u interdizzjoni milli jservi bħala xhud ħlief quddiem il-Qrati tal-Ġustizzja għal żmien ta' ħames snin. Għalhekk l-Ewwel Qorti kienet korretta meta sabet li din ma kinitx lewwel darba li l-appellant xellef difrejh mal-ġustizzja. Inoltre, għalkemm lappellant isemmi li huwa kien jieħu ċertu medikazzjoni biex jikkontrolla zzokkor, u li mingħajr din il-medikazzjoni u ikel kien iħossu dgħajjef, il-Qorti tosserva li mill-atti li ġew preżentati ma jirriżultax li l-appellant kien informa lill-Pulizija li huwa kellu bżonn jieħu xi medikazzjoni u fil-fatt fil-formola li timtela mill-uffiċjal ta' detenzjoni ġie mmarkat li l-appellant ma kien taħt lebda*

*kura. F'dan ir-rigward relevanti wkoll li mix-xhieda jirriżulta illi li kieku l-appellant ma kellux il-medikazzjoni meħtieġa miegħu u lanqas il-preskrizzjoni għaliha, il-prassi kienet illi jittieħed il-poliklinika sabiex tkun tista' tinħareġ preskrizzjoni minn tabib biex b'hekk is-suspettat ikun jista' jingħata l-medikazzjoni li jkun jeħtieġ. Għalhekk jidher li jekk l-appellant baqa' nieqes minn xi medikazzjoni dan kien biss għaliex naqas milli jinforma lill-pulizija meta ġie mistoqsi. Meħud in konsiderazzjoni dan kollu, flimkien mal-fatt li fiż-żmien relevanti l-attur kellu aktar minn ħamsin sena u li kien effettivament ikkonsulta ma' avukat tal-fiduċja tiegħu qabel ma ġie interrogat, il-Qorti tqis li ma jirriżulta l-ebda element ta' vulnerabbilità.*

*13. Din il-Qorti reġgħet għarblet sew il-pozizzjoni tagħha fuq din it-tema ta' intempestività tal-ilment kostituzzjonali. Tagħmel riferenza għaż-żewġ sentenzi tal-Qorti Ewropea Għad-Drittijiet tal-Bniedem,* ***Martin Dimech v. Malta*** *tat-2 ta' April 2015 u* ***Tyrone Fenech et v. Malta*** *tal-5 ta' Jannar 2016, dwar ilmenti li jixxiebħu ħafna għal dawk tal-lum dwar it-tehid ta' stqarrija mingħajr konsultazzjoni minn qabel ma' avukat, għalkemm f'dan il-każ ilkonsultazzjoni kienet waħda limitata.*

*14. F'dawk is-sentenzi I-ilment tas-smigħ xieraq tressaq meta I-proċeduri kriminali kienu għadhom pendenti. Billi I-proċeduri kriminali kienu għadhom mexjin, il-Qorti Ewropea saħqet li kien kmieni biex jiġi deċiż jekk kienx hemm smigħ xieraq jew le. Fi kliem il-Qorti Ewropea: "applications concerning the same subject matter as that at issue in the present case were rejected as premature when the criminal proceedings were still pending (see,* ***Kesik v. Turkey****, (dec.), no. 18376/09, 24 August 2010 and* ***Simons v. Belgium*** *(dec.), no. 71407/10, 28 August 2012) and, where the applicant had ultimately been acquitted, the complaint was rejected on the ground that the applicant had no victim status (see* ***Bouglame v. Belgium*** *(dec.), no. 16147/08, 2 March 2010). The Court finds no reason to deem otherwise in the present case. Without prejudice to the applicant's possibility of*

*bringing new proceedings before this Court in the event of a conviction by the domestic courts, as matters stand to date, given that the criminal proceedings against the applicant are currently pending before the domestic courts, the Court finds this complaint to be premature. Consequently, this part of the application must be rejected, pursuant to Article 35 I and 4 of the Convention, for non-exhaustion of domestic remedies" 15. Essenzjalment din id-difiża hija msejsa fuq il-premessa illi allegazzjoni ta' nuqqas smigħ xieraq teħtieg li I-proċess li minnu jkun qed isir I-ilment jiġi eżaminat fit-totalita tiegħu u mhux jiġi maqsum u jsir enfasi fuq inċident wieħed partikolari.*

*16. Naturalment ladarba f'dan il-każ il-proċess kriminali għadu ma ġiex mitmum, għadu mhux magħruf kif u taħt liema ċirkostanzi I-appellant ser jiġi żvantaġġjat. Huwa ċertament barra minn loku illi I-ilment de quo agitur jiġu diskussi f'dan l-istadju in vacuo. Il-Qorti Kriminali għadha trid tevalwa listqarrijiet li saru u jekk saru jkunx hemm vjolazzjoni tad-dritt ta' smigħ xieraq minħabba l-mod kif ittieħdu tenut kont iċ-ċirkostanzi partikolari tal-każ li jvarjaw minn każ għall-ieħor. Hemmx leżjoni tad-dritt għalhekk ser jiddependi mill-mod kif il-Qorti Kriminali tkun trattat l-istqarrijiet u l-piż mogħtija lilhom fl-assjem tal-provi kollha. Għal dak li jiswa jista' jkun il-każ li l-Qorti Kriminali fl-aħħar mill-aħħar ma ssibux ħati u għalhekk ħafna millpreokupazzjonijiet tiegħu dwar l-istqarrijiet jisfaw fix-xejn. Dan biex ma jingħadx ukoll li anke wara s-sentenza tal-Qorti Kriminali hemm ilpossibbilità li jsir appell quddiem il-Qorti tal-Appell Kriminali, li ghandha ssetgħa li ddawwar l-affarijiet. Jiġi b'hekk, li l-ilment jekk seħħx virtwalment xi ksur ta' drittijiet fundamentali f'dan l-istadju huwa għal kollox prematur.*

*17. L-appellant ma jistax jagħmilha bħala fatta li huwa mhuwiex sejjer ikollu smigħ xieraq minħabba l-mod ta' kif ittieħdet l-istqarrija tiegħu. Ladarba lproċeduri kriminali għadhom mexjin, allura huwa jgawdi mill-preżunzjoni talinnoċenza. Tassew il-prosekuzzjoni għad trid*

*tipprova l-akkuzi tagħha kontra tiegħu u l-istess akkużat għad għandu kull opportunità li jiddefendi lilu nnifsu.*

*18. Għalhekk il-fatt waħdu li saru stqarrijiet ma ssostnix l-ilment ta' ksur ta' jedd ta' smigħ xieraq għaliex din waħidha mhijiex determinanti tal-kwistjoni minnu sollevata, b'dana li l-ilment huwa għal kollox intempestiv u prematur.*

*19. Il-Qorti tirreferi hawnhekk l-aktar sentenzi riċenti fuq is-suġġett, viz. Beuze v. Il-Belġju deċiża mill-Grand Chamber fid-9 ta' Novembru 2018 u ssentenza <u>Carmel Joseph Farrugia v. Malta</u> deċiża mill-Qorti Ewropea Għad-Drittijiet tal-Bniedem fl-4 ta' Ġunju 2019.*

*20. Dawn iż-żewġ sentenzi ħolqu numru ta' kriterji mhux tassattivi li wieħed għandu jqis biex jara jekk in-nuqqas ta' assistenza legali fl-istadju tat-teħid tal-istqarrija jwassalx għall-ksur tal-jedd ta' smigħ xieraq. Dawn il-kriterji jistgħu jiġu determinati biss wara li jintemm il-proċess kriminali.*

*21. Hija għalhekk il-fehma meqjusa ta' din il-Qorti meta jittieħed kont ta' kif il-Qorti Ewropea issa qed tindirizza l-kwistjoni mhuwiex floku li l-Qrati Kostituzzjonali joqogħdu jindaħlu f' temi li jmissu mas-siwi tal-evidenza.*

*Bħalma sewwa qalet il-Qorti Ewropea fil-każ **<u>Carmel Camilleri v. Malta</u>** deċiż fis-16 ta' Marzu 2000 li kienet dwar is-siwi ta' stqarrija mogħtija minn terzi: «The Court reiterates that the admissibility of evidence is primarily a matter for regulation by national law and as a general rule it is for the national courts to assess the evidence before them. The Court's task under the Convention is not to give a ruling as to whether statements of witnesses were properly admitted as evidence, but rather to ascertain whether the proceedings as a whole, including the way in which evidence was taken, were fair (see the **<u>Doorson v. the Netherlands</u>** judgment of 26 March 1996, Reports of Judgments and*

*Decisions 1996-11, p. 470, S 67; the* ***Edwards v. the United Kingdom*** *judgment of 16 December 1992, Series A no. 247- B, pp. 34-35, 34). Furthermore, the Court cannot hold in the abstract that evidence given by a witness in open court and on oath should always be relied on in preference to other statements made by the same witness in the course of criminal proceedings, not even when the two are in conflict (see the above-mentioned Doorson judgment, p. 472, §78) »*

*22. L-għaqal li din il-Qorti tieħu din id-deċiżjoni dwar l-ilqugħ tal-eċċezzjoni tal-intempestività, jinsab imsaħħaħ ukoll minn dak li ġara fl-aħħar sentenza* ***Roderick Castillo v. Avukat Generali et*** *deċiża mill-Qorti Kostituzzjonali fl-20 ta' Lulju 2020. F'din is-sentenza ġara li waqt li kienu mexjin il-proċeduri kostituzzjonali, ġew mitmuma l-proċeduri kriminali u Roderick Castillo gie meħlus mill-akkużi miġjuba kontrih. Minħabba din il-ġrajja, il-Qorti Kostituzzjonali qalet li: "Bis-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali l-appellat ingħata rimedju definittiv u effettiv. B'hekk minkejja dak li ġara fl-istadju meta l-appellat talistqarrija, xorta 'on the whole' kellu smigħ xieraq b'dak li ġara fl-istadju tal-appell"*

*23. Għalhekk l-aggravju qed jiġi miċħud'*

Ricentament u cioe' fis-sentenza moghtija ricentement fl-ismijiet **Jean Marc Dalli vs Il-Kummissarju tal-Pulizija et**[74] gie ritenut hekk mill-Qorti Kostituzzjonali:

*'11. Il-ġurisprudenza hi ċara li l-fatt li persuna suspettata li kkommettiet reat tagħmel stqarrija mingħajr l-assistenza ta' avukat ma jwassalx bilfors għal ksur fil-jedd fundamentali għal smigħ xieraq fil-proċeduri kriminali li jittieħdu kontra dik il-persuna.*

10. *F'sentenza riċenti tal-QEDB,* ***Lalik v. Poland*** *(Application no. 47834/19) ġie mtenni: "64. The Court reiterates that it is necessary to*

[74] Deciza mill-Qorti Kostituzzjoniali nhar il-31 ta' Mejju, 2023.

*view the Article 6 § 3 rights as specific aspects of the overall right to a fair trial rather than ends in themselves (Ibrahim and Others, cited above, §§ 250-51). In consequence, despite the fact that the applicant did not explicitly cite Article 6 § 1, the Court will examine whether the proceedings as a whole were fair, considering that the need for such an examination derives from the well-established case law on that matter (see Beuze, cited above, §§ 147-48). The onus will be on the Government to demonstrate convincingly why, exceptionally and in the specific circumstances of the case, the overall fairness of the trial was not irretrievably prejudiced by the fact that the applicant was not properly informed of his rights (see, mutatis mutandis, Ibrahim and Others, cited above, § 265).*

*65. The Convention is intended to guarantee rights that are practical and effective and not theoretical and illusory. In this context, the Court recalls that Article 6 § 3 (c) of the Convention must be interpreted as safeguarding the right of persons charged with an offence to be informed immediately of their defence rights, irrespective of their age or specific situation and regardless of whether they are represented by an officially assigned lawyer or a lawyer of their own choosing (see Beuze, cited above, § 129).*

*66. In its analysis of the overall fairness of the proceedings, the Court will examine, to the extent that they are relevant in the present case, the various factors deriving from its case-law as set out in the Beuze judgment (cited above, § 150)."*

*12. Għalhekk il-Qorti trid tistħarreġ l-overall fairness skont il-varji kriterji (mhux tassattivi) li jissemmew fis-sentenzi Beuze v. Il-Belġju deċiża millGrand Chamber fid-9 ta' Novembru 2018 u s-sentenza Carmel Joseph Farrugia v. Malta deċiża mill-QEDB fl-4 ta' Ġunju 2019. Fl-eżerċizzju jispetta lill-intimat li iressaq prova li l-fatt li r-rikorrent ma kellux ilpossibilità li jkun assistit minn avukat waqt l-interrogazzjoni ma ppreġudikax irrimedjabbilment il-każ tiegħu.*

*13. Il-liġi kif kienet viġenti fiż-żmien meta r-rikorrent odjern ta l-istqarrija tiegħu, ma kinitx tippermetti li s-suspettat jiġi assistit minn avukat* ***waqt*** *li jkun qed jiġi interrogat mill-pulizija. Kienet madanakollu tippermetti li s- suspettat jikkonsulta privatament ma' avukat, wiċċ imb'wiċċ jew bittelefon, għal żmien ta' siegħa, qabel ma jiġi interrogat.*

Fl-ahhar, il-Qorti Kostituzzjonali cahdet l-appell u kkonkludiet bis-segwenti:

*"24. Sal-lum l-unika ċertezza hi li s-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali tas-27 ta' Jannar 2021, li għadha sub judice, sabet lir-rikorrent ħati ndipendentement mill-istqarrija tiegħu. Għal din il-Qorti hu ċar kristall li s'issa m'hemm xejn x'jindika li rrikorrent ma kellux smigħ xieraq jew x'aktarx li mhux ser ikollu smigħ xieraq quddiem il-Qorti tal-Appell Kriminali, u għalhekk ma sofra l-ebda preġudizzju. Anzi l-ilment tiegħu serva biss sabiex ikomplu jitwalu l-proċeduri kriminali bla bżonn."*

Fis-sentenza ukoll ricenti hafna tal-Qorti Kriminali fl-ismijiet **Ir-Repubblika ta' Malta vs Matthew Farrugia**,[75] il-Qorti mexiet fuq l-istess pronunzjamenti ta' Spagnol u Dalli:

*52. B'hekk in linja ma' dak deċiż fil-kawżi Dalli u Spagnol imsemmija iżjed il-fuq, il-pożizzjoni ġurisprudenzjali l-iktar riċenti issa trid li:*

*a. fejn si tratta ta' stqarrijiet rilaxxati bejn l-10 ta' Frar 201025 u t-28 ta' Novembru 2016 u*
*b. fejn ikun ġie amministrat lis-suspettat id-dritt għall-assistenza legali qabel l-interrogazzjoni (iżda mhux ukoll waqt linterrogazzjoni, u irrispettivament jekk is-suspettat ikunx ukoll irrinunzja għal dak id-dritt li huwa kellu),*

[75] Deciza nhar is-27 ta' Lulju, 2023.

*ma jitqiesx li tapplika regola tal-esklużjoni awtomatika tal-istess stqarrijiet rilaxxjati mis-suspettat jew akkużat in bażi għal ksur awtomatiku tal-jedd tas-smigħ xieraq. Iżda biex wieħed ikun jista' jqis jekk u safejn ir-rilaxx ta' tali stqarrija jkunx jista' jkollha impatt fuq id-dritt ta' smigħ xieraq ta' dak li jkun, tkun trid issir evalwazzjoni tal-proċess penali fl-intier tiegħu skont il-kriterji mfassla f'Beuze u l-każijiet l-oħra msemmija.*

*53. Il-posizzjoni tal-Qorti Kostituzzjonali f'Dalli u fi Spagnol għalhekk iddipartiet b'mod ferm mill-prinċipji enunċjati f'BORG vs. Malta u każijiet analogi. Fl-assenza ta' xi regola jew liġi tad-dritt penali Malti li teskludi l-produċibilita' ta' din l-istqarrija bħala prova, din il-Qorti ma tistax issa tiddikjara (anke preventivament) tali prova inammissibbli.'*

**<u>Ikkunsidrat ulterjorment,</u>**

Din il-Qorti kif diversament ippreseduta fis-sentenza fl-ismijiet **<u>Ir-Repubblika ta' Malta vs Jonathan Roger Portelli</u>**[76] kienet iddikjarat bhala inammissibli u konsegwentament ordnat l-isfilz tal-istqarrijiet tal-akkuzat. Madankollu permezz ta' sentenza datata it-22 ta' Settembru, 2021, il-Qorti tal-Appell Kriminali (Sede Superjuri) hassret u rrevokat din il-parti tas-sentenza u fost affarijiet ohrajn qalet is-segwenti:

*'14. Illi l-pożizzjoni ta' dritt li tirregola it-teħid ta' stqarrijiet u dikjarazzjonijiet mis-suspettat taħt id-dritt penali nostran ra żviluppi sostanzjali fis-snin reċenti.* ***Illi fiż-żmien meta l-akkużat ġie arrestat u interrogat lura fis-sena 2013, huwa ma kellux il-jedd li jkollu l-avukat preżenti miegħu matul it-teħid tal-istqarrija u dan għaliex, kif ingħad, dan il-bdil għal Kodiċi Kriminali kien konsegwenza ta' trasposizzjoni fil-liġi tagħna ta' dak imfassal***

[76] Deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar it-23 ta' Settembru, 2020.

***fid-Direttiva 2013/48/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta' Ottubru 2013 dwar id-dritt tal-aċċess għal avukat fi proċeduri kriminali u fi proċeduri tal-mandat ta' arrest Ewropew, bdil allura li seħħ fiż-żmien wara li l-akkużat kien ġie interrogat. Illi fiż-żmien meta ġiet rilaxxata l-istqarrija mill-appellat kien hemm dritt, għalkemm wieħed iktar ristrett, tal-persuna suspettata biex tikkonferixxi mal-avukat tal-fiduċja tagħha fil-ħin preċedenti l-interrogatorju mill-pulizija.*** *Dan id-dritt ġie lilu konċess u l-appellat użufruwixxa minnu, biex b'hekk l-istqarrija sussegwentement rilaxxata, hija in konformita' mal-liġi viġenti f'dak iż-żmien.* ***Di fatti, l-leġislatur fl-artikolu l-ġdid maħluq bl-Att III tal-2002 ħaseb sabiex "il-persuna li tkun arrestata u qed tinżamm taħt il-kustodja tal-Pulizija f'xi Għassa jew f'xi post ieħor ta' detenzjoni awtorizzata għandha, jekk hija hekk titlob, titħalla kemm jista' jkun malajr tikkonsulta privatament ma' avukat u prokuratur legali, wiċċ imb'wiċċ jew bit-telefon, għal mhux aktar minn siegħa żmien. Kemm jista' jkun malajr qabel ma tibda tiġi interrogata, l-persuna taħt kustodja għandha titgħarraf mill-Pulizija bid-drittijiet li għandha taħt dan is-sub-artikolu." Għalhekk inħolqot sitwazzjoni ġdida għar-rigward tal-istqarrijiet li ġew rilaxxati mid-data li nġiebu fis-seħħ dawk l-emendi 'l quddiem, sitwazzjoni, kif ingħad, fejn ingħata il-jedd tal-parir legali qabel l-interrogatorju. Illum fid-dawl tal-iżviluppi legali u ġurisprudenzjali, madanakollu, ma jistax jiġi ritenut li dwar dawn l-istqarrijiet tapplika xi regola esklużjonarja ta' dritt penali proċedurali li tirrendi dawk l-istqarrijiet inammissibbli, għaliex dawn kienu konformi mal-liġi penali viġenti fiż-żmien relevanti.***

*...*

***17. Dan magħdud, madanakollu, il-Qorti hija wkoll tal-fehma illi f'dan l-istadju bikri tal-proċeduri fejn il-proċess penali għad***

*irid jinstema' mill-qorti kompetenti ma jistax jingħad jekk il-kriterji indikati fil-kaz Beuze ġewx segwiti. Ukoll għaliex la din il-Qorti u lanqas il-Qorti Kriminali qabilha ma għandhom funzjonijiet kostituzzjonali u allura ma għandhomx il-poter jistħarrġu f'dan l-istadju, jekk tkunx seħħet xi vjolazzjoni tad-drittijiet fondamentali tal-persuna akkużata jew jekk potenzjalment dan jistax iseħħ, iktar u iktar f'dik is-sitwazzjoni fejn l-assistenza legali tkun ġiet mogħtija skont il-kriterji previsti mill-Liġi viġenti fiż-żmien rilevanti, u b'mod partikolari meta l-ġudikabbli jkun għamel użu minn dak id-dritt billi jkun kiseb dik l-assistenza legali qabel ma jkun irrilaxxja xi stqarrijiet lill-investigaturi. Ma tistax il-Qorti ta' kompetenza penali tiddeċiedi a priori illi tiskarta prova li f'dan l-istadju għadna valur probatorju, bil-fatt waħdu illi fiż-żmien li l-persuna akkużata tkun ġiet interrogata ma kellhiex il-jedd ikollha l-avukat preżenti magħha waqt it-teħid tal-istqarrija. Dan għaliex skont l-imsemmija pronunzjamenti dan n-nuqqas ma jwassalx awtomatikament għal leżjoni tal-jedd tagħha għal smiegħ xieraq, meta l-Qorti Ewropea issa qed tidderieġi il-qrati domestiċi jindagaw jekk il-proċeduri fl-intier tagħhom kienux ġusti fil-konfront tal-akkużat, bit-test allura li jrid jiġi segwiet fuq iż-żewġ binarji surriferiti. Kif ukoll minħabba l-fatt li l-jedd tal-assistenza legali matul l-interrogatorju kienet estensjoni tad-definizzjoni tal-jedd tal-assistenza legali li ma kienetx teżisti fiż-żmien meta l-akkużat kien ġie miżmum u mitkellem mill-Pulizija u b'hekk dik l-estensjoni tal-jedd tal-assistenza legali ma kienetx għadha parti mid-definizzjoni tal-jedd tal-assistenza legali viġenti fil-Liġi Maltija u li ġiet offruta u użufruwita mill-akkużat f'dan il-każ. Din l-amplifikazzjoni tal-jedd tal-assistenza legali li allura ġiet tinkludi l-possibilita tal-assistenza legali anke matul ir-rilaxx ta' stqarrijiet mill-persuna indagata ġiet fis-seħħ wara li l-akkużat f'dan il-każ kien ġie interrogat. Ma kienx possibbli għalih li jingħata dak il-livell t'assistenza legali mhux għax il-Pulizija ċaħditu minnu,*

***iżda għaliex il-Liġi regolanti l-assistenza legali dak iż-żmien ma kienx tipprevediha. Din il-Qorti ma tistax tqis li dawn l-istqarrijiet huma inammissibbli bħala prova fi proċeduri kriminali minħabba l-fatt li fiż-żmien li fihom ingħataw il-jedd għall-assistenza legali viġenti ma kienx ukoll jinkludi l-assistenza legali matul l-interrogatorju – inklużjoni fl-estensjoni tad-dritt tal-assistenza legali li daħlet fis-seħħ snin wara. Din id-distinzjoni per se mhix raġuni skont il-Liġi penali Maltija li twassal għall-esklużjoni tal-istqarrijiet de quo milli jservu ta' prova fil-proċeduri penali.*** *Apparti minn hekk, kif diġa intqal, l-akkużat kien mogħti dak il-jedd tal-assistenza legali skont il-Liġi viġenti fiż-żmien rilevanti u hu aċċetta dan il-jedd u għamel użu minnu billi qabel ma rrilaxxja l-istqarrijiet tiegħu ħa lpariri legali li kellu jieħu.*

…

***21. Illi l-Qorti tistqarr illi hija konsapevoli tal-pronunzjamenti reċenti li ġew mogħtija mill-Qorti Kostituzzjonali fis-sentenzi tas-27 ta' Jannar 2021 fejn ingħatat direzzjoni lil Qorti Kriminali sabiex ma tqisx bħala prova stqarrijiet li jkunu ġew rilaxxati mingħajr id-dritt tal-assistenza legali billi jinsorġi l-periklu li jkun hemm difett proċedurali jekk jinstab illi dawn jilledu id-dritt tal-persuna akkużata għal smiegħ xieraq.[77] Hija konsapevoli wkoll ta' pronunzjamenti oħra, b'wieħed aktar recenti,[78] fejn il-Qorti Kostituzzjonali kienet tal-fehma kuntrarja,[79] u għalhekk din il-Qorti hija tal-fehma, meta tinsab mogħnija bil-provi kkumpilati u mingħajr ma tinoltra ruħha f'indaġini dwar il-mertu, li kull każ jimmerita indaġini għalih innfisu sabiex jiġi mistħarreġ jekk teżistix il-biża' li fil-proċess ġudizzarju il-persuna akkużata issofri nuqqas ta' smigħ xieraq***

[77] Clive Dimech vs Avukat Generali, The Police vs Alexander Hickey, Morgan Onuorah vs l-Avukat ta'l-Istat
[78] Micallef Briegel vs Avukat Ġenerali Kost. 30/06/2021
[79] Kost: Ir-Repubblika ta' Malta vs Martino Aiello – 27 ta' Marzu 2020

*bl-ammissjoni bħala prova ta' stqarrija li b'xi mod tista' tkun waħda mittiefsa minn xi difett mhux sanabbli anke meta wieħed jiehu in konsiderazzjoni "the overall fairness of the proceedings". Illi l-Qorti Kostituzzjonali stess fil-pronunzjamenti kollha minnha magħmula stqarret ċar u tond illi kien prematur f'dan l-istadju tal-proċeduri tiddikjara illi kienet seħħet leżjoni billi l-proċess ġudizzjarju fl-intier tiegħu kien għadu ma ġiex konkluż, għalkemm f'uħud mill-kazijiet tat direzzjoni lil Qorti Kriminali sabiex tisfilza il-prova ta'l-istqarrija, izda dan sar aktar bhala forma ta' rimedju prekawzjonarju minhabba xi leżjoni potenzjali, u mhux għax fil-fatt kienet seħħet dik il-leżjoni lamentata. <u>Illi din il-Qorti fil-kompetenza tagħha ta' natura penali, madanakollu, ma tistax tagħti din id-direzzjoni lil Qorti Kriminali u dan għaliex kif ingħad l-imsemmija prova mhijiex nieqsa mill-valur probatorju tagħha ġaladarba ma hemm ebda regola ta' dritt penali li qed teskludi l-ammissjoni ta'l-istess u ġaladarba ukoll il-proċess ġudizzjarju fl-intier tiegħu għadu ma seħħx biex b'hekk lanqas jista' jiġi stabbilit f'dan listadju bikri jekk kienx hemm xi vjolazzjoni tal-persuna akkużata tad-drittijiet kostituzzjonali tagħha, jew jekk potenzjalment dan jistax iseħħ. Dan ifisser għalhekk illi f'dan l-istadju tal-proċeduri ebda prova oħra marbuta ma' din l-istqarrija ma għandha tiġi estromessa mill-att. '[80]</u>*

Din il-Qorti hija konxja minn dawn is-sentenzi, madankollu bl-ikbar rispett **<u>tghid li ma taqbilx maghhom</u>**. Fil-kaz odjern, kif diga gie ritenut, l-appellat Trevor Borg irrilaxxa stqarrija, fejn inghata l-'*caution*' skond il-ligi ta' dak iz-zmien. L-istqarrija ttiehdet fis-sena 2014 u ghalhekk l-appellat filwaqt li kellu dritt li jikkonsulta ma avukat qabel l-interrogazzjoni ghal hin ta' siegha, hu ma kellux dritt li jkun assistit minn avukat matul l-interrogatorju. **Illi ghalkemm huwa minnu illi l-akkuzat**

[80] Sentenza ohra il-Qorti tal-Appell (Sede Superjuri) fl-istess gurnata u cioe' nhar it-22 ta' Settembru, 2011 iddecidiet bl-istess mod kienet dik ta' **<u>The Republic of Malta vs Christopher Doll</u>**.

**irrinunzja li jikkonsulta m'avukat jew prokuratur legali qabel l-interrogazzjoni, dan ma jfissirx awtomatikament li dan kien ser jirrinunzja wkoll li jkun assistit legalment matul l-interrogazzjoni. Ghalhekk jibqa' l-fatt illi seta' kien hemm pregudizzju kontra l-akkuzat.**

Din il-Qorti tqis li sal-gurnata tal-lum ma jistax jinghad li l-kwistjoni dwar jekk stqarrija ghandhiex tibqa' in atti nonostante l-fatt li ttiehdet fiz-zmien fejn il-ligi ma kinitx tiprovdi ghad-dritt li suspettat ikun assistit minn Avukat matul l-interrogazzjoni hija kristalizzata u d-decizjoni tal-ewwel Qorti fil-kaz odjern hija wkoll ezempju ta' dan. Issostni illi hija mgharrfa mis-sentenzi ricenti li qed jigu deciza minn Qrati ohrajn, b'enfasi fuq l-*overall fairness test* u s-sentenza ta' ***Beuze vs** Belgium* madankollu hija **b'rispett kbir ma taqbilx maghhom** u fil-paragrafu sussegwenti ser taghti xi ragunijiet ghal dan.

Id-dritt ghall-assistenza t' Avukat jew prokuratur legali fi *pre trail stage* ma jiddependi bl-ebda mod jew forma, fuq l-istat ta' vulnerabbilta' tal-akkuzat. Kull akkuzat, vulnerabbli jew le, **ghandu** dritt ghall-assistenza legali u dan sabiex jinghata parir dwar l-istrategija tad-difiza li ghandha tigi segwita. Il-fatt li akkuzat ma giex ippressat mill-pulizija ma jillimitax id-dritt tieghu ghall-assistenza legali. L-assistenza legali hija indispensabbli mhux biss biex tiggieled il-pressjoni mill-pulizija jew kwalunkwe evidenza ohra miksuba bi ksur tal-Konvenzjoni, izda **biex tiddefinixxi strategija ghad-difiza u tadattaha ghal kull incident matul il-procedimenti kollha**. Il-Pulizija hija mistennija li tagixxi skont il-ligi, irrispettivament jekk l-akkuzat ikunx assistit minn avukat jew prokuratur legali *o meno*. L-imgieba legittima tal-pulizija mhijiex argument ta' valur li fuqu jigi ristrett l-ezercizzju ta' dritt tal-Konvenzjoni mid-difiza. Dan l-argument jirrifletti kuncett restrittiv hafna tar-rwol tal-avukat fil-procedura kriminali. Oltre minn hekk, id-dritt li wiehed jibqa' sieket mhux *interchangeable* mad-dritt tal-assistenza legali. **Id-dritt ghall-assistenza legali huwa strumentali fil-protezzjoni effetiva tad-dritt li wiehed jibqa' sieket u kontra s-*self-incrimination***. Il-fatt li akkuzat jigi mgharraf bid-dritt tieghu li jibqa' sieket u l-fatt li ma saritx pressjoni mill-pulizija fuq l-istess akkuzat, m' ghandhom xejn x'jaqsmu mad-dritt procedurali tieghu li jkun assisstit minn Avukat

Ghaldaqstant, in vista tas-suespost din il-Qorti mhux tilqa' l-ewwel aggravju tal-Avukat Generali.

**<u>It-tieni aggravju</u>** tal-Avukat Generali jirrigwardja l-inammissibbilta' tal-istqarrija guramentata u x-xhieda ta' Brian Godfrey Bartolo. Din il-Qorti sejra issa tghaddi sabiex taghmel referenza ghall-ligijiet relevanti ghal kaz odjern fir-rigward ta'dan l-aggravju specifiku. Artikolu 30A tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta jghid hekk:

> *'Minkejja d-dispożizzjonijiet tal-artikolu 661 tal-Kodiċi Kriminali, meta persuna tkun involuta f'xi reat kontra din l-Ordinanza,* ***kull dikjarazzjoni magħmula minn dik il-persuna u li tiġi konfermata bil-ġurament quddiem maġistrat, u kull xiehda mogħtija minn dik il-persuna quddiem xi qorti tista' tinġieb bi prova kontra kull persuna oħra akkużata b'reat kontra l-imsemmija Ordinanza, kemm-il darba jinsab li dik id-dikjarazzjoni jew xiehda tkun saret jew ingħatat volontarjament, u ma ġietx imgiegħla jew meħuda b'theddid jew b'biża, jew b'wegħdiet jew bi twebbil ta'vantaġġi'***

F'dan l-Artikolu ssir referenza ghall-**Artikolu 661** tal-Kodici Kriminali li jipprovdi s-segwenti:

> ***'Konfessjoni ma tagħmilx prova ħlief kontra min jagħmilha, u mhix ta' preġudizzju għal ebda persuna oħra'***

Il-Qorti, taghmel referenza ghas-sentenza 'I**<u>r-Repubblika ta' Malta vs Mohamed Abdulla Gilani Gharsalla'</u>**[81] deciza mill-Qorti Kriminali fejn gie ritenut hekk dwar l-Artikoli sucitati:

> *'Illi d-dispozizzjoni tal-artikolu 30A li tinsab f'ligi specjali ghalhekk ovvjament tidderoga ghall-ligi generali bhal ma hu l-Kodici Kriminali (Kap.9) u fil-waqt li normalment japplika l-principju generali enuncjat fl-art. 661 fuq citat , il-legislatur ried li, f'kazijiet ta' prosekuzzjoni*

[81] Deciza nhar il-25 ta' Novembru, 2002.

*kontra l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi (Kap.101.), fejn wiehed jifhem id-diffikoltajiet li jkollha l-Prosekuzzjoni fit-tmexxija ta' kazijiet ta' droga w fejn persuna nvoluta tista' f'certu waqt tkun propensa li taghmel certi dikjarazzjonijiet li jinvolvu terzi w wara tigi assoggettata ghal pressjoni biex tibdel jew tirrinega l-versjoni taghha mit-terzi nvoluti, li tali dikjarazzjoni jew depozizzjoni kontra kull persuna ohra akkuzata b'reat taht l-istess Ordinanza tkun ammissibbli w tista' tingieb bi prova.*

*L-istess ligi specjali pero' taghmel rekwizit importanti biex dan ikun jista' jsir u cioe' li dan ikun possibbli "kemm il-darba jinsab li dik id-dikjarazzjoni jew xiehda tkun saret jew inghatat volontarjament u ma gietx imgieghla jew mehuda b'theddid jew biza' jew b'weghdiet jew bi twebbil ta' vantagg."*

*Issa il-kwistjoni kollha fil-fehma ta' din il-Qorti hija mpernjata fuq din il-kelma "jinsab". Hawn mhux kaz ta' xi suspett jew kongettura jew dubju jew indikazzjoni "prima facie" li x-xiehda ma tkunx inghatat volontarjament, imma si tratta ta' decizjoni mehuda minn min irid jiddeciedi dwar il-kwistjonijiet ta' fatt li fil-fatt dik id-dikjarazzjoni jew xiehda ma tkunx inghatat volontarjament. Dan ifisser li mhux bizzejjed li min jaghmel tali dikjarazzjoni jiddikjara f' xi testimonjanza sussegwenti li hu ma kienx ghamilha volontarjament jew li kien mhedded jew imbezza' meta ghamilha , imma jinhtieg li jkun hemm decizjoni dwar dan. Mhux bizzejjed li jkun hemm xi indikazzjoni "prima facie" li ma saritx volontarjament kif qed targumenta d-difiza*

Fis-sentenza fl-ismijiet **<u>Il-Pulizija vs. Jeffrey Zammit</u>**[82] gie stabbilit is-segwenti:

*'Illi fit-termini tad-disposizzjonijiet tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta u cioe' fil-kawzi dwar id-drogi, l-legislatur holoq ghodda gdida*

---
[82] Deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar is-26 ta' Ottubru 2017.

*f'idejn l-investigatur sabiex ikun jista' jikseb prova li altrimenti hija inammissibbli fil-konfront tal-ko-akkuzat. Illi l-artikolu 30 tal-Kapitolu 101 jipprovdi espressament illi: "Minkejja d--disposizzjonijiet tal-artikolu 639(3) tal-Kodiċi Kriminali meta persuna tkun xtrat jew xort'oħra kisbet jew akkwistat mediċina bi ksur tad-disposizzjonijiet ta' din l-Ordinanza, ix-xiehda ta' dik il-persuna fi proċedimenti kontra l-persuna li mingħandha tkun xtrat, kisbet jew akkwistat il-mediċina, m'għandhiex għalfejn tkun korroborata b'ċirkostanzi oħra." Isegwi imbaghad l-artikolu 30A li jiddisponi illi:*

*"Minkejja d-disposizzjonijiet tal-artikolu 661 tal-Kodiċi Kriminali, meta persuna tkun involuta f'xi reat kontra din l-Ordinanza, kull dikjarazzjoni magħmula minn dik il-persuna u li tiġi konfermata bil-ġurament quddiem maġistrat, u kull xiehda mogħtija minn dik il-persuna quddiem xi qorti tista' tinġieb bi prova kontra kull persuna oħra akkużata b'reat kontra l-imsemmija Ordinanza, kemm-il darba jinsab li dik id-dikjarazzjoni jew xiehda tkun saret jew ingħatat volontarjament, u ma ġietx imgiegħla jew meħuda b'theddid jew b'biża, jew b'wegħdiet jew bi twebbil ta' vantaġġi."*

***Mela allura l-ligi tad-droga tistabilixxi ir-regola illi x-xhieda ta' persuna li tkun xtrat id-droga minn ghand persuna ohra wahedha hija sufficjenti u m'ghandhiex ghalfejn tkun korroborata minn cirkostanzi ohra ta' fatt. Inoltre jekk persuna tkun offriet stqarrija ikkonfermata bil-gurament quddiem magistrat, din ghalkemm moghtija qabel ma ikun inbeda il-process penali fil-konfront tal-persuna akkuzata (fl-hekk imsejjah pre-trial stage), hija prova valida. Il-gurisprudenza, izda ziedet ma din ir-regola l-htiega illi il-persuna li tkun offriet tali stqarrija guramentata tingieb il-Qorti sabiex tixhed u dan sabiex id-difiza ikollha kontroll fuq dik il-prova mahluqa bil-ligi.'***

Illi kif diga gie ritenut, l-Artikolu 661 tal-Kodici Kriminali jipprovdi li konfessjoni ma taghmilx prova hlief kontra min jaghmilha u ghalhekk m'ghandiex tkun ta' pregudizzju ghal ebda persuna ohra. Infatti**, persuna li tkun akkuzata, kemm bhala komplici kif ukoll bhala ko-awtur, bl-istess reat migjub kontra akkuzat iehor ma tistax tingieb bhala xhud favur jew kontra dak l-akkuzat sakemm il-kaz taghha ma jkunx gie definittivament deciz**.[83] Madankollu, peress illi l-proceduri odjerni jirrigwardjaw allegat ksur tal-Ordinanza, japplikaw id-dispozizzjonijiet tal-Artikolu 30A tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta. Din hija dispozizzjoni partikolari u specifika li tidderoga mir-regola generali kontenuta fl-Artikolu 661 tal-Kodici Kriminali in kwantu tirrendi bhala ammissibbli fil-Ligi stqarrija ta' ko-akkuzat fil-konfront ta' ko-akkużat iehor. Biss din trid tinqara bis-salvagwardji kollha kostituzzjonali u cioe' fl-ewwel lok id-dritt ghas-silenzju tax-xhud li ghadu qed jiffaccja proceduri penali kontra tieghu u wkoll illi dak li jinghad mix-xhud f'tali stqarrija guramentata ghandu dejjem ikun assoggettat ghal kontroll tad-difiza u jekk id-difiza ma tkunx ezercitat dan id-dritt taghha allura l-Qorti tkun prekluza milli tistrieh fuq tali prova.[84]

Issa din il-Qorti sejra tghaddi sabiex ticcita l-Artikolu 646 tal-Kodici Kriminali fit-totalita' tieghu:

> ***646. (1) Bla ħsara tad-dispożizzjonijiet li ġejjin ta' dan l-artikolu, ix-xhieda għandhom dejjem jiġu eżaminati fil-Qorti u viva voce.***
>
> ***(2) Ix-xiehda tax-xhieda, sew kontra kemm favur l-imputat jew akkużat, kemm-il darba tkun ittieħdet bil-ġurament matul il-kompilazzjoni, skont il-liġi, tista' tinġieb bħala prova:***
>
> ***Basta li x-xhud jinġieb ukoll fil-Qorti biex jiġi eżaminat viva voce kif provdut fis-subartikolu (1) ħlief jekk, meta jitqiesu ċ-ċirkostanzi tal-każ, huwa evidenti lill-Qorti li xhieda viva voce***

[83] Ara wkoll **Ir-Repubblika ta' Malta vs. Domenic Zammit, Martin Zammit, Joseph Fenech, Lawrence Azzopardi u Gino Calleja**, deciza nhar il-31 ta' Lulju, 1998.
[84] Ara **Il-Pulizija vs Publius Micallef et** deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar it-28 ta' Frar, 2018.

***tista' tikkawża ħsara psikoloġika lix-xhud u jekk ix-xhud ikun mejjet, ikun barra minn Malta jew ma jkunx jista' jinsab u bla ħsara għad-dispożizzjonijiet tas-subartikolu** (8):*

*Iżda wkoll meta x-xhud ikun minuri taħt is-sittax-il sena u tinġieb bi prova reġistrazzjoni bl-awdjo u bil-video tax-xiehda talminuri, il-minuri ma għandux jinġieb biex jiġi eżaminat viva voce.*

*(3) Id-dikjarazzjonijiet jistgħu jinġiebu bħala prova, kemm-il darba jsiru minn xi ħadd li jkun qiegħed imut u jkun jaf li hu wasal għall-mewt, minbarra meta d-dikjarant ikun sejjer imut taħt sentenza mogħtija b'liġi.*

*(4) Il-proċessi verbali jistgħu jinġiebu bħala prova bħal ma jingħad fl-artikolu 550.*

*(5) Ix-xiehda ta' kappillan jew ta' saċerdot ieħor li jagħmel floku jew ta' kull xħud ieħor li jkun ġie mismugħ matul ilkompilazzjoni, dwar l-awtentiċità tal-atti jew tar-reġistri parrokkjali magħmulin jew miżmumin minn l-istess kappillan jew saċerdot u li għandhom x'jaqsmu ma' twelid, żwieġ jew mewt, jew dwar l-awtentiċità ta' kopji ta' dawn l-atti jew reġistri, jew ta' estratti minnhom, inkella dwar il-fatt li l-akkużat huwa l-persuna msemmija f'dawk l-atti, reġistri, kopji jew estratti, jistgħu wkoll jinġiebu bħala prova.*

*(6) Ix-xiehda tan-nutari ta' Malta jew ta' xhieda oħra mismugħin matul il-kompilazzjoni dwar l-awtentiċità tal-atti jew tar-reġistri magħmulin jew miżmumin mill-istess nutari, jew dwar l-awtentiċità ta' kopji ta' dawn l-atti jew reġistri jew estratti minnhom, inkella dwar il-fatt li l-akkużat huwa l-persuna msemmija f'dawk l-atti, reġistri, kopji jew estratti, jistgħu wkoll jinġiebu bħala prova.*

*(7) Minkejja d-dispożizzjonijiet ta' dan il-Kodiċi jew ta' kull liġi oħra, ċertifikat li jkun jidher li ġie maħruġ minn tabib reġistrat jew kirurgu*

*dentali reġistrat dwar l-eżami tiegħu ta' xi persuna, sew jekk ħajja jew mejta, jew dwar xi offiża fuq il-persuna li xi ħadd isofri jew dwar xi marda fiżika jew tal-moħħ li xi ħadd ikollu, jista' jinġieb bħala prova u, sakemm ma jiġix ippruvat il-kuntrarju, għandu jkun prova tal-kontenut tiegħu, basta li ċ-ċertifikat ikollu ttimbru li jinqara ċar tat-tabib jew kirurgu dentali li joħroġ dak iċċertifikat li jkun juri ismu, il-kwalifiki professjonali tiegħu, lispeċjalizzazzjoni tiegħu u l-indirizz tiegħu u basta dak iċ-ċertifikat ikun konfermat b'affidavit mit-tabib jew mill-kirurgu dentali, skont il-każ: iżda wkoll, il-parti l-waħda u l-oħra jistgħu jġibu lillimsemmi tabib jew lill-imsemmi kirurgu dentali, skont il-każ, biex jiġi eżaminat fil-qorti u viva voce, u l-qorti tista' wkoll ex officio tordna dak l-eżami.*

*(8) Ix-xiehda ta' tabib reġistrat jew kirurgu dentali reġistrat annessa ma' proċess verbal, jew ta' tabib jew kirurgu dentali bħal dak li jkun ġie mismugħ matul il-kompilazzjoni dwar l-eżami tiegħu ta' xi persuna, sew jekk ħajja sew jekk mejta, jew dwar xi offiża fuq il-persuna li xi ħadd isofri jew dwar xi marda fiżika jew tal-moħħ li xi ħadd ikollu, tista' tinġieb bħala prova mingħajr ilħtieġa li l-imsemmi tabib jew kirurgu dentali jinġieb fil-qorti kif provdut fil-proviso tas-subartikolu (2): iżda, ħlief jekk ix-xhud ikun mejjet, ikun barra minn Malta jew ma jkunx jista' jinstab, ilparti l-waħda u l-oħra jistgħu jitolbu, jew il-qorti tista' ex officio tordna, li dak ix-xhud jerġa' jiġi eżaminat fil-qorti u viva voce.*

*(9) Il-validità tal-atti hawn fuq imsemmija u l-ammissibbiltà tagħhom ma jistgħux jiġu attakkati minħabba li ma jkunx jidher mill-atti nfishom li ġew magħmula jew irċevuti bil-ġurament jew b'xi solennità oħra meħtieġa mil-liġi, jekk it-teħid ta' dan ilġurament jew it-tħaris ta' din is-solennità jiġi ippruvat b'xi mod ieħor.*

***(10) L-Avukat Ġenerali, kif ukoll l-akkużat, jista' jitlob li jiġi deċiż mill-qorti, qabel ma jibda s-smigħ tal-kawża, jekk ix-xiehda ta' xi xhud għandhiex tiġi ammessa, kif jingħad fis-subartikolu (2).***

***(11) Meta jingħad li xi xhud miet, siefer jew ma jkunx jista' jinstab, il-qorti tista' tqis l-allegazzjoni ppruvata bir-rapport maħluf tal-marixxall jew uffiċjal esekutur ieħor illi bih iwettaq li huwa sar jaf żgur li dak ix-xhud hu mejjet jew imsiefer, jew li huwa għamel it-tfittxija li tinħtieġ u ma rnexxilux isibu.***

Din il-Qorti enfasizzat dawk is-sub-incizi li jidrilha li huma l-iktar rilevanti ghal kaz odjern u sejra issa tghaddi sabiex taghmel referenza ghall-gurisprudenza fejn saret referenza ghal dan l-artikolu, kif ukoll dak ta' qablu.

Fis-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali (Sede Inferjuri) fl-ismijiet **Ir-Repubbklika ta' Malta vs Fabian Catania**,[85] fejn saret referenza wkoll ghal sentenza **Il-Pulizija vs Pierre Gravina**,[86] il-Qorti qalet hekk:

***'46. Bħala regola min ikun għamel tali stqarrija ġuramentata għandu jinġieb il-Qorti u dan għall-fini ta' kontroll da parte tal-akkużat jew imputat. Hekk biss tkun tista' tiġi meqjusa ammissibbli x-xhieda tagħha li tkun ingħatat quddiem il-Maġistrat Inkwirenti meta tkun hekk ikkonfermat il-kontenut tal-istqarrija/stqarrijiet li tkun irrilaxxjat mal-Pulizija. F'dan ir-rigward din il-Qorti tagħmel referenza għas-sentenza*** *mogħtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar is-26 ta' Mejju 2003* ***Il-Pulizija vs. Pierre Gravina*** *fejn intqal is-segwenti:*

***L-ewwel sentenza tal-Artikolu 30A tal-Kap. 101 taghmilha cara li dak l-Artikolu qed jipprovdi ukoll eccezzjoni, pero` mhux eccezzjoni ghar-regola kontenuta fl-Artikolu 646(1) tal-Kodici Kriminali izda ghar-regola kontenuta fl-Artikolu 661 ta' l-istess Kodici. Minn dan isegwi, li anke meta l-prosekuzzjoni tkun trid taghmel uzu minn dikjarazzjoni guramentata mehuda skond l-***

[85] Deciza nhar id-19 ta' Mejju, 2022.
[86] Deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar is-26 ta' Mejju, 2003.

***imsemmi Artikolu 30A, ir-regola ghandha tkun li min ikun ghamel dik l-istqarrija ghandu jingieb fil-Qorti biex l-imputat jew akkuzat ikun jista' jikkontro ezaminah dawrha.*** *S'intendi, dan ma jfissirx li jekk ix-xhud, meta jigi ezaminat jew kontro-ezaminat, ibiddel jew jirritratta minn dak li jkun qal fid-dikjarazzjoni guramentata, allura dik id-dikjarazzjoni (jew il-parti mibdula jew ritrattata) ma tkunx aktar tista' tittiehed bhala prova kontra lakkuzat; il-gudikant jista' xorta wahda, wara li jkun sema' lix-xhud, jasal ghall-konkluzzjoni li il-verita` hija dik kontenuta fl-istqarrija guramenetata u mhux dak li jkun iddepona fil-qorti x-xhud. Ifisser biss li, bhala regola,* ***min ikun ghamel tali stqarrija guramentata ghandu jingieb il-qorti ghall-fini ta' kontroll da parti tal-akkuzat jew imputat****. F'dan is-sens ukoll esprimiet ruhha l-Qorti Ewropea fil-kawza* ***Kostovski v. Netherlands*** *(20 ta' Novembru, 1989) meta qalet li d-dritt ta' akkuzat li jikkonfronta xhud migjub kontra tieghu* ***does not mean, however, that in order to be used as evidence statements of witnesses should always be made at a public hearing in court: to use as evidence such statements obtained at the pre-trial stage is not in itself inconsistent with paragraphs (3)(d) and (1) of Article 6, provided the rights of the defence have been respected. As a rule, these rights require that an accused should be given an adequate and proper opportunity to challenge and question a witness against him, either at the time the witness was making his statement or at some later stage in the proceedings.***[87] (enfasi ta' din il-Qorti)

Madankollu, fis-sentenza fl-ismijiet **Ir-Repubblika ta' Malta vs Matthew-John Migneco** gie ritenut hekk:[88]

*"S'intendi, dana l-Artikolu 30A tal-Kap. 101 irid dejjem jinqara fid-dawl tad-disposizzjonijiet ġenerali tal-Kodiċi Kriminali (eċċetwat l-*

[87] Ara wkoll **il-Pulizija vs Rita Camilleri** deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali (Sede Inferjuri) nhar it-28 ta' Settembru, 2017.
[88] Deciza mill-Qorti Kriminali nhar it-8 t' April, 2010.

*Artikolu 661 tal-istess Kodici, li għalih l-Artikolu 30A jagħmel deroga espressa). Issa, l-Artikolu 549(4) (u ma jistax ikun hemm dubju li l-intervent ta' Maġistrat taħt is-subartikoli (12) u (13) tal-Art. 24A tal-Kap. 101 hija forma ta' inkjesta dwar l-in genere b'modalitajiet kemm xejn differenti meħtieġa għall-finijiet tal-istess Kap. 101) u 646(2) tal-Kap. 9 huma ċari fil-portata tagħhom: id-deposizzjoni regolarment mogħtija fl-inkjesta dwar l-in genere … tista' tingieb bhala prova, u mhux sempliċiment għall-finijiet ta' kontroll, basta, pero`, li x-xhud jinġieb ukoll fil-qorti biex jiġi eżaminat viva voce … ħlief jekk ix-xhud ikun mejjet, ikun barra minn Malta jew ma jkunx jista' jinstab… (ara l-proviso tas-subartikolu (2) tal-imsemmi Artikolu 646)."*

Fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Publius Micallef et**[89] il-Qorti tenniet illi l-Ewwel Qorti kienet prekluza milli tiehu konjizzjoni ta' zewg stqarrijiet guramentati, ta' zewg individwi differenti u dan ghaliex l-prosekuzzjoni qatt ma gabet lil dawn l-individwi sabiex jixhdu. Dan x'aktarx ghaliex filwaqt li wiehed minn dawn l-individwi kien ghad kellu proceduri ghaddejin fil-konfront tieghu, l-iehor lahaq miet fil-mori tal-proceduri. **Ghalhekk, id-difiza spiccat ma setax ikollha kontroll fuq dak mistqarr minn dawn it-tnejn minn nies fix-xhieda guramentata taghhom quddiem l-Inkwirenti. Dan kien ifisser ghall-Ewwel Qorti illi kellha tiskarta dak mistqarr minn dawn it-tnejn minn nies billi kien ikun perikoluz ferm li tistrieh fuq ix-xhieda ta' komplici fejn id-difiza qatt ma nghatat l-opportunita tikkontrolla dak mistqarr minnhom.**

Il-Qorti Kriminali, fis-sentenza fl-ismijiet **Ir-Repubblika ta' Malta vs Charles Paul Muscat**[90] gew stipulati erba' (4) kriterji importanti w ghamlet referenza wkoll ghas-sentenzi tal-QEDB fl-ismijiet **Luca v. Italy**[91] u **Saidi v. France**[92] fejn gie ritenut is-segwenti:

---

[89] Deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar it-28 ta' Frar, 2018.
[90] Deciza nhar is-6 ta' Lulju, 2016.
[91] App nru. 33354/96, deciza nhar is-27 ta' Mejju, 2001.
[92] App nru. 14647/89, deciza nhar l-20 ta' Settembru, 1993.

*'Dan ghaliex kif gie deciz fil-kaz **<u>Luca v Italy</u>** [(2003) 36 EHRR 46], inghad mill-Qorti Ewropeja dwar id-Drittijiet tal-Bniedem:-*

***"As the court has stated on a number of occasions . . . it may prove necessary in certain circumstances to refer to depositions made during the investigative stage (in particular where the witness refuses to repeat his deposition in public owing to fears for his safety, a not infrequent occurrence in trials concerning Mafia-type organisations). If the defendant has been given an adequate and proper opportunity to challenge the depositions, either when made or at a later stage, their admission in evidence will not in itself contravene Article 6.1 and 3(d). <u>The corollary of that, however, is that where the conviction is both solely or to a deacisive degree based on depositions that had been made by a person whom the accused has had no opportunity to examine or to have examined, whether during the investigation or at the trial, the rights of the defence are restricted to an extent that is incompatible with the guarantees provided by Article 6."</u>***

*Dan ifisser allura illi hemm **<u>erba kriterji</u>** li iridu jigu ikkunsidrati:*

1. ***<u>Illi x-xhieda bhala regola trid tinghata viva voce fil-qorti fejn l-akkuzat ikollu kull opportunita li jikkontrolla dak li ighid ix-xhud.</u>***

2. ***<u>il-fatt illi x-xhieda ma jixhdux madanakollu ma ghandux iwassal ghall-inammissibilita ta'l-istqarrija minnhom rilaxxjata fl-istadju tal-investigazzjonijiet jew fil-pre-trial stage u dan ghaliex irid jittiehed in konsiderazzjoni l-fatturi kollha tal-kaz, bhal per ezempju fil-kaz meta xhud ma jistax jingieb jixhed ghax ikun miet.</u>***

3. ***<u>L-affidabbilita ta' dik l-istqarrija u tax-xhud li ikun irrilaxxjaha.</u>***

4. ***Finalment jekk dik ix-xhieda guramentata wahedha hijiex l-unika prova inkriminati u decisiva fil-konfront tal-persuna akkuzata.***

*Illi fil-kawza **Saidi v France** (1993 - 17 EHRR 251) inghad: - "The Court reiterates that the taking of evidence is governed primarily by the rules of domestic law, and that it is in principle for the national courts to assess the evidence before them. The court's task under the Convention is to ascertain whether the proceedings in their entirety, including the way in which evidence was taken, were fair. All the evidence must normally be produced in the presence of the accused at a public hearing, with a view to adversarial argument. **However, the use as evidence of statements obtained at the stage of the police enquiry and judicial investigation is not in itself inconsistent with Article 6(3)(d) and (1) provided that the right to the defence had been respected."*** (enfasi ta' din il-Qorti)

Ghalhekk, minn dak ritenut *supra*, din il-Qorti tenfasizza illi hija ma tkunx tista' tiddikjara stqarrijiet inammissibli sempliciment ghaliex l-istess persuni li rrilaxxaw l-istqarrijiet ma jkunux xehedu *viva voce*. Madankollu, irid jigi zgurat illi d-dritt tas-smiegh xieraq ma jigix mittifes bl-ebda mod u ghalhekk il-kriterji ndikati fis-sentenza ta' **Muscat**, ghandhom jigu wzati sabiex dan jigi accertat.

F'dan il-punt il-Qorti sejra tghaddi sabiex tirreferi ghas-sentenza fl-ismijiet **Ir-Repubblika ta' Malta vs Malcolm Joseph Falzon**[93] fejn il-Qorti ccitat certi principji legali li johrogu mill-gurisprudenza sucitata:

*i)* *Bħala regola fi proċeduri kriminali mibdija taħt il-Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta, huwa possibbli li ko-akkużat, ko-awtur jew kompliċi jagħmel konfessjoni bil-ġurament quddiem Maġistrat Inkwirenti;*

---

[93] Deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar id-19 ta' Mejju, 2022.

ii) *Din id-dikjarazzjoni ġuramentata tista' sservi ta' prova fi proċeduri kriminali in kwantu tali xhieda hija ammissibbli u valida dment li tkun magħmula skont id-dettami tal-Artikolu 30A tal-imsemmi Kapitolu;*

iii) *L-istess dikjarazzjoni ġuramentata tista' anke tkun ta' preġudizzju għal ko-akkużat, ko-awtur jew kompliċi ieħor peress li l-Artikolu 30A tal-Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta huwa eċċezzjoni biss għar-regola msemmija fl-artikolu 661 tal-Kodiċi Kriminali;*

iv) *Dik ix-xhieda hija ammissibbli allavolja meta ssir id-dikjarant ikun għadu meqjus bħala ko-akkużat, ko-awtur jew kompliċi fil-proċeduri kriminali kontra tiegħu li jkunu għadhom subjudice;*

v) ***<u>Id-dikjarant irid pero imbagħad jixhed fil-proċeduri kriminali li jkunu inbdew kontra l-persuna jew persuni involuti f'xi reat kontra d-disposizzjonijiet tal-Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta;</u>***

vi) *Dan id-dikjarant jista' jagħżel li ma jixhedx matul il-kors tal-kumpilazzjoni tal-provi quddiem il-Qorti tal-Maġistrati bħala Qorti Istruttorja dment li l-proċeduri li jkunu ttieħdu fil-konfront tiegħu jkunu għadhom pendenti kontra tiegħu u dan sabiex ma jinkriminax ruħu;*

vii) *Iżda meta l-proċeduri kontra tiegħu jkunu ġew konklużi b'mod finali u konklussiv, bħala regola, id-dikjarant ikun irid jinġieb biex jixhed fil-proċeduri kontra l-ko-akkużat, ko-awtur jew kompliċi billi jinstemgħa viva voce fil-proċeduri kriminali;*

viii) ***<u>Dawn il-proċeduri kriminali jistgħu jkunu dawk istruttorji jew dawk ta' ġurisdizzjoni. Fejn ma jkunx possibbli għad-dikjarant li jixhed quddiem il-Qorti Istruttorja sabiex ma jinkriminax ruħu, huwa jkun irid pero jinġieb jixhed quddiem il-Qorti li jkollha ġurisdizzjoni tiddeċiedi l-każ;</u>***

ix) *Iżda fejn għal xi raġuni, fl-istadju tal-proċeduri quddiem il-Qorti ta' ġurisdizzjoni ma jkunx possibbli li d-dikjarant jinġieb iex jixhed viva voce minħabba li jkun evidenti lil Qorti li dik ix-xhieda viva voce tista' tikkawża ħsara psikoloġika lix-xhud jew jekk ix-xhud ikun mejjet, jew ikun barra minn Malta jew ma jkunx jista' jinsab, ix-xiehda kemm favur kif ukoll kontra l-akkużat meħuda fl-istadju istruttorju tista' tinġieb bi prova u dan peress li anke f'dan il-kuntest ġie deċiż li japplikaw dawk iċ-ċirkostanzi li jissemmew fis-subartikolu (2) tal-artikolu 646 tal-Kodiċi Kriminali;*

x) ***<u>Fil-frattemp pero, sakemm ikun għadu ma xehedx fil-proċeduri penali kontra t-terzi – kemm fl-istadju istruttorju daqskemm f'dawk ta' ġurisdizzjoni - ma jfissirx li d-dikjarazzjoni bil-ġurament tiegħu mogħtija quddiem il-Maġistrat Inkwirenti ai termini tal-Artikolu 30A tal-Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta tkun inammissibbli bħala prova jew li fuqha ma tistax tistrieħ teżi akkużatorja;</u>***

xi) *fejn l-unika xiehda hija tal-kompliċi, hu applikabbli l-artikolu 639(3) tal-Kodiċi Kriminali fis-sens li l-Qorti għandha tagħti direttiva lill-ġurati biex jiżhnu b'kawtela x-xiehda li dak ix-xhud jagħti qabel ma jserrħu fuqha u jaslu biex isibu ħati lill-akkużat;*

xii) *jekk ma jkunux ġew terminati definittivament il-proċeduri kontra d-dikjarant, hu applikabbli a contrario sensu l-artikolu 636 tal-Kodiċi Kriminali.'*

L-<u>Artikolu 636(b) tal-Kodici Kriminali</u> jipprovdi s-segwenti:

*636. Ebda eċċezzjoni dwar il-kompetenza ta' xhud ma tiġi milqugħa minħabba –*

*(b) li kien imputat tal-istess reat li fuqu tkun meħtieġa x-xiehda tiegħu, meta l-Gvern ikun wegħdu jew tah l-impunità sabiex hekk ikun jista' jixhed*

Ir-regola hija desunta *a contrario sensu* minn dak li jipprovdi l-paragrafu (b) tal-artikolu 636, fis-sens li l-ko-akkużat isir xhud kompetenti fir-rigward ta' ko-akkużat, biss wara illi l-każ fil-konfront tiegħu ikun ġie definittavament deċiż. Illi kif gie ritenut fis-sentenza **<u>fl-ismijiet Il-Pulizija vs Omisses, Anthony Galea</u>**:[94]

*"Id-difiza tal-imputat sostniet li l-istqarrija tal-ko-imputat ma hiex ammissibbli bħala prova f'din il-kawża. L-artikolu 658 huwa pjuttost ċar fir-regoli li jistabbilixxi dwar meta u fejn stqarrija ta' ko-akkużat hija ammissibbli bħala prova favur jew kontra ko-akkużat ieħor, u f'liema kontest ko-akkużat jista' jixhed fil-konfront ta' ko-akkużat ieħor.*

*Dak enunċjat fl-Artikolu 636(a) u (b) tal-Kodiċi Kriminali, u anke minn ġurisprudenza tal-Qrati tagħna juru fejn ix-xhieda tal-ko-akkużat ma tikkostitwixxi ebda prova, la kontra u lanqas favur l-akkużat jew l-akkużati l-oħra, u b'hekk mhux ammissibbli bħala tali.*

*Din ir-regola hija desunta a contrario sensu minn dak li jipprovdi l-paragrafu (b) tal-artikolu 636, fis-sens li l-ko-akkużat isir xhud kompetenti fir-rigward ta' ko-akkużat, biss wara illi l-każ fil-konfront tiegħu ikun ġie definittavament deċiż. (enfasi ta' din il-Qorti)*

*Fil-kaz odjern, il-kaz kontra l-ko-akkuzat Gilbert Galea ghadhu mhux deciz. Id-difiza ssostni li hawn tapplika r-regola indikata, u b'hekk dak kollu li qal il-ko-imputat mhux ammissibbi fil-konfront ta' xulxin.*

*Il-Qrati tagħna kellhom l-opportunità li jippronunzjaw ruħhom fuq dan il-prinċipju f'diversi każijiet fosthom Sua Maesta r-Re vs Carmeo Cutajar ed altri, Qorti Kriminali 18 ta' Jannar, 1927; Il-Pulizija vs*

[94] Decided by the Court of Magistrates as a Court of Criminal Judicature on the 25th March 2019.

*Toni Pisani Appell Kriminali 11 ta' Novembru, 1944; Il-Maesta tiegħu r-Re vs Karmenu Vella, Qorti Kriminali 3 ta' Dicembru, 1947; The Police vs Alfred W. Luck et, Appell Kriminali 25 ta' April, 1949; IrRepubblika ta' Malta vs Faustino Barbara, Appell Kriminali 19 ta' Jannar, 1996; Il-Pulizija vs Nasher Eshtewi Be Hag et, Appell Kriminali 2 ta' Frar, 1996; Il-Pulizija vs Carmelo Camilleri u Theresa Agius, Appell Kriminali 11 ta' Lulju, 1997, u r-Repubblika ta' malta vs Domenic Zammit et Appell Kriminali 31 ta' Lulju, 1998, IrRepubblika ta' Malta vs Ian Farrugia, Qorti Kriminali Digriet Datat 22 ta' Dicembru, 1998.*

*Din ir-regola giet interpretata u estiza mill-gurisprudenza biex anki tkopri kazijiet fejn persuni li jkunu akkuzati bl-istess reat imma fi proceduri separati ma jkunux meqjusa bhala xhieda kompetenti u producibbli kontro ko-akkuzati jew ko-imputati ohrajn, hlief meta l-process tax-xhud ikun gie deciz definittivament. Il-Qorti tal-Appell Kriminali fis-sentenza fl-ismijiet "**Il-Pulizija vs Omissis u Saada Sammut**" spjegat li:*

*"Hekk di fatti kien gie ritenut mill-Qorti Kriminali b'Digriet tat-22 ta' Dicembru, 1998 fil-kawza "**Ir-Repubblika ta' Malta vs. Ian Farrugia**". Dik il-Qorti, f'dak id-Digriet, wara li ghamlet riferenza ghallgurisprudenza hemm citata, rriteniet li persuna li tkun akkuzata, kemm bhala komplici kif ukoll bhala ko-awtur,bl-istess reat migjub kontra dak l-akkuzat l-iehor ma tistax tingieb bhala xhud favur jew kontra dak l-akkuzat l-iehor sakemm il-kaz taghha ma jkunx gie definittivament deciz u li dan il-principju japplika sija jekk dik ilpersuna tkun giet akkuzata fl-istess kawza tal-akkuzat l-iehor – b' mod li jkun hemm "ko-akkuzati" fil-veru sens tal-kelma – u sija jekk tkun akkuzata fi proceduri separati. Il-bazi ta' dan ilprincipju hu l-argument "a contrario sensu" li jitnissel mill-paragrafu (b) tal-Artikolu 636 tal-Kodici Kriminali. Konsegwentement dik il-Qorti kienet iddecidiet li dak ix-xhud li kien akkuzat bhala ko-awtur blistess reat li bih l-akkuzat kien jinsab akkuzat, ma hux kompetenti li jixhed, qabel ma l-kaz tieghu*

*jghaddi in gudikat. (Ara ukoll fl-istess sens Digriet tal-Qorti Kriminali fil-kawza "**Ir-Repubblika ta' Malta vs. Brian Vella**" [4.2.2004] u ohrajn.) L-unika eccezzjoni ghal dirregola hi proprju dik kontenuta fl-art. 636 (b) li tirrendi tali xhud kompetenti biex jixhed ghalkemm ikun imputat tal-istess reat li fuqu tkun mehtiega x-xhieda tieghu, meta l-Gvern ikun weghdu jew tah limpunita' sabiex hekk ikun jista' jixhed."*

*Il-Qorti taghmel referenza ukoll ghad-digriet imsemmi fid-decizjoni appena kwotata liema digriet inghata fit-22 ta' Dicembru 1998 filkawza "**Ir-Repubblika ta' Malta vs. Ian Farrugia**", fejn il-Qorti Kriminali qalet hekk: "*

*Il-gurisprudenza hi cara fuq dan il-punt: persuna li tkun akkuzata, kemm bhala komplici kif ukoll bhala ko-awtur, blistess reat migjub kontra akkuzat iehor ma tistax tingieb bhala xhud favur jew kontra dak l-akkuat l-iehor sakemm il-kaz taghha ma jkunx gie definittament deciz. Dan il-principju japplika sia jekk dik il-persuna tkun giet akkuzata fl-istess kawza tal-akkuzat l-iehor – b'mod li jkun hemm "ko-akkuzati" fil-veru sens tal-kelma – u sia jekk tkun akkuzata fi proceduri separat."*

Dan il-kaz hekk kif citat ezatt *supra*, qed jigi kwotat ghaliex jaghti spjegazzjoni dwar l-interpretazzjoni tal-Artikolu 636(b) tal-Kodici Kriminali. Din il-Qorti tifhem illi hemm differenza bejn kazijiet fejn ikun hemm ko-akkuzat/komplici f'kazijiet per ezempju ta' traffikar ta' droga u kazijiet ohrajn u dan minhabba l-Artikolu 30A tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta. Madankollu, filwaqt illi l-Artikolu 30A tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta jaghmel deroga espressa ghall-Artikolu 661 tal-Kodici Kriminali, ma jaghmel l-ebda deroga għall-Artikolu 636(b) tal-Kodici Kriminali. Li kieku l-legislatur ried jidderoga mid-disposizzjonijiet tal-Artikolu 636(b) tal-Kodiċi Kriminali, allura dan kien jaghmlu espressament kif għamel fil-kaz tal-Artikolu 661 tal-istess Kodici - *ubi lex voluit dixit*. Ghaldaqstant, din il-Qorti ma tistax ma taqbilx mal-Ewwel Qorti f'dan ir-rigward specjalment meta qalet illi meta xehed Bartolo ma kienx xhud ammissibli fl-istadju li hu xehed. L-Ewwel Qorti spjegat dwar ir-regola mpostata fl-Artikolu 636(b) tal-Kodici Kriminali li hija evidenti u dan ghaliex ko-akkuzat, li allura l-kaz tieghu

jkun ghadu pendenti, ikollu kull interess illi jtaffi l-htija jew ir-responsabilita` tieghu u jixhet tali htija u responsabilita` fuq haddiehor. Il-proceduri kontra Bartolo kienu ghadhom ghaddejin meta xehed fil-proceduri kontra l-appellat. Madankollu *pendente lite* ghal dawn il-proceduri, l-kawza kontra Bartolo giet deciza. La darba Bartolo kien gudikat definittivament allura dak li seta' xehed, la kien se jkun ta' pregudizzju u lanqas favorevoli ghalih u huwa proprju ghal din ir-raguni li ko-akkuzat ikun kompetenti bhala xhud fil-konfront ta' terza persuna akkuzata bl-istess reat, biss f'dan l-istadju.

Filwaqt illi din il-Qorti hija konxja mis-sentenzi ricenti ccitati mill-Avukat Generali u cioe' **The Police vs Paul Ugochukwu Offar**[95] u r-**Repubblika ta' Malta vs Malcolm Joseph Falzon,**[96] tghid li ghar-ragunijiet moghtija *supra* hija ma taqbilx maghhom. L-Avukat Generali jargumenta illi allura l-Artikolu 30A tal-Kap. 101 spicca bla effett. Il-Qorti qedgha hemm sabiex tiddeciedi abbazi tal-ligi u kif diga gie ritenut, dak li l-legislatur irid, jghidu kif specifika l-eccezzjoni mill-Artikolu 661. Jekk il-legislatur ihoss illi hemm bzonn emenda f'dan ir-rigward, imbaghad id-decizjoni ta' din il-Qorti ghaf tkun xorta ohra. In vista tas-suespost, din il-Qorti qedgha tichad it-tieni aggravju mressaq mill-Avukat Generali.

**It-tielet aggravju** mressaq mill-Avukat Generali jirrigwarda l-assocjazzjoni ghat-traffikar tad-droga. L-appellat fl-ewwel tlett akkuzi gie akkuzat bir-reat t'assoccjazzjoni ma' terzi persuni sabiex ibiegh jew jitraffika l-cannabis grass, kokaina u eroina jew illi ippromwova, ikkostitwixxa, organizza jew iffinanzja din l-assocjazzjoni.

Illi r-reat tal-assocjazzjoni, li huwa wiehed mill-atti preparatorji ghar-rejat konsmat jew attentat u li ghalhekk jista' jirrizulta indipendentement mill-kommissjoni tar-reat mahsub jew it-tentattiv tieghu jirrikjedi l-konkorrenza ta' tlett elementi: il-ftehim bejn tnejn minn nies jew aktar; l-intenzjoni li jsir ir-reat (specifikat u mhux wiehed generiku); u pjan ta' azzjoni miftiehem.[97]

[95] Deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali (Sede Inferjuri) nhar it-13 ta' Settembru, 2022.
[96] Deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali (Sede Superjuri) nhar il-25 ta' Jannar, 2023.
[97] Ara **Il-Pulizija vs Kitanchev Blagoy Zhorov et** deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar it-28 t' Ottubru, 2021.

Filwaqt illi d-dispozizzjoni generali dwar ir-reat tal-assoccjazzjoni nsibuha fl-Artikolu 48A tal-Kodici Kriminali, insibu ligi specifika li tirregola r-reati marbuta mat-traffikar u pussess ta' droga u dan fl-Artikolu 22(1)(f) tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta.

Fis-sentenza fl-ismijiet **Ir-Repubblika ta' Malta vs Davide Bonanno**[98] gie ritenunt is-segwenti fuq ir-reat tal-assocjazzjoni f'dan ir-rigward:

*A. Ir-reat ta'l-assocjazzjoni:*

*11. Issa skond l-artikolu 22(1)(f) tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta, ikun hati ta' reat kull min:*

*"jassoċja ruħu ma' xi persuna jew persuni oħra f'Malta jew barra minn Malta sabiex ibigħ jew jittraffika mediċina f'Malta kontra ddispożizzjonijiet ta' din l-Ordinanza, jew li jippromovi, jikkostitwixxi, jorganizza jew jiffinanzja l-assoċjazzjoni."*

*12. U skont l-artikolu 22(1A):*

*"L-assoċjazzjoni ta' persuni msemmija fil-paragrafi (d) u (f) tas-subartikolu preċedenti teżisti malli jiġu kkumbinati jew miftehma l-mezzi, ikunu li jkunu, li bihom dawk il-persuni għandhom jimxu."*

*13. Skont il-gurisprudenza kostanti tal-Qrati, l-elementi kostituttivi tar-reat ta' assocjazzjoni kontemplat fil-Kapitolu 101 huma essenzjalment erbgħa u senjatament:*

***"1. iz-zmien li fih ikun sar ir-reat;***
***2. li jkun hemm mill-inqas persuna ohra, kienet minn kienet f' Malta jew barra minn Malta, li tkun involuta;***
***3. sabiex tigi traffikata d-droga; u***

[98] Deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali (Sede Superjuri) nhar l-4 t' Ottubru, 2023.

***4. li jkun hemm il-ftehim dwar il-mod kif din id-droga ser tigi traffikata. It-traffikar ghandu definizzjoni wiesgha u din tinkludi mhux tfisser kwalsiasi movement ta' droga minn id ghal id kemm versu korrispettiv kif ukoll b' mod gratuwitu.'***[99]

14. *L-appellant jargumenta illi mill-provi li ressqet il-Prosekuzzjoni dawn l-elementi ta' dritt ma kenux jirriżultaw, u ċioe' illi fid-data indikata fl-Att ta'l-Akkuża, fil-jum tal-1 ta' Ottubru 2018 u/jew fil-granet jew il-ġimgħat ta' qabel din id-data, kien seħħ xi ftehim bejnu u terzi persuni jew persuna sabiex tkun importata u ttraffikata ddroga ġewwa Malta. Jikkontendi illi la hemm prova dwar il-ftehim u allura wisq anqas dwar l-modus operandi ta' dina l-allegata assoċjazzjoni kriminuża, id-data meta dan l-allegat ftehim seħħ u min kienu il-persuni involuti fl-istess, bil-pulizija tonqos milli tinvestiga lil terzi persuni li setgħu kienu mplikati f'din l-allegata konġura kriminali.*

15. *Illi dawn il-każijiet li jitrattaw l-assoċjazzjoni fir-reat ta'l-importazzjoni u traffikar tad-droga spiss jippreżentaw ċertu diffikulta' lill-Prosekuzzjoni sabiex jissostanzjaw dina l-akkuża billi l-att materjal konsistenti fil-ftehim, bejn tnejn jew aktar minn nies, jippreżenta ruħu ħafna drabi f'forma astratta b'dan illi min jkun ħa l-briga li jassoċja ruħu ma' terza persuna għal fini biex tiġi traffikata d-droga ser jara illi ma jħallix traċċi warajh li b'xi mod jindikaw l-esistenza ta' tali ftehim. Illi l-qrati taghna spiss gew rinfaċċjati b'tali diffikulta' kif joħroġ ċar mill-ġurisprudenza in materja.*

16. *Illi is-sentenza li dahlet funditus fl-elementi tar-reat ta'l-assoċjazzjoni hija* ***Ir-Repubblika ta' Malta vs Godfrey Ellul,***[100] *fejn din il-Qorti, kif diversament komposta, ikkowtat awturi u ġurisprudenza meta saħħqet illi l-prova tal-ftehim tista' tirriżulta minn inferenzi li joħorġu mill-attivita' kriminali li ssegwi dan il-patt kriminuż. Iżda mhux biss, għaliex jistgħu jippreżentaw rwieħhom*

[99] *Ir-Repubblika ta' Malta vs Simon Xuereb – deciza Qorti Kriminali – 05/01/2004*
[100] Deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali (Sede Superjuri) nhar is-17 ta' Mejju, 2005.

*każijiet fejn dak pattwit ma jkunx ġie attwat għal xi raġuni kemm indipendenti mill-volonta' tal-malviventi, kif ukoll għal motivi oħra li jistgħu iwassluhom biex jiddesistu mill-agir kriminali b'mod volontarju. F' dawn il-każijiet ir-reat ta'l-assoċjazzjoni xorta waħda jissussisti bl-att materjali allura jkun il-ftehim milħuq bejn tnejn jew aktar:*

***"F'Archbold's Criminal Pleading, Evidence and Practice 2003 naqraw: "The essence of conspiracy is the agreement. When two or more agree to carry their criminal scheme into effect, the very plot is the criminal act itself: Mulcahy v. R. (1868) L.R. 3 H.L. 306 at 317; R. v. Warburton (1870) L.R. 1 C.C.R. 274; R. v. Tibbits and Windust [1902] 1 K.B. 77 at 89; R. v. Meyrick and Ribuffi, 21 Cr.App.R. 94, CCA. Nothing need be done in pursuit of the agreement: O'Connell v. R. (1844) 5 St.Tr.(N.S.) 1." "The agreement may be proved in the usual way or by proving circumstances from which the jury may presume it: R. v. Parsons (1763) 1 W.Bl. 392; R. v. Murphy (1837) 8 C. & P. 297. Proof of the existence of a conspiracy is generally a "matter of inference, deduced from certain criminal acts of the parties accused, done in pursuance of an apparent criminal purpose in common between them": R. v. Brisac (1803) 4 East 164 at 171, cited with approval in Mulcahy v. R. (1868) L.R. 3 H.L. 306 at 317."***

*17. Illi mbagħad fid-deċiżjoni '**The Republic of Malta vs Steven Jon Louis Marsden**[101], din il-Qorti, diversament komposta, kompliet tamplifika fuq il-grad tal-prova meħtieġa sabiex jissussisti r-reat ta'l-assoċjazzjoni fit-termini ta'l-Artiklu 22(1)(f) Kap.101 tal-Liġijiet ta' Malta meta qalet hekk:-*

***"In the Godfrey Ellul case this Court had not stated that this is the position under Maltese law. However, it is in agreement with what is stated therein as it is quite clear from the said***

[101] Deciza nhar it-2 ta' Novembru, 2009.

*quotation that evidence of a conspiracy is not necessarily or only derived by inferring it from criminal acts of the parties involved. Indeed, a conspiracy may exist even though there is no subsequent criminal activity, that is to say even though the agreement to deal in any manner in a controlled substance is not followed by some commencement of execution of the activity agreed upon. In such circumstances it is obvious that no inference can be drawn from criminal acts because there are no criminal acts subsequent to the conspiracy itself. Indeed, the quotation from Archbold clearly states that a conspiracy may also be proved "in the usual way" – so by means of direct evidence and/or circumstantial evidence which must be univocal, that is to say, that cannot but be interpreted as pointing towards the existence of a conspiracy. ….*

*As one finds stated in the 2008 Edition of Blackstone's Criminal Practice:*

*"There are no special evidential rules peculiar to conspiracy. In Murphy (1837) C C & P 297, proof of conspiracy was said to be generally 'a matter of inference deduced from certain criminal acts of the parties accused', but there is no actual need for any such acts, and conspiracies may also be proved, inter alia, by direct testimony, secret recordings, or confessions…".*

*This appears to be also the position in Scots law. Professor Gerald Gordon, in his standard text The Criminal Law of Scotland makes reference to the dictum of Lord Avonside in Milnes and Others (Glasgow High Court, January 1971, unreported) to the effect that "you can have a criminal conspiracy even if nothing is done to further it", adding that, indeed, this is the very essence of conspiracy."*

*18. Illi eżaminati l-atti u x-xhieda, din il-Qorti allura trid tara jekk il-ġurati setgħux legalment u raġjonevolment jaslu sabiex jistabbilixxu, kemm mill-provi diretti kif ukoll dawk ċirkostanzjali, illi kien jeżisti xi ftehim bejn l-appellant u terza persuna jew persuni sabiex tiġi importata u ittraffikata d-droga ġewwa Malta.'*

L-Avukat Generali fir-rikors tieghu jghid ukoll li l-Ewwel Qorti ghamlet apprezzament hazin tal-provi in kwantu l-ewwel, it-tieni, u t-tielet akkuzi fil-konfront tal-appellat li wassal għal-liberazzjoni tal-appellat mill-akkużi kollha kif dedotti kontrih. Illi din il-Qorti bhala Qorti tal-Appell Kriminali ma tiddisturbax decizjoni tal-ewwel Onorabbli Qorti jekk l-ewwel Qorti setghet ragonveolment u legalment tasal ghal dik id-decizjoni. Din il-Qorti jehtiegilha madankollu li tifli l-atti u tevalwa x-xhieda u dan anke sabiex tara jirrizultax ir-reat t' assocjazzjoni.

**L-Ispettur Gabriel Micallef**[102] xehed quddiem l-Ewwel Qorti nhar il-15 t' Ottubru, 2014 fejn qal li nhar id-29 ta' Settembru, 2014 kellhom informazzjoni li kellha ssir *deal* tad-droga bejn Brian Godfrey Bartolo u Trevor Borg gewwa San Pawl il-Bahar qrib Piscopo Cash and Carry. Kienu assenjaw xi pulizija hemmhekk ghall-osservazzjoni u kienu nnutaw lil dawn il-persuni jaghmlu kuntatt u hekk kif ghamlu dan marru fuqhom. Bartolo instema jghid is-segwenti kliem lill-Trevor Borg: '*Hxejtni, ghalfejn ghamiltli hekk?*' minn hemmhekk gew arrestati u mgharrfa bid-drittijiet taghhom.

In kontro-ezami jghid li ma sabu l-ebda droga fuq Borg. Ikkonferma li d-droga nstabet ghand Bartolo u kellu madwar mitt gramma kannabis u nofs gramma eroina. Jghid li Borg kien qal lil Bartolo li hu ragel ghaliex dan tal-ahhar haseb li Borg ghamillu *control delivery*.

L-Ispettur Micallef[103] rega' xehed nhar il-5 ta' Novembru, 2015 fejnipprezenta sentenza tal-Qorti moghtija fil-konfront tal-appellat. Nhar il-21 t' April 2016. L-Ispettur

[102] Fol. 28 et seq tal-process.
[103] Fol. 202 tal-process.

Micallef[104] rega' xehed fejn esebixxa vera kopja tad-digriet tal-helsien mill-arrest fil-konfront tal-appellat.

Nhar is-7 ta' Marzu, 2019, l-Ispettur Micallef [105] xehed u kklarifika li kien hemm mobile Samsung abjad li ngabar minghand Azzopardi, tnejn Nokia minghand l-appellat u zewg Samsung suwed li hadd ma kien refa' responsabbilta' taghhom.

**<u>PS 923 Pierre Guido Saliba</u>**[106] xehed nhar il-15 t' Ottubru, 2014 fejn qal li nhar id-29 ta' Settembru, 2014 ghal habta ta' 12.45 p.m., kienu qeghdin fejn Piscopo Cash and Carry hdejn ir-*roundabout*, u dan ghaliex kien ser isir skambju ta' Droga bejn Borg u Bartolo. Filwaqt illi huwa kien fuq wara, fuq in-naħa tal-passiggier, f'vettura misjuqa mill-Pulizija, hekk kif raw lill-appellat u lil Bartolo fuq il-post, saqu u huwa ra lill-istess appellat jaghmel kuntatt ma' Bartolo u ghaddielu xi haga. Flimkien mas-Surġent Baldacchino, peress li l-appellat ma offriex rezistenza, marru fuq Bartolo u ra illi l-istess Bartolo "Kellu id li saret l-iskambju biha kien qieghed izommha ponn, go fiha kien hemm ammont ta' flus". Bartolo beda jghid lil Borg li dan kien iffrejmjah u ghamillu *control delivery* izda Borg beda jghidlu li hu ma jaghmilx dawn l-affarijiet jghid li Bartolo qalli li Borg kien ghaddielu dawk il-flus sabiex jghaddilu borza kannabis imdaqqsa. Jghid li fil-vettura ta' Bartolo, instabu u gew elevati dak illi x-xhud jiddeskrivi bhala borza tal-cannabis imdaqqsa, zewġ samples ohra ta' cannabis, sample ta' eroina u borza zghira bil-kokaina. In kontro-ezami qal li rrizultalu li l-appellat kien qieghed jixtri mhux ibiegh. Qal ukoll illi mid-distanza li kien fiha meta beda l-kuntatt bejn l-imputat u Bartolo, huwa ma setax jisma' jekk inghadx diskors bejniethom, kif ukoll illi f'pouch illi kien fuq Bartolo, instab ammont konsiderevoli ieħor ta' flus.

**<u>PC 467 Graham Baldacchino</u>**[107] xehed nhar il-15 t' Ottubru, 2014 fejn spjega illi dakinhar tad-29 ta' Settembru, 2014 ghall-habta ta' 12:45 hu kien xufier tal-vettura li fiha kien hemm ukoll PS 923 Pier Guido Saliba u PS 891 Oscar Baldacchino. Huma marru fejn Piscopo San Pawl u waqqfu wara l-vettura ta' Bartolo. Hu jghid li hareg

[104] Fol. 257 tal-process.
[105] Fol. 439 tal-process.
[106] Fol. 35 et seq tal-process.
[107] Fol. 39 et seq tal-process.

min-naha tax-xufier u jghid li kien hemm ukoll certu Dillon Azzopardi, li telaq jiġri hekk kif il-Pulizija nizlu mill-vettura u resqu lejn il-vettura ta' Bartolo, izda dan gie mwaqqaf mix-xhud u ttiehed lura hdejn il-vettura ta' Bartolo. Baldacchino qal illi hekk kif tlestiet it-tfittxija fil-vettura ta' Bartolo, u gew biex idahhluh fil-vettura tal-Pulizija biex jehduh lejn id-Depot, dan dar fuq l-appellat u qallu "Int pufta, hxejtni ghamiltli *control delivery*", ghal-liema l-appellat wiegeb "Jien ma naghmilx dawn l-affarijiet".

**PS 364 David Borg**[108] xehed nhar il-15 t' Ottubru, 2014 fejn jghid li dakinhar tad-29 ta' Settembru, 2014 hu jghid li assista lil PS 891, PS 923 u PC 467 minhabba li kienu ftit pulizija u kien hemm tlett arrestati. Hu jghid li skorta lil Bartolo lejn id-Depot flimkien mal-evidenza.

**Josef Galea**[109] xehed nhar l-10 ta' Dicembru, 2014 fejn qal li kien qieghed jixhed ghan-nom u in rapprezentanza ta' MIB Insurance Agency. Spjega li l-appellat kellu claim maghom fuq dghajjsa u ghamlu settlement madankollu ma thallsitx ghax l-appellat kellu l-assi ffrizati. Ikkonferma illi sabiex huma jhallsu riedu awtorizzazjoni mill-Qorti.

**PS 644 Evan Camilleri**[110] fejn qal illi nhar id-29 ta' Settembru kien nominat flimkien ma kollega tieghu dwar sejba ta' droga gewwa San Pawl il-Bahar.hu flimkien mal-kollega tieghu acceda gewwa Flat 1510/11 Residentials Blk A Triq il-Pijunieri San Pawl il-Bahar fejn hemmhekk waqt tfittxijali bdiet issir minn Membri Tad-Drug Squad gew elevati xi affarijiet, xi oggetti relatati mad-droga, kif ukoll sustanza suspettata droga u ttiehdu xi ritratti. Sussegwentament dawn l-oggetti gew mghoddija lill-esperti nominate fl-inkjesta.

**PS 891 Oscar Baldacchino**[111] xehed nhar l-14 t' April 2015 fejn qal li nhar id-19 ta' Settembru 2014 kellhom xi nformazzjoni li kien ser isir deal tad-droga gewwa Triq l-Erba' Mwiezeb, San Pawl il-Bahar. Hu flimkien ma PS928 u PC 467 marru fuq il-post u waqqfu vettura Vitz bin-numru tar-registrazzjoni TBZ982 li fiha kien hemm Bartolo, l-appellat u certu Dillon Azzopardi. Fil-vettura ta' Bartolo nstabet borza tal-plastik

[108] Fol. 41 et seq tal-process.
[109] Fol. 70 et seq tal-process.
[110] Fol. 89 et seq tal-process.
[111] Fol. 135 et seq tal-process.

b'sustanza hadranija suspettata kannabis grass kif ukoll ammont ta' flus. Bartolo kien qal lill-appellat li dan tal-ahhar kien ghamillu *control delivery*. Sussegwentament gew arrestati u eskortati lejn id-Depot. Minn fuq l-appellat gew elevati zewg mobiles tal-ghamla Nokia u minn fuq Azzopardi gie elevat mobile tal-ghamla Samsung. Jghid li x'hin waslu huma, jekk kien hemm kuntatt kien lahaq sar qabel ghax Bartolo kien gahdu bil-flus f'idu, pero' s-suspettata droga kienet ghadha fil-karozza. Jghid li Brian ma qallux ta' xiex kienu l-flus. Jghid li Bartolo kien fil-karozza bil-bieba miftuha. Jghid li saret tfittxija fil-karozza. Jghid li l-flus li kellu kien fil-ponn ta' Bartolo u ma jirizultalux li kien hemm xi flus fil-karozza. L-appellat ma kellu xejn illegali u lanqas flus fuqu ma kellu. Huma kienu daqsxejn il-boghod minnhom u mhux *within a hearing distance*.

**<u>Kurt Mahoney</u>**[112] xehed nhar l-14 t' April 2015 fejn qal li hu analizza zewg laptops, seba' mobile phones, wiehed satellite phone u ghamel estrazzjoni tal-kontenut. Mahoney[113] xehed fejn ipprezenta l-*call profiles tas-service providers*.

**<u>PS 612 Theo Vella</u>**[114] xehed nhar is-16 ta' Settembru 2015 fejn ikkonferma r-relazzjoni li kien ipprezenta l-kollega tieghu PS 644 Evan Camilleri. Rega' xehed nhar il-5 ta' Novembru, 2015[115] u kkonferma Dok EC bil-gurament.

**<u>L-Ispizjar Godwin Sammut</u>**[116] xehed nhar is-16 ta' Settembru, 2015 fejn spjega li hu gie mahtur fl-inkjesta dwar is-sejba ta' sustanza suspettata droga go Flat 15, 10/11 Residentials, Blokk A, Pioneer Road, St. Paul's Bay nhar id-29 ta' Settembru, 2014. Hu gie moghti tnejn u ghxrin dokument minghand PS 644 u ghamel analizi fuq dawn id-dokumenti. Jghid li bhala konkluzjoni fuq estratti mehuda mill-haxix ta' lewn ahdar li hemm fid-dokumenti 138 15 01 02 u 06 instabet is-sustanza Tetrahydrocannabinol il-piz totali tal-haxix kien ta' 1025.84 grammi u l- purita' kienet ta' cirka 5.5 per cent. Hu kien gie mitlub sabiex jaghti l-valur li l-kannabis herb hija ta' 25Euro kull gramma. Dan jaghti total ta' 25,646Euro. Kien hemm xi trab abjad li hemm fid-dokument 138 15 02

[112] Fol. 141 et seq tal-process.
[113] Fol. 264 et seq tal-process.
[114] Fol. 162 tal-process.
[115] Fol. 201 tal-process.
[116] Fol. 163 et seq tal-process.

05 06 illi instabet is-sustanza kokaina. Il-piz tat-trab kien ta' 20.80 grammi u l-purita' kienet ta' cirka 15 per cent. Bhala valur li huwa ta' hamsin euro kull gramma jaghti total ta' 1,004 Euro. Kien hemm ukoll xi trab ta' lewn kannella li fuq estratti mehuda min dan it-trab instabet is-sustanza Eroina. Il-piz tat-trab kien ta' 0.47 grammi u l-purita' kienet ta' cirka 18 per cent. Skont il-Malta National Report il-valur ta' Eroina huwa ta' 58Euro kull gramma li jaghti totali ta' 27.26 Euro.

L-ispizjar Sammut[117] rega' xehed nhar it-28 ta' Jannar, 2016 fejn spjega li gie mitlub sabiex jipprezenta kopja tar-rapport tieghu fl-inkjesta dwar is-sejba 'sustanza suspettata droga go 'Flat 15, 10/11 Residentials Block A Pioneer Road, San Pawl il-Bahar' nhar d-29 ta' Settembru 2014. Bhala konkluzjoni kien hemm xi haxix ta' lewn ahdar li fuq estratti mehuda min dan il-haxix irrizulta pozittiv ghal tetrahydrocannabinol. Il-piz total tal-haxix 1025.84grammi u l-purita' kienet ta' cirka 5.5%. Kien hemm ukoll trab ta' lewn abjad li irrizulta pozittiv ghal kokaina u bhala piz kien ta' 20.08grammi u l-purita' kienet ta' cirka 15%. Kien hemm ukoll kien ta' xi trab ta' lewn kannella li rrizulta pozittiv ghal eroina. Il-piz kien ta' 0.47grammi, il-purita' kienet ta' cirka 18%.

**John Seychell Navarro**[118] xehed nhar l-10 ta' Marzu, 2016 fejn ipprezenta rapport tal-assi ta' Trevor Borg.

**PS 659 Jeffrey Hughes**[119] xehed nhar l-10 ta' Marzu, 2016 fejn ipprezenta kopja tar-relazzjoni tieghu rigward inkjesta dwar sejba ta' sustanza suspettata li hija droga tal-abbuz fi 'Flat 5 Blokk A Pioneer Road, San Pawl il-Bahar' nhar id-29 ta' Settembru 2014. Kien gie nominat bhala espert tal-impronti digitali, kien ezamina xi dokumenti ghall-impronti digitali. Kien hemm ukoll arma tan-nar, din wara li kont ezaminajta kont tajtha lura lis-surgent 602 Jonathan Attard. Hu pprezenta r-relazzjoni tieghu flimkien mar-ritratti tieghu tal-esebiti li ezaminawhom kif ukoll xi impronti li gew zviluppati fuq xi foil.

[117] Fol. 215 tal- process.
[118] Fol. 242 tal-process.
[119] Fol. 243 et seq tal-process.

**L-Ispettur Saviour Baldacchino**[120] xehed nhar is-17 ta' Novembru, 2016 fejn ikkonferma d-digriet tal-helsien mill-arrest esebit fol. 258 tal-process. In kontro-ezami jghid li l-kaz kellu x'jaqsam fuq xi hsara ta' bieb. Qabel inqata' l-kaz Borg kien ipprezenta ricevuta li hallas il-hsara tal-bieb ta' Brian Bartolo u ghalhekk dan tal-ahhar u l-aappellat kienu ltaqghu la hallsu.

**Dr Steven Farrugia Sacco**[121] xehed nhar id-29 ta' Novembru, 2017, fejn ipprezenta nota. Nhar l-20 ta' Marzu, 2018 hu[122] rtira xi dokumenti/evidenza mill-atti. Dr Farrugia Sacco[123] xehed nhar l-4 t' Ottubru, 2018 fejn spjega li gie mitlub jaghmel *cross-reference analysis* bejn il-mobile ta' Bartolo u l-appellat. Hu wettaq l-inkarigu billi ezamina *hard drive* li kiwn irtirat, kif ukoll dokumenti li rrizultaw fl-atti tal- process fejn a bazi tal-informazzjoni disponibbli u moghtija lilu rrizulta informazzjoni ossija *call logs* li jistghu jigu abbinati mal-isem tal-appellat Trevor Borg izda ma rrizultax data li tista' tigi abbinata ma' Brian Godfrey Bartolo u dan kif spjegat fir- rapport.

**Joseph Mallia**[124] xehed nhar l-20 ta' Marzu, 2018 fejn gie awtorizzat jiehu kopja tal-impronti digitali u tal-marki tal-pali tal-idejn tal-appellat. Hu ha kopja tal-impronti digitali u tal-marki tal-pali tal-idejn seduta stante. Is-Sur Mallia rega' xehed nhar l-24 t' April 2018 fejn qal li ghamel l-ezami komparativ u li filwaqt li kien hemm xi impronti tajbin ghal fini ta' komparazjoni, ohrajn ma kienux. Dawk li kienu tajbin ghal komparazzjoni l-ebda ma kienet taqbel ma tal-appellat.

**L-appellat Trevor Borg**[125] xehed nhar l-4 t' Ottubru, 2020 fejn qal illi xi hames jew sitt snin qabel, huwa kellu kaz ma' Brian Bartolo u dan fis-sens illi huwa kellu xi għodda fir-residenza ta' Bartolo, huwa riedha u allura ha l-ligi b'idejh billi mar u fetahlu l-bieb tal-garaxx gewwa l-Mosta, bir-rizultat illi nqabad mill-Pulizija fil-fatt. Huwa jixhed ukoll illi matul il-proceduri dwar dak il-kaz, huwa tkellem mal-Avukat tieghu u ssuggerixxa li jhallas id-danni kkagunati lil Bartolo. Ghalhekk hu ltaqa' ma' Bartolo

[120] Fol. 305 tal-process.
[121] Fol. 353 tal-process.
[122] Fol. 364 tal-process.
[123] Fol. 402 et seq tal-process.
[124] Fol. 366 tal-process.
[125] Fol. 475 et seq tal-process.

gewwa l-Mosta u talbu sabiex igiblu stima tal-ispejjez tal-hsarat fil-garaxx, ghal-liema dan wiegbu illi kellu wkoll xi ghodda. L-appellat xtaq illi l-kaz tieghu ma jiehux fit-tul. Jixhed ukoll illi rega' ltaqa' ma' Bartolo, li gablu stima u huwa talbu ricevuta wkoll. Bartolo tah ricevuta ta' disa' mitt ewro (€900), liema ricevuta, datata 8 ta' Mejju 2014, giet esebita mid-difiza. Skont l-appellat, hekk kif Bartolo tah din ir-ricevuta, huwa hallsu disa' mitt ewro (€900) u kien għad jonqsu jhallas sitt mitt ewro (€600). Talab lil Bartolo sabiex jaghtieh ftit cans ta' tlieta jew erba' xhur għax dak iz-zmien ma kellux xoghol fiss, b'dan illi fil-proceduri Bartolo kellu jiddikjara li kien qed jahfirlu. Jixhed ukoll illi ghaddew xi tlieta jew erba' xhur, cempillu Bartolo, jew kien hu li cempel lil Bartolo, u ftehmu li jiltaqghu l-Qawra sabiex jirrangaw. Huma ltaqghu hdejn Piscopo tax-xorb, San Pawl il-Bahar. Huwa jixhed illi hekk kif ta l-flus lil Bartolo ossia s-somma ta' sitt mitt ewro (€600) sabiex ipaci l-bilanc dovut minnu u dar biex jitlaq lejn il-vettura tieghu, marru fuqu l-Pulizija u waqqfuh. Dakinhar il-kawza kontra tieghu rigward il-garaxx in kwistjoni kienet ghadha pendenti u hu ried ihallas lil Bartolo sabiex ma jehilx piena ta' prigunerija u jaqta' l-kwistjoni. Jixhed in oltre illi dakinhar huwa wasal fuq il-post bil-vettura tieghu Toyota Vitz, Bartolo kien qed isuq Toyota Vitz ukoll, kif ipparkja huwa ra lil Bartolo u resaq lejh billi resaq lejn it-tieqa tal-vettura u hallsu waqt li Bartolo kien ghadu fil-vettura tieghu. Kif tah il-flus Bartolo hadhom u hekk kif dar biex jitlaq, sema' l-kliem "*Brian ticcaqlaqx, Brian ticcaqlaqx*" u lilu tefghuh ma' hajt. Talbuh il-mobile phone u huwa tahulhom. Imbagħad beda jisma' l-kliem "*Ghalxiex ghamiltli control delivery? Ghalxiex*", filwaqt illi huwa wieġeb illi ma jaghmilx dawn l-affarijiet. Wara dan l-incident, huwa qatt ma rega' tkellem ma' Bartolo.

In kontro-ezami, l-appellat xehed illi kien iltaqa' ma' Bartolo li qallu li kien hemm xi tmien mija (800) hsarat u peress illi huwa ma kienx se jafdah talbu sabiex igiblu ricevuta u qallu li jhallsu mill-ewwel, tkun kemm tkun. Jixhed ukoll illi Bartolo tah l-istima verbalment, imbagħad tah ir-riċevuta u huwa wrieha lill- avukat tieghu, li qallu li kienet tajba u hallsu. L-ewwel darba li ltaqa' ma' Bartolo, dan tah l-istima u ma fdahx ghax ma kienx se jaqbad jaghtih il-flus mal-ewwel fuq il-kelma tieghu. Qallu sabiex igiblu ricevuta u t-tieni darba li ltaqghu, dan tah ir-ricevuta u huwa tah il-flus. Dakinhar li huwa ħallsu sitt mitt ewro (€600), madankollu Bartolo ma tahx ricevuta. Mistoqsi għaliex Bartolo beda jghidlu li ghamillu *controlled delivery*, huwa jghid illi ma jafx ghaliex qallu hekk u li kien wara li huwa sar jaf li sabu d-droga lil Bartolo fil-

karozza. Huwa ma kienx jaf li hemm id-droga, la qatt ra droga u lanqas qatt ma tkellem fuqha. Bartolo qatt ma semmielu li kellu xi droga.

**Maria Dolores Fenech**[126] xehdet nhar l-24 ta' Novembru, 2020 fejn esebiet vera kopja ta' sentenza moghtija fil-konfront ta' Trvor Borg mill-Magistrat Antonio Giovanni Vella nhar it-12 ta' Marzu, 2015 u kkonfermat li ma kien hemm l-ebda appell.

**Il-Probation Officer Maria Mifsud**[127] xehedet nhar it-23 ta' Frar, 2021 fejn spjegat li l-appellat kien qieghed jigi segwit mid-Dipartiment taghhom fuq sentenza sospiza annessa ma' supervizjoni. Din kienet bdiet fit-12 ta' Marzu 2015 sa Marzu 2019. Bazikament mill-informazzjoni li kellha l-appellat kien konsistenti fl-appuntamenti tieghu. Hareg ukoll li huwa qatt ma kellu problema tad-droga u dan seta jigi verifikat minhabba kampjuni tal-urina li kienu jittiehdu minghajr pri-avviz jigifieri Trevor qatt ma kien ikun infurmat bihom. Fil-bidu tas-supervizjoni Trevor kienet tiltaqa' mieghu l-kollega taghha u ma kienx qieghed jahdem hlif xi xoghol sporadiku. Eventwalment meta beda jipprogressa maz-zmien, spicca b'xoghol tajjeb hafna u jirsisti hafna ukoll. Ukoll ishu l-kollega taghha kienet ghamlet zjara f'Gunju tat-2017 u kienet hi prezenti maghha ukoll u kienu ltaqghu mal-mara tieghu Antoinette hu kien hareg min din il-*home visit* li ilhom flimkien f'relazzjoni u kellhom zewg ulied. Il-mara tieghu kienet semmiet ukoll li setghet tinnota li Trevor inbidel mas-snin u pprova jinqala' minn certu ambjent li ma kienx wiehed pozittiv biex jiffoka fuq il-familja.

**Ikkunsidrat**,

Illi mill-provi prodotti, din il-Qorti jidrilha illi ma ghandiex temmen lill-appellat meta dan jghid li is-sitt mitt euro (€600) mar jghaddihom lil Bartolo in konnesjoni mal-kaz tal-garaxx imsemmi *supra*. Din il-Qorti, bhal-Ewwel Qorti, ukoll temmen li l-appellat u Bartolo kellhom ftehim fuq droga, madankollu b'referenza ghall-gurisprudenza sucitata, dan ma jfissirx li kien hemm assocjazzjoni. Kif qalet ben tajjeb l-Ewwel Qorti:

[126] Fol. 481 tal-process.
[127] Fol. 489 et seq tal-process.

*"ma tezistix prova cara u inekwivoka li kien hemm xi intenzjoni da parti tal-appellat flimkien ma' Bartolo, li jinnegozzjaw d-droga jew illi kien hemm xi ftehim bejniethom dwar il-modalita` tal-pjan ta' azzjoni sabiex tigi negozjata d-droga jew illi gew ikkumbinati jew miftiehma l-mezzi li bihom l-imputat u Bartolo kellhom jimxu sabiex ibiegħu jew jittraffikaw id-droga. Il-fatt illi l-imputat kien se jakkwista d-droga mingħand Bartolo ma jwassalx neċessarjament għallkonklużjoni illi allura kien hemm ftehim fis-sens li trid il-liġi sabiex jirriżulta pruvat ir-reat ta' assoċjazzjoni jew illi l-provi mressqa "cannot but be interpreted as pointing towards the existence of a conspiracy".*[128]

Din il-Qorti tenfasizza illi l-prosekuzzjoni trid tipprova l-kaz taghha 'l hinn minn kull dubju dettat mir-raguni u dan anke hekk kif jirrizulta mill-atti processwali. Filwaqt li PS 923 Pier Guido Saliba jghid li Bartolo kien qal li l-flus li kellu f'idu kien ghaddihomlu l-appellat sabiex jghaddilu borza kannabis imdaqqsa, minn naha l-ohra PS 891 Oscar Baldacchino jghid li Bartolo ma jghidx ta' xiex kienu dawn il-flus. Diskrepanza ohra hi li filwaqt li PS 923 Pier Guido Saliba jtenni li nstab pouch li kien jikkontjeni numru konsiderevoli ta' flus ohra, PS 891 Oscar Baldacchino jghid li l-unika flus li rrizulta li kien hemm huma dawk li beda jzomm Bartolo fil-ponn t'idejh u ma rrizultalux li kien hemm xi flus fil-karozza. Wara li fliet il-provi kollha ammissibbli, din il-Qorti ma jidrilhiex li l-prosekuzzjoni rnexxila taghmel dan specjalment meta wiehed anke jinnotta d-diskrepanza fix-xhieda tal-pulzija stess.

In vista tas-suespost, din il-Qorti qedgha tichad ukoll it-tielet eccezzjoni mressqa mill-Avukat Generali.

Ghaldaqstant din il-Qorti filwaqt li qedgha tichad l-eccezzjonijiet kollha mressqa mill-Avukat Generali, tiddeciedi billi tikkonferma s-sentenza tal-Ewwel Qorti fl-intier taghha u ghalhekk tillibera lill-appellat Trevor Borg minn kull htija u piena.

[128] Sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali tat-2 ta' Novembru 2009, fl-ismijiet **The Republic of Malta vs Steven John Lewis Marsden**.

Consuelo-Pilar Scerri Herrera

Imhallef